MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
### MAGISTRAT DR.
### NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-21 ta' Frar, 2014

Numru. 351/1996

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Carmel Bartolo)**

**vs**

**Giovanni Caruana**

Il-Qorti,

Wara li rat li l-imputat Giovanni Caruana, ta’ 19-il sena, iben Paul u Dorothy nee` Zammit, imwieled Pieta` nhar l-20 ta’ Frar 1977, u residenti Block 10, Flat 7, St. Andrews Housing Project, Pembroke u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 132677M gie mressaq akkuzat talli:

Nhar is-27 ta’ April 1996, u matul ix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

a) Bla ordni skond il-Ligi tal-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuni u cioe` A u B kontra l-volonta` taghhom, jew ta l-post biex fih dawn il-persuni gew arrestati, mizmuma jew issekwestrati, liema delitt huwa aggravat billi l-persuni arrestati, mizmuma jew issekwestrati gew offizi fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt, kif ukoll sar sabiex persuna ohra, tkun imgieghla taghmel jew tonqos li taghmel att, li jekk wiehed jaghmlu jew jonqos li jaghmlu volontarjament ikun delitt;

b) Kif ukoll bil-vjolenza u bl-uzu ta' armi regulari, ikkommetta stupru fuq persuna ta' taht l-eta` ta' tnax-il sena, ta' sess il-wiehed jew l-iehor;

c) Kif ukoll b'ghemil zieni, ikkorrompa persuni ta' taht l-eta`, tas-sess il-wiehed jew l-iehor cioe` A u B, liema delitt sar bi hsara ta' persuni li ma ghalqux l-eta` ta' tnax-il sena inkella bi vjolenza, kif ukoll b'theddid jew b'qerq;

d) Kif ukoll ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta' A ta' disa' snin u ta' B ta' hdax-il sena;

e) Kif ukoll talli ghall-qliegh, jew ghat-tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku immanifattura, stampa jew xort'ohra ghamel, jew dahhal f'Malta jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpengija, ritratt, film, ktieb, kartolina, jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le;

f) Kif ukoll offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku;

Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer f'xi jum matul ix-xahar ta' April 1996:

g) Ikkommetta serq ta' oggetti, u cioe` ta' cwievet, liema delitt sar ghad-dannu ta' Peter Cassar mill-Wardija;

h) Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' A kif ukoll fuq il-persuna ta' B, skond ma ccertifikaw Dr. Carmen Portelli MD u Dr. Martin Mallia MD tal-Isptar San Luqa;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien, lok u cirkostanzi:

i) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li saret ghad-dannu ta' Peter Cassar mill-Wardija ma tiskorrix il-hames mitt Lira, imma tiskorri l-hamsin Lira;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer:

j) Bi hsara tas-sid jew tad-detentur u cioe` Peter Cassar mill-Wardija, ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta` ta' haddiehor u cioe` tal-*guest house* li tinstab sitwata gewwa Triq il-Katidral tas-Sliema;

k) Kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; u

l) Minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi kontra n-nies u cioe` kontra A u B minn tas-Sliema.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti inkluz in-Nota tal-Avukat Generali tal-20 ta' Dicembru 1996[1], fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi:-

a) Fl-Artikoli 86, 87, 88, 198, 199, 201, 202, 206, 207, 209, 203, 208, 284, 285, 221, 325(a)(b)(c), 18 u 339(b) tal-Kodici Kriminali;
b) Fl-Artikoli 3, 9, 13, 19, 23, 25, 26 u 27 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar 1997[2], l-imputat iddikjara illi huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita;

[1] A fol. 269 tal-process.
[2] A fol. 273 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputatipprezentatha fit-8 ta' Gunju 2005, kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet prezentatha mill-Prosekuzzjoni fl-20 ta' Jannar 2006.

**Ikkunsidrat**:

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fis-27 ta' April 1996 u matul ix-xhur ta' qabel, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif presjeduta, giet mizmuma fit-8 ta' April 2013.

Illi l-Qorti ser tirriproduci x-xhieda migjuba f'din il-kawza mill-partijiet:-

Illi fl-udjenza tal-14 ta' Mejju 1996, xehed is-Supretendent, dakinhar **Spettur Carmelo Bartolo**[3]. Huwa qal illi fis-27 ta' April 1996, ghall-habta tal-11.30 a.m., gewwa l-Ghassa ta' Tas-Sliema, dahal rapport da parti ta' certu Peter Cassar, proprjetarju ta' *guest house* gewwa 29, Triq il-Katidral, Sliema, liema *guest house* iggib l-isem ta' 'Comfort Guest House'. Skond dan ir-rapport, Cassar informa lill-Pulizija illi matul dik il-gimgha, huwa ma kellux nies fl-imsemmija *guest house*, u ghalhekk dakinhar stess huwa kien mar jara li kollox kien sew f'din il-*guest house*.

Jumejn qabel, l-istess Cassar, kien ghamel rapport iehor gewwa l-Ghassa ta' Tas-Sliema, fis-sens illi meta dan kien imur gewwa l-*guest house*, huwa kien isib affarijiet li ma kinux f'posthom bhas-soltu.

L-Ispettur Bartolo xehed illi fil-jum tal-ahhar rapport, ossia fis-27 ta' April 1996, Cassar qal illi meta huwa dahal fil-*guest house* tieghu, huwa kien sab zewgt itfal zghar jiggerrew mal-kurituri tal-*guest house*. Il-Pulizija, ghalhekk, marru immedjatament f'din il-*guest house*. Fil-fatt PS 1400 Anthony Farrugia mar fuq il-post u waqt li kien hemm, ikkomunika max-xhud.

PS 1400 Anthony Farrugia informa lill-Ispettur Bartolo illi f'wahda mill-kmamar tal-*guest house* kienu nstabu zewg sodod *single bed*, li pero` kienu gew imressqin ma' xulxin, biex b'hekk gew jiffurmaw *double bed*. Fl-istess kamra kien hemm ukoll kotba, allegatament pornografici. In oltre, is-Surgent qallu illi kien hemm xi affarijiet ohra li kienu originarjament jinsabu fi kmamar ohra tal-istess *guest house*, izda tpoggew fil-kamra in kwistjoni. In oltre, skond ir-rapport tas-Surgent, fl-istess kamra kien hemm ukoll, imxerrdin mal-art, diversi *tissues* u fuqhom x'aktarx *lipstick* tan-nisa. Din kienet il-kamra bin-numru 101. Madwar is-sodod, kien hemm ukoll impoggija diversi siggijiet.

[3] A fol. 18 sa 51 tal-process.

L-Ispettur Bartolo xehed illi huwa tkellem ma' Cassar, il-proprjetarju tal-*guest house* li qallu illi l-bieb ta' barra tal-kamra bin-numru 103, kien sgassat. Huwa kkonfermalu wkoll illi l-oggetti li nstabu fil-kamru bin-numru 101, kienu ngarrew hemm minn kmamar ohrajn, kif ukoll mill-kurituri tal-istess *guest house*. F'dak il-perjodu, il-*guest house* kienet tkun vojta u ghalhekk Cassar kien sakkarha, izda ma halliex *watchman*.

L-Ispettur Bartolo xehed illi s-Surgent staqsa liz-zewgt itfal imsemmija, x'kienu qeghdin jaghmlu fil-post in kwistjoni. Huma nfurmawh li kienu qeghdin jistennew, gewwa l-istess *guest house*, guvnott bl-isem ta' Giovanni Costa. L-Ispettur ta struzzjonijiet sabiex jithalla pulizija ghassa mal-*guest house* u talab lis-Surgent sabiex jiehu z-zewgt itfal gewwa l-Ghassa. Irrizulta illi dawn iz-zewgt itfal kienu ahwa - it-tifel kien jismu A u kellu disa' snin, fil-waqt illi t-tifla kien jisimha B Jane u kellha hdax-il sena. Hekk kif l-omm ossia Amanda Jane waslet gewwa l-Ghassa, l-Ispettur kellem liz-zewgt itfal fil-presenza taghha.

L-Ispettur Bartolo xehed ukoll illi dawn iz-zewgt itfal qalulu illi Giovanni Costa kien jurihom u jgieghlhom jaghmlu hafna pastazati. Mistoqsija kemm kienu ilhom imorru fil-*guest house*, huma qalu illi kienu ilhom imorru hemm ghall-ahhar erbat ijiem. Dwar l-ewwel darba illi huma ttiehdu gewwa l-*guest house* minn Giovanni Costa, t-tfal qalu illi l-istess Costa kien ha c-cwievet minn gewwa l-*letter box* tal-istess *guest house* u ghalhekk huwa seta' jiftah il-bieb ta' barra u kellu access ghall-*guest house*. It-tfal qalu wkoll illi huma kienu jmorru ma' Costa ghaliex hu kien qed jheddidhom li joqtolhom.

L-Ispettur qal illi huwa kien staqsa lit-tifel dwar kif kien sar jaf lil Costa u t-tifel spjegalu illi huwa kien sar jafu vicin il-*ground* tal-futboll, gewwa Tigne`. It-tifel qal illi Costa kien ta' spiss jorganizza xi loghba futboll bejn it-tfal li kienu jkunu hemmhekk.

Meta t-tifel gie mistoqsi x'ried ifisser meta qal li Costa kien jurihom u jgieghlhom jaghmlu l-pastazati, dan qal li Costa kien joqghod jara l-*magazines* allegatament pornografici. It-tifel spjega illi ma kinitx l-ewwel darba li Costa kien inezzalhom il-hwejjeg u jiffotografahom. Spjega in oltre illi waqt li Costa kien jara l-*magazines,* hu stess kien jaghmel il-pastazati fuqu nniffsu u dan billi jmiss il-parti tieghu. Skond it-tifel, Costa spjegalu wkoll kif seta' jaqsam ma' mara. It-tifel qal ukoll illi waqt li Costa kellu sikkina f'idu, huwa kien qieghed igieghel lill-istess tifel ikollu x'jaqsam ma' ohtu B. Dwar dan, it-tifel spjega illi huwa beda jpoggi l-parti privata tieghu ma' dik ta' ohtu u dahhal subajgh fil-parti privata taghha.

L-Ispettur xehed illi huwa staqsa lit-tifel dwar x'kien sar mir-ritratti li ttiehdu minn Costa, waqt li huma kienu gharwenin. It-tifel spjegalu li darba, waqt li Costa kien rieqed fl-imsemmija *guest house*, huwa kien ha l-*camera*, hareg il-film mill-*camera* u sabbatha mal-art. Mistoqsi kif kien jaf li dan ir-ragel kien jismu Giovanni Costa, it-tifel spjega illi ma kienx cert jekk kienx jismu hekk, izda l-istess ragel kien qallu li kien jismu Giovanni Costa. L-istess minuri fil-fatt ma eskludiex illi dan ir-ragel kien tah isem u kunjom hazin.

L-Ispettur xehed illi huwa tkellem ukoll mal-minuri l-ohra involuta ossia t-tifla, B Jane li tatu verzjoni tal-fatti simili ghal dawk moghtija lilu minn huha. Fuq domanda tal-Qorti, l-Ispettur spjega illi fil-bidu huwa tkellem maz-zewg minuri flimkien, izda ghal certi dettalji, huwa kien tkellem maghhom separatament. Il-minuri nsistew illi Giovanni Costa qatt ma kellu x'jaqsam sesswalment maghhom it-tnejn.

It-tfal qalu wkoll lill-Ispettur illi f'xi okkazzjoni, fl-istess *guest house* kienu hadu zewgt itfal ohra, tewmin u cioe` Amanda u Claire Bartolo li ghandhom tmien snin u joqoghdu Sliema.

Mistoqsija dwar jekk kinux imorru fil-*guest house* minn jeddhom, it-tfal qalu lill-Ispettur illi Costa kien ordnalhom li f'certi hinijiet kellhom ikunu gewwa l-*guest house* u li meta kien ordnalhom biex jaghmlu dan, huwa kien fil-fatt heddidhom. Huma qalu li kienu marru fil-*guest house* akkumpanjati mit-tewmin f'okkazzjoni wahda u f'dik l-okkazzjoni, Costa ma kienx qieghed fil-*guest house.* Ghalhekk huma qaghdu jilaghbu flimkien, per ezempju, bil-*lipstick* u wara ftit telqu l'barra mill-*guest house*.

L-Ispettur Bartolo xehed illi huwa kien tkellem ma' omm it-tewmin, Eleonora Bartolo. Din spjegatlu illi t-tewmin fl-ebda hin ma qalulha illi huma kienu gew imbabsa jew molestati minn xi hadd. L-Ispettur spjega illi t-tewmin Bartolo ma tantx kienu damu fil-*guest house*, ghaliex skond ommhom, ftit wara li kienu hargu mid-dar, huma ltaqghu maghha gewwa hanut ftit l'isfel mill-*guest house*. Meta l-Ispettur tkellem mat-tewmin, dawn ikkonfermawlu dak li kien qallu A.

L-Ispettur Bartolo qal ukoll illi sussegwentement, huwa kien rega' tkellem maz-zewg minuri involuti – A u B - sabiex dawn jaghtuh ftit aktar dettalji dwar l-imsemmi Giovanni Costa. Huma rreferew ghal-laqam ta' Costa u cioe` 'It-Tigra' u qalulu wkoll illi l-istess Costa kien jiffrekwenta l-kazin tal-banda tas-Sacro Cuore gewwa Sliema.

Ix-xhud qal illi huwa nforma b'dan kollu lill-Magistrat tal-Ghassa li da parti tieghu, innomina diversi esperti sabiex jghinuh fl-inkjesta. L-istess Magistrat tkellem maz-zewg minuri involuti u sema' x-xhieda taghhom bil-gurament. Gie

ordnat ukoll illi z-zewg minuri kellhom jittiehdu gewwa l-Isptar San Luqa sabiex jigu ezaminati u jigi ddeterminat jekk fil-fatt kellhom x'jaqsmu sesswalment ma' xulxin.

Il-minuri B giet ezaminata minn tabiba stazzjonata gewwa d-Dipartiment tal-Ginekologija, Dr. Carmen Portelli. L-Ispettur esebixxa c-certifikat mediku rilaxxjat mill-istess tabiba[4]. Skond dan ic-certifikat datat 27 ta' April 1996 u ffirmat minn Dr. Carmen Portelli, "*there were no bruises or scratch marks on any part of the body. There was a superficial abrasion and erythema on the medial aspect of the right labium minus. The hymen was intact. There was no sign of trauma to the anus*".

Il-minuri A gie ezaminat gewwa d-Dipartiment tal-Emergenza fl-istess sptar minn Dr. Martin Mallia. L-Ispettur esebixxa c-certifika mediku rilaxxjat mill-istess tabib[5], mil-liema jirrizulta illi "*on examination, there were no signs of injury all over the body except a very small crack over the upper lip. On examination, no signs of intercourse were found. The ... looked dirty, but seemed to be intact*". Dan ic-certifikat igib id-data tat-28 ta' April 1996 u huwa ffirmat minn Dr. Martin Mallia.

Ix-xhud qal ukoll illi t-tifel kien qallu illi l-griehi deskritti fic-certifikat rilaxxjat minn Dr. Martin Mallia, kienu gew ikkagunati minn Giovanni Costa. Dan ghaliex f'okkazzjoni wahda, kien hemm xi argument bejn l-istess minuri u Costa.

L-Ispettur Bartolo spjega wkoll illi madwar il-genitali tat-tifel, instabu xi *tattoos* zghar u cioe` *tattoos* li jsiru permezz ta' *transfers*. Il-minuri sostna li dawn tpoggewlu hemmhekk minn Costa. It-tifel kellu wkoll *tattoo* ohra tal-istess tip fuq in-naha ta' fuq ta' gismu fuq in-naha tax-xellug. Fir-rigward ta' din it-*tattoo,* it-tifel qal illi kien l-istess Costa li kien poggihielu hemm.

Wara dan kollu, il-Pulizija ppruvat titraccja lil Costa gewwa Sliema, izda f'dan l-istadju ma sabuhx.

L-Ispettur Bartolo esebixxa l-*magazines* allegatament pornografici, ghalkemm dwar dawn ma kienx cert jekk kinux gew elevati mill-kamra 101 tal-*guest house.* Huwa qal illi dawn il-*magazines* kienu go borza tal-*plastic*. Din il-borza kienet imxarrba stante illi l-*magazines* instabu vicin sink. B'kollox gew esebiti hames *magazines*.[6]

---

[4] Dan jinsab esebit bhala Dok. CB 1, a fol. 52 tal-process.
[5] Esebit bhala Dok. CB 2, a fol. 53 tal-process.
[6] Esebiti bhala Dok. CB 4.

L-Ispettur Bartolo xehed illi huwa akkumpanja lill-minuri gewwa s-CID fil-Furjana, u a bazi ta' dak li qalulu l-istess minuri, gie kostruwit *identikit* tal-istess Costa minn PC 956 Andrew Caruana. Dan l-*identikit* li sar fit-30 ta' April 1996, gie esebit bhala Dok. CB 5, a fol. 54 tal-process. L-Ispettur spjega illi z-zewg minuri ddeskrivew lil Costa bhala wiehed li ghandu misluta ma' widintu xellugija, liema misluta tidher fuq l-*identikit* esebita. Il-misluta li tidher fl-istess *identikit* hija cirku, izda l-Ispettur qal illi t-tfal kienu ddeskrivewlu din il-misluta bhala cirku, b'salib imdendel maghha. Qalulu wkoll illi ma kinitx l-ewwel darba illi Costa kien libes bhala misluta, is-salib biss, minghajr ic-cirku.

L-Ispettur spjega illi huwa kompla bl-istharrig tieghu a bazi tal-laqam li kienu qalulu bih it-tfal u cioe` 'It-Tigra'. Diversi persuni kienu qalulu li kienu semghu b'dan il-laqam, izda ma setghux jispecifikaw il-persuna relattiva. Eventwalment, kien hemm persuna li qalet lill-Ispettur illi dan it-Tigra kien jiffrekwenta l-Kazin tal-Banda tas-Sacro Cuor, u li spiss kienu jarawh imdawwar bit-tfal zghar. L-Ispettur xehed illi huwa kien gie wkoll infurmat illi dan l-istess persuna, mlaqqam it-Tigra, kien joqghod fl-akkwati tal-*barracks* gewwa St. Andrews. Minn investigazzjonijiet li ghamel f'din il-lokalita`, persuni hemmhekk infurmawh li t-Tigra kien fil-fatt jismu Giovanni Caruana, residenti fl-indirizz indikat fl-akkuzi u fir-rapport.

L-Ispettur xehed ukoll illi flimkien ma' PC 333, huwa mar fir-residenza ta' dan Caruana sabiex jaghmel tfittxija. Hemmhekk huwa sab lill-istess Caruana, ossia lill-imputat, li huwa gharfu bhala l-imputat prezenti fl-awla. Fl-istess residenza, huwa kien sab ukoll apparti lill-imputat, lil missieru u ragel iehor li, skond l-imputat, kien kuginuh. Minn din ir-residenza, l-Ispettur eleva *camera* tar-ritratti tal-marka 'Honeymax' numru 110 LF. Din il-*camera* ghandha parti minnha miksura.[7] Gew elevati wkoll mazz tal-karti tal-loghob li kellhom fuqhom ritratti ta' nisa u mus bil-manku iswed[8]. Dawn l-oggetti nstabu lkoll fil-kamra tas-sodda tal-imputat. L-Ispettur spjega wkoll illi f'din il-kamra, kien hemm izjed minn kamra tas-sodda, u meta ghamel din it-tfittxija, kien hemm ukoll il-kugin tal-imputat.

L-imputat gie arrestat u ttiehed gewwa l-Ghassa ta' Sliema.

L-Ispettur Bartolo xehed ukoll illi kien hemm okkazzjoni meta omm il-minuri, kienet infurmatu illi kienet ghamlet tfittxija fil-borza tal-iskola tat-tfal u kienet sabet xi oggetti u cioe` *telecard* tat-Lm3 (b'xi *units* mhux uzati) u tliet *keychains*. Tnejn minn dawn il-*keychains* huma tal-*plastic* tal-kulur wahda blu u l-ohra ahdar u t-tielet *keychain* hija celesti.[9] Omm il-minuri, Amanda , tatu

[7] Il-*camera* giet esebita bhala Dok. CB 6.
[8] Il-karti tal-loghob u l-mus gew esebiti bhala Dok. CB 7.
[9] Dawn gew esebiti bhala Dok. CB 8, a fol 55 tal-process.

wkoll hdax-il karta mehudin minn djarju[10], fuq liema karti hemm xi tpingijiet oxxeni. Meta l-Ispettur staqsa lit-tfal x'kienu dawn it-tpingijiet, it-tifel kien infurmah illi huma t-tnejn kienu joqoghdu jpinguhom fuq struzzjonijiet li kien jaghtihom l-istess Costa.

L-Ispettur Bartolo spjega illi fuq l-imsemmija *keychains* hemm indikati xi numri ta' kmamar li l-Pulizija ma kinitx ghadha accediet fihom meta kienet fil-*guest house*. Ghalhekk huwa mar lura fil-*guest house* u hemmhekk tkellem mal-*care taker*, certa Mary Saliba. Din fethitlu l-kmamar li n-numru taghhom kien jidher fuq il-*keychains* in kwistjoni, izda huwa ma ra xejn irregolari fihom. Mary Saliba qaltlu wkoll illi x'aktarx dawn il-*key chains* ma kinux tal-*guest house* in kwistjoni, stante li ma kinux jintuzaw *key chains* b'dawk il-kuluri fl-imsemmija *guest house*.

L-Ispettur xehed ukoll illi wara li huwa arresta lill-imputat, huwa telaq mill-Ghassa u mar sabiex ifittex u jiehu lejn l-Ghassa, iz-zewg minuri, izda wara li telaq, gie nfurmat illi l-minuri fil-fatt diga` kienu qeghdin gewwa l-Ghassa. Meta huwa wera l-imputat lill-minuri, dawn ma gharfuhx. Izda l-ghada fil-ghodu, huwa gie nfurmat minn omm il-minuri illi x'aktarx it-tfal ma kinux gharfuh, stante illi kienu qeghdin jibzghu minnu.

L-Ispettur xehed illi ghalhekk huwa talab lill-omm il-minuri sabiex terga' tiehu lit-tfal gewwa l-Ghassa. Meta huwa tkellem mat-tfal f'din l-okkazzjoni, huma qalulu "*iva, dak kien*"[11]. L-Ispettur spjega wkoll illi ma saret l-ebda *identification parade* billi ppartecipaw fiha diversi persuni. L-Ispettur qal ukoll illi meta t-tfal kienu regghu gew l-Ghassa, f'din l-okkazzjoni, huwa kien diga` rrilaxxja lill-imputat mill-arrest. Izda t-tfal infurmawh illi fil-jum ta' qabel, huma kienu qalulu li ma kienx l-imputat il-persuna li kienu rreferew ghaliha, stante li huma kienu bezghu minnu.

L-Ispettur qal ukoll illi huwa wera lit-tfal, il-*camera* li kienet giet elevata mir-residenza tal-imputat u t-tfal qalulu illi l-*camera* li l-imputat kien juza sabiex jigbed ir-ritratti kienet bhal dik tal-marka Hanimex esebita fl-atti bhala Dok. CB 6. It-tifel qallu wkoll illi huwa kien qed jaghraf l-istess *camera* minn dik il-parti li huwa stess kien kisser meta kien tefa' l-*camera* mal-art.

Meta t-tfal gew mistoqsija dwar is-sikkina msemmija izjed 'il fuq, it-tifel semmielu illi dan kien mus b'manku iswed u kellu xi haga minquxa fuqu u mqabbza 'l barra. It-tifel qal ukoll illi l-mus kien go *pocket* kannella. Wara li t-tifel ta din id-deskrizzjoni, l-Ispettur wera l-istess mus esebit fl-atti bhala

---

[10] Esebiti bhala Dok. CB 9, a fol. 56 tal-process.
[11] A fol. 43 tal-process.

formanti parti minn Dok. CB 7 lit-tifel li, da parti tieghu, gharfu bhala l-mus li kien uza l-istess imputat.

L-Ispettur qal illi huwa ma kienx jaf x'sar mill-*film* li kien inhareg mill-*camera*.

Wara dan, l-Ispettur rega' arresta lill-imputat u nforma b'dan kollu li kien gara lill-Magistrat Inkwirenti. Il-Magistrat ta struzzjonijiet sabiex l-Ispettur jiehu l-Qorti kemm lill-imputat, kif ukoll liz-zewg minuri. Quddiem il-Magistrat Inkwirenti, iz-zewg minuri, bil-gurament taghhom, gharrfu lill-imputat bhala l-persuna li huma kienu rreferew ghaliha bhala Giovanni Costa.

L-Ispettur qal illi huwa kien interroga wkoll lill-imputat li cahad kategorikament dak kollu li kien gie allegat dwaru miz-zewg minuri. L-Ispettur qal ukoll illi meta l-imputat diga` kien gie imwissi bid-drittijiet tieghu skond il-ligi, izda qabel ma tnizzlet l-istqarrija tal-imputat bil-miktub[12], huwa staqsa lill-istess imputat fejn kien matul l-erbat ijiem involuti. Fir-rigward ta' dawn l-erbat ijiem, u specifikatament fir-rigward ta' gurnata minnhom, u cioe` il-Hamis, 25 ta' April 1996, l-imputat qallu illi huwa kien qatta' l-gurnata kollha mal-gharusa tieghu, Diane Spiteri. Talab lill-imputat sabiex jghidlu fejn seta' jikkuntatja lil Diane Spiteri, izda l-imputat qallu li ma kienx jaf dettalji dwarha. Ghalhekk huwa talab lill-imputat sabiex jakkumpanjah fir-residenza tal-istess Spiteri, u l-imputat hadu go dar gewwa l-Imsida, liema dar kienet vojta u dizabitata ghal hafna zmien. Madankollu meta rritornaw lura lejn l-Ghassa, l-imputat tah in-numru tat-telefon ta' Diane Spiteri. L-Ispettur kompla jixhed illi huwa cempel id-dar ta' Spiteri u rrispondietu ommha. Meta huwa talab lil ommha sabiex ikellem lil Diane Spiteri, hija talbitu r-raguni ghal dan. L-Ispettur spjega illi meta huwa nsista illi ried ikellem lil Diane Spiteri, ommha qaltlu li din ghandha biss tlettax-il sena. Ghalhekk huwa staqsa lil omm Diane Spiteri, jekk fil-25 ta' April, Giovanni Caruana kienx il-gurnata kollha fid-dar taghhom. Omm Diane Spiteri qaltlu illi dakinhar, Diane kienet il-gurnata kollha l-iskola u li Caruana kien mar ghandhom wara s-6.30 p.m. L-Ispettur qal ukoll illi z-zewgt itfal, A u B, kienu qalulu li fil-jum in kwistjoni, huma kienu ltaqghu mal-istess imputat bejn l-4.00 p.m. u s-6.00 p.m. fil-*guest house* in kwistjoni. L-Ispettur Bartolo spjega illi dan kollu ntqal lilu verbalment, dejjem wara d-debita twissija, u fil-presenza tas-Supretendent Joseph Brincat.

L-Ispettur Bartolo qal illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu bil-miktub, l-imputat biddel il-verzjoni tieghu dwar dan li kien ghadu kemm xehed fuqu. Fil-fatt, skond l-istess Spettur Bartolo, fir-rigward tal-25 ta' April 1996, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat qal illi bejn l-4.00 p.m. u s-6.00 p.m., huwa kien il-hin kollu ma' ommu.

[12] L-istqarrija tal-imputat giet esebita bhala Dok. CB 10, a fol. 57 sa 59 tal-process.

L-Ispettur Bartolo qal ukoll illi meta huwa arresta lill-imputat ghall-ewwel darba, dan kien liebes misluta, fil-widna xellugija tieghu, konsistenti f'salib biss. Din il-misluta u s-salib imsemmi, ma nstabux mill-Ispettur meta mar biex jelevahom wara t-tieni arrest tal-imputat.

L-Ispettur Bartolo pprezenta wkoll kwerela ffirmata minn omm il-minuri u mill-istess Spettur.[13] L-Ispettur esebixxa wkoll erba' ittri li rceviet omm il-minuri, iffirmati x'aktarx mill-istess minuri, fejn jinghad li dawn iddispjacihom li kienu telqu mid-dar.[14]

L-Ispettur spjega wkoll illi qabel ma ressaq lill-imputat il-Qorti, huwa staqsa lill-minuri ghaliex kien hemm xi diskrepanza bejn il-fizjonomija ta' wicc l-imputat u l-*identikit* esebit bhala Dok. CB 5. Il-minuri nsistew mieghu illi l-imputat ma kellux lehja bhal ma ghandu issa u li xaghru kien itwal u mhux qasir kif inhu issa. Skond l-Ispettur, dan il-fatt gie kkonfermat lilu minn PC 1463 Charles Grima.

Fl-istqarrija rilaxxjata u ffirmatha mill-**imputat** fit-3 ta' Mejju 1996[15] u dan wara illi l-istess imputat inghata s-solita twissija illi huwa ma kienx obbligat li jirrispondi ghall-ebda domanda li kienet ser issirlu, izda dak li jghid, jitnizzel bil-miktub, u jista' jingieb bhala prova, huwa qal illi huwa ma jahdimx fil-prezent u li jghix ma' ommu u ma' missieru. Mistoqsi jekk fil-prezent ghandux relazzjoni ma' mara, huwa ghazel li ma jirrispondix. Mistoqsi jekk gieli jkunx lejn tas-Sliema, fil-Kazin tal-Banda tas-Sacro Cuor, l-imputat qal illi huwa kien imur hemm imma kien ilu ma jmur xi seba' xhur. Mistoqsi jekk gieli kienx ikun lejn il-*football ground* ta' Tigne, huwa wiegeb illi kien ilu ma jersaq l'hemm madwar erba' snin, ghaliex kienu xtrawh il-Hamrun u wara kien iddecieda li jieqaf mill-futboll. Mistoqsi kienx jittrejnja lit-tfal, huwa qal illi huwa kien jghallem tlett itfal tal-blokk fejn joqghod kif jixxuttjaw, izda llum m'ghadux jaghmel dan.

Mistoqsi jekk huwa kienx qed ikun lejn Cathedral Street f'dawn l-ahhar jiem, huwa qal li ma resaqx l'hemm. Mistoqsi jekk kienx imlaqqam bhala 'It-Tigra' jew 'Tigre', huwa wiegeb illi fil-primarja kienu jsibuh bhala 'it-Tigre' ghax kien jigri hafna, izda llum isibuh bhala 'Slater' u 'Gogi boy'. Mistoqsi x'kellu xi jghid dwar li fil-jum ta' qabel, tifel u tifla gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema, kienu gharfuh bhala dak li hadhom gewwa *guest house* f'Cathedral Street, huwa qal illi lil dawn iz-zewgt itfal huwa ma jafhomx. Qal illi dawn it-tfal kienu qed jigdbu, ghax ma kienx hu. L-imputat cahad dak kollu li gie

[13] Esebita bhala Dok. CB 11, a fol. 60 tal-process.
[14] Esebiti bhala Dok. CB 12, a fol. 61 tal-process.
[15] A fol. 57 sa 59 tal-process.

suggerit lilu dwar il-kaz mill-Ufficjal Investigatur. Fir-rigward tal-mazz karti pornografici li gew elevati mid-dar tieghu, l-imputat wiegeb illi dawn huwa kien akkwistahom minghand il-kugin tieghu. Fir-rigward tal-*camera* tar-ritratti li giet elevata mid-dar tieghu u li kienet ftit miksura, l-imputat wiegeb illi din kissirha huwa stess meta qaccat il-bieba taghha u sewwiha bit-*tape.* Cahad illi l-*camera* kien kissirielu A .

L-imputat cahad ukoll illi huwa kien gieghel lit-tfal ipingu u jiktbu tpingijiet u kliem oxxen u qal li ma kienx jaf bil-*key chains* kuluriti u bit-*telecard* li gie muri mill-Ufficjal Investigatur. Fir-rigward tal-hames kotba pornografici li gie muri mill-istess Ufficjal, l-imputat qal illi dawn m'humiex tieghu. Qal illi huwa qatt ma ra lil dawn iz-zewgt itfal qabel. Huwa cahad ukoll illi kien wera dawn il-kotba lil dawn iz-zewgt itfal fil-*guest house.*

Mistoqsi wkoll fejn kien nhar it-Tlieta, 23 ta' April 1996 bejn it-2.45 p.m. u s-6.30 p.m., l-imputat qal illi huwa kien id-dar ma' ommu u ma' ohtu ta' ghaxar snin. Dwar nhar il-Erbgha, 24 ta' April 1996, fl-istess hinijiet, qal illi kien id-dar u dwar il-Hamis, 25 ta' April 1996, bejn l-4.00 p.m. u s-6.00 p.m., huwa qal li kien id-dar ma' ommu. Nhar il-Gimgha, 26 ta' April 1996 bejn it-2.45 p.m. u l-3.45 p.m., huwa kien id-dar ukoll. Finalment huwa qal illi m'ghamel xejn minn dan kollu.

Fl-udjenza tal-14 ta' Mejju 1996, xehed **PS 547 Martin Agius**[16], li esebixxa vera kopja tar-rapport li sar fl-24 ta' April 1996 minn Peter Cassar, residenti l-Wardija. Mill-istess rapport[17], jirrizulta illi fil-jum in kwistjoni, Cassar kien irrapporta illi persuni mhux maghrufa dahlu fl-imsemmija *guest house* li dak iz-zmien kienet vakanti. Cassar qal illi ma kien sab xejn nieqes u lanqas hsara, izda qal li min dahal kien xeghel id-dawl tal-kurituri u ghamel uzu mit-*toilets*. Cassar qal illi fit-22 ta' April 1996, ghall-habta tal-11.30 a.m., huwa ccekkja l-kmamar kollha u kollox kien kif hallieh.

PS 547 xehed ukoll illi f'data li huwa ma kienx jiftakarha, huwa kien dahal fl-Ghassa u hemmhekk sab lill-imputat. Wara ftit, fl-Ghassa, kienu marru zewgt itfal mal-genituri taghhom. Dakinhar f'idejn il-Pulizija, kien hemm *camera* tar-ritratti. Kien hemm ukoll xi negattivi u mazz karti. Dawn kienu gewwa *envelope.* Huwa gie muri l-*camera* tar-ritratti u l-pakkett karti esebiti fl-atti u gharafhom bhala l-istess li kien ra gewwa l-Ghassa tal-Pulizija. Ix-xhud qal ukoll illi huwa kien staqsa liz-zewgt itfal, b'referenza ghall-imputat, jekk dan kienx hu, u ghall-ewwel wiegbu fin-negattiv. Sussegwentement, fl-istess Ghassa, kien mar l-Ispettur Bartolo.

---

[16] A fol. 62 sa 64 tal-process.
[17] Esebit bhala Dok. MA 1, a fol. 65 tal-process.

Fl-istess seduta tal-14 ta' Mejju 1996, xehed **PS 1400 Anthony Farrugia**[18], li qal illi fis-26 ta' April 1996, ghall-habta tas-6.00 p.m., dahlet telefonata gewwa l-Ghassa, fejn il-Pulizija giet informatha illi gewwa *guest house* fi Triq il-Katidral, Sliema, kien hemm dawl li mhux suppost li kien mixghul. Ix-xhud qal illi huwa ma kienx jaf ezattament min kien ghamel din it-telefonata, izda apparentement kien il-proprjetarju tal-*guest house* u cioe` Peter Cassar. Ix-xhud qal ukoll illi huwa mar fuq il-post u sab l-imsemmija *guest house* maghluqa. Minn barra ma kien jidher xejn irregolari, hlief li fuq gewwa, kien hemm dawl li kien jidher mixghul. Huwa ma setax jiftakar f'liema sular tal-*guest house* kien mixghul dan id-dawl.

PS 1400 qal illi l-ghada, ghall-habta tal-11.30 a.m., huwa rega' gie informat illi kien hemm xi haga rregolari fl-imsemmija *guest house* u rega' mar fuq il-post. Hemmhekk, huwa sab lil proprjetarju, li kellu xi nies mieghu. Dan informah illi meta huwa fetah il-bieb tal-*guest house*, gewwa kien sab zewgt itfal zghar. Ix-xhud qal illi fil-fatt huwa kien ra lil dawn iz-zewgt itfal zghar li kienu tifla u tifel bl-isem ta' B Jane u A .

Meta huwa staqsa lil dawn it-tfal kif kienu dahlu gewwa l-*guest house*, huma spjegawlu illi qabel kien hemm persuna ohra maghhom, li geghlithom johorgu cwievet minn gol-*letter box*. Huma qalulu li dan ma kienx gara f'dak il-jum, izda fil-granet ta' qabel.

Ix-xhud qal illi wara dan, huwa beda jdur il-kmamar tal-*guest house*. Is-sid indikalu li kien hemm xi affarijiet li ma kinux fil-post taghhom tas-soltu. F'kamra minnhom kien hemm zewg sodod *single* li kienu gew imressqa ma' xulxin. Quddiem dawn iz-zewg sodod, kien hemm zewg imwejjed tal-*plastic*, li mhux suppost li kienu f'dik il-kamra. Maghhom kien hemm ukoll xi siggijiet. Kien hemm ukoll bozza, konsistenti fi *bracket* li kienet imwahhla ma' gwardarobba, billi giet ikklipjatha mal-istess gwardarobba. Din ukoll ma kienx postha hemm.

Ix-xhud ra ukoll illi kien hemm bieb ta' kamra fil-*guest house* li kien jidher li kellu c-caccis sgassat. Fil-kcina, fuq *cupboard* vicin tas-sink, sab u ra sitt kotba allegatament pornografici. Dawn il-kotba kienu mxarrbin hafna bl-ilma. Meta gie muri l-*magazines* esebiti fl-atti, ix-xhud gharafhom bhala dawk li kien sab hu vicin is-sink. Dwar dawn il-*magazines*, ix-xhud spjega illi s-sid qallu li dawn ma kinux tieghu u li l-*magazines* mhux suppost kienu fil-*guest house*.

[18] A fol. 66 sa 77 tal-process.

Meta huwa staqsa lit-tfal ma' min kienu qed jidhlu fil-*guest house*, huma semmewlu lil Giovanni Costa, minn tas-Sliema u li kienu semghu xi nies ohrajn isemmuh bhala Giovanni. It-tfal qalulu li dan kien joqghod x'imkien fil-lokalita` maghrufa bhala il-Lazy Corner, f'Tas-Sliema. Mistoqsija ghaliex kienu jidhlu fil-*guest house*, huma spjegaw li gieli hemmhekk kienu ghamlu l-pastazati wara li jkunu raw il-*magazines* pornografici li semma fix-xhieda tieghu.

PS 1400 xehed ukoll illi l-minuri ttiehdu gewwa l-Ghassa ta' Sliema u gew mitkellma wkoll mill-Magistrat tal-Ghassa, fil-presenza tal-omm. Qal illi huwa kien staqsa lit-tfal jekk kinux gieli dahlu fl-imsemmija *guest house* u huma wiegbu illi kienu dahlu hemmhekk ma' Giovanni. Ix-xhud qal illi z-zewgt itfal kienu qalulu li kien qed jibzghu minn dan Giovanni ghaliex joqtolhom bil-mus. It-tifel qal ukoll illi hu gieli gie msawwat minn Giovanni.

Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 1996, xehed **PS 634 Wilfred Imbroll**[19]. Huwa qal illi fis-27 ta' April 1996, huwa kien xoghol *second watch* fl-Ghassa ta' Tas-Sliema u wara nofsinhar tal-istess jum, huwa akkumpanja lill-Ispettur Bartolo fl-imsemmija *guest house.* Huwa nnota illi l-kamra numru 103, li tinsab fl-ewwel sular, kienet sgassata. Fil-kmamar bin-numri 101 u 104, fl-istess sular, kien hemm taqlib. Skond l-istess sid, f'dawn il-kmamar kien hemm diversi oggetti li mhux suppost li kienu hemmhekk. Ix-xhud semma s-*single beds* fil-kamra numru 101 li kienu gew imressqin flimkien, kif ukoll il-*magazines* li kienu gew elevati minn PS 1400 mill-istess *guest house* u mghoddija lilu meta kien ghadu gewwa l-Ghassa. Ix-xhud gharaf il-*magazines* esebiti in atti bhala dawk li kienu gew mghoddija lilu.

Ix-xhud qal ukoll illi meta huwa kien ghadu l-Ghassa, qabel ma mar fil-*guest house*, hemmhekk kien hemm diga` z-zewg minuri involuti. Huma qalu illi f'okkazzjoni wahda, maghhom kien hemm zewgt itfal ohra u cioe` Amanda u Claire Bartolo li joqoghdu gewwa High Street, Sliema. L-Ispettur u x-xhud marru jkellmu lil dawn iz-zewgt itfal u rrizultalhom illi dawn iz-zewg minuri kienu marru darba wahda biss fl-imsemmija *guest house* u ma kien gara xejn meta marru. Sa fejn kien jaf l-istess xhud, it-tewmin ossia l-ahwa Bartolo, ma ltaqghux ma' Giovanni Costa meta dahlu fil-*guest house.*

Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 1996, xehed **PC 1463 Charles Grima**.[20] Huwa qal illi huwa jaf lill-imputat u li ilu jafu ghal dawn l-ahhar tlett snin. Huwa gieli ra lill-imputat gewwa St. Andrews.

---

[19] A fol. 72 sa 76 tal-process.
[20] A fol. 77 sa 80 tal-process.

Ix-xhud qal illi s-soltu huwa jaf lill-imputat b'xaghru twil u illi l-imputat m'ilux hafna li qata' xaghru. Huwa qal illi l-imputat qata' xaghru gimgha qabel ma rah fl-Ghassa ta' Tas-Sliema. In kontro-ezami, dwar dan il-punt ix-xhud madankollu qal iilli l-imputat kien ilu gimgha li qata' xaghru ghaliex din l-informazzjoni kienet tathielu persuna ohra. Meta x-xhud gie muri Dok CB 5 ossia l-*identikit* esebit, huwa qal illi l-imputat kellu xaghru itwal anke in rigward dak muri f'dan id-dokument. Ix-xhud qal ukoll illi jaf illi l-imputat kien jilbes misluta tonda u jekk ma kienx sejjer zball, f'widintu tax-xellug. Ma' din il-misluta, kien ikun hemm imdendel salib. Ix-xhud qal ukoll illi huwa kien jaf lill-imputat b'ismu biss u ma kienx jafu permezz ta' xi laqam. Mistoqsi jekk kellux lehja, huwa rrisponda illi gieli kien ihalliha.

In kontro-ezami, PC 1463 xehed illi huwa ma kienx jiftakar id-data ta' meta kien ra lill-imputat gewwa l-Ghassa, izda kien matul ix-xahar ta' Mejju 1996. Meta huwa kien rah fl-Ghassa, huwa kien xoghol u l-pulizija kienu marru bl-imputat gewwa l-Ghassa.

Ix-xhud qal illi jaf illi dakinhar li l-imputat kien ittiehed gewwa l-Ghassa kien jum ta' festa jew kien il-Hadd u mhux gurnata tax-xoghol normali. Ix-xhud qal illi forsi ghaddew xi hmistax-il jum minn meta huwa kien ra lill-imputat gewwa l-Ghassa. Ix-xhud qal ukoll illi huwa kien jara lill-imputat darbtejn fi hmistax u kkalkola illi kien ilu ma jara lill-imputat xi hmistax qabel ma rah l-Ghassa. Meta x-xhud kien ra lill-imputat tlett gimghat qabel ma kien rah gewwa l-Ghassa, l-imputat kien ghadu b'xaghru twil u kellu lehja hafifa.

Fl-istess seduta tal-14 ta' Mejju 1996, xehdet ukoll omm il-minuri, **Amanda Jayne** .[21] Hija kkonfermat il-kwerela taghha esebita a fol. 60 tal-process u li din giet iffirmatha minnha stess. Ix-xhud qalet illi meta l-Ispettur Bartolo baghat ghaliha gewwa l-Ghassa ta' Tas-Sliema u kellmet lit-tfal taghha, dawn qalulha li certu Giovanni kien gieghel lit-tifla B tmissu fil-parti genitali tieghu u illi t-tifel kien semma wkoll xi mus u *camera*. It-tfal qalulha illi l-mus kien gewwa *pouch* kannella u li kienu gew mhedda bil-mus u dan sabiex jaghmlu dak li kien ordnalhom Giovanni. Kienet giet infurmatha dwar il-*camera* minn A. It-tfal qalulha illi huma kien semghu lil Giovanni jressaq is-sodod u li kien pogga zewg sodod ma' xulxin. It-tfal qalulha wkoll illi Giovanni kien geghlhom imissu lil xulxin, fis-sens illi t-tifel kellu jmiss lit-tifla b'subajgh. Gew ukoll mgeghla jbusu lil xulxin. Giovanni qalilhom illi jekk ma jaghmlux dak li kien jghidilhom hu, kien joqtolhom bil-mus, kif ghamel lil tfal ohra. It-tifel kien qalilha wkoll illi huwa kien ha l-*camera*, li l-*camera* nkissret u li l-*film* kien

[21] A fol. 81 sa 89 tal-process. It-traduzzjoni ta' din ix-xhieda mil-lingwa Ingliza ghal dik Maltija tinsab a fol. 90 sa 99 tal-process.

hareg mill-*camera* u li hu kien rema l-*film*. It-tfal qalulha li waqt li Giovanni kien qed juza l-*camera*, huma kienu nehhew il-hwejjeg taghhom.

Din ix-xhud qalet ukoll illi t-tfal kienu rreferew ghal xi *magazines* u li huma kienu raw il-faccata ta' dawn il-*magazines*. Giovanni kien bil-qeghda jara dawn il-*magazines* waqt li t-tfal kienu qeghdin imissu lil xulxin. It-tfal qalu wkoll illi Giovanni kien joqghod bil-wieqfa mal-hajt u jpoggi[22] l-parti tieghu mal-hajt, waqt li huma kienu fuq is-sodda.

Ix-xhud giet murija Dok. CB 9 u cioe` tlett karti ta' pitazz bi kliem fuqhom u tmien karti mehuda minn djarju bi tpingija u kliem.

Fuq l-ewwel pagna (karta ta' pitazz) jidher il-kliem "*You Fakin Bastereds. You Fakin Dragon. Fuck your Mother and Father*". Fuq wara tal-ewwel pagna hemm il-kelma "*stupid*". Fit-tieni pagna (karta ta' pitazz), hemm il-kliem "*Stupid girl. Boloh. Nasty Girl and Boy you Bastereds. He Drinking Wine. Funky Family. Fuck your family. Stupid Fackers. Stupid Bastered.*" Fuq wara tal-istess pagna – "*Stupid girl. Boloh. Nasty girl*". It-tielet pagna (karta ta' pitazz) bazikament terga' tirrepeti dan il-kliem, f'ingliz miktub tajjeb u kitba izghar u izjed pulita.

Fil-pagni l-ohrajn, ossia l-pagni mehuda mid-djarju, jidhru tpingijiet fosthom ta' seba' jipponta l-fuq, swaba' li jindikaw qrun, u l-organu genitali maskili, kif ukoll wicc taht dak li qisu l-organu genitali maskili, apparti tpingija ta' annimal u ta' tifla.

Dwar dawn omm il-minuri qalet illi l-kliem fuq dawn il-karti nkitbu minn bintha biex tispjega dak li kien jghidilhom Giovanni u illi jekk it-tfal ma kinux jobduh, huwa kien iwaddab siggu u jghid il-kliem miktuba fuq dawn il-karti. B'referenza ghat-tpingija, u b'mod partikolari ghat-tpingijiet fejn tidher tifla u annimal, hija qalet li dawn kienu jindikaw stampi ta' zminijiet sbieh u tpingijiet normali ta' tfal. Dwar it-tpingijiet oxxeni, hija qalet illi dawn sabithom fi djarju f'kexxun gewwa darha. Dawn it-tpingijiet saru mit-tifel taghha. It-tifel kien qalilha li huwa kien pinga dawn l-istampi oxxeni wara li kien ra dawn l-affarijiet fuq *magazine* u li kien pengihom wara li Giovanni kien qallu biex ipengihom.

Ix-xhud giet murija wkoll Dok. CB 12, esebiti a fol. 61 tal-process, konsistenti f'erba' ittri. Hija rreferiet ghal tnejn minn dawn l-ittri li kienu gew miktuba f'linji homor u li fil-fatt kienu nstabu mill-kunjata taghha f'kexxun. Dwar dawn

[22] Ix-xhud fil-fatt hawn qalet testwalment illi "*Giovanni would stand against the wall and rub his organ against the wall …*" (a fol. 84 tal-process).

iz-zewg ittri, hija tghid li dawn ma nkitbux mit-tfal taghha. Ix-xhud irreferiet ukoll ghaz-zewg ittri l-ohra, miktubin bejn il-linji blu. Hija spjegat illi kienet talbet lit-tfal sabiex jiktbu dawn l-ahhar zewg ittri wara li hija stess iddettat dak li kien hemm miktub fuq l-ewwel zewg ittri. Hija qalet ukoll illi kienet ghamlet dan ghaliex kienet sabet dawn l-ewwel zewg ittri wara l-incident in ezami. Qalet ukoll illi t-tifel kien qalilha illi dawn l-ewwel zewg ittri kienu gew miktubin minn Giovanni.

Rigward il-*keychains* li gew esebiti bhala Dok. CB 8, a fol. 55 tal-process, ix-xhud qalet illi hija sabithom fil-basket tal-iskola tat-tifel. Fir-rigward tal-*keychain* tal-metall, it-tifla qaltilha li din kien tahielha Giovanni. Dwar it-*telecard* li wkoll giet esebita bhala formanti parti minn Dok. CB, it-tifel qalilha li din kien tahielu Giovanni. Il-*key chains* tal-*plastic* ukoll inghataw lit-tfal minn Giovanni, skond l-istess tfal. Mistoqsija jekk A setax kellu Lm3 sabiex jixtri *telecard*, hija qalet li dan jista' jkun u li huwa kien ha xi flus minghandhom.

Ix-xhud qalet ukoll illi t-tifel qalilha li huwa kien iltaqa' ma' Giovanni gewwa Tigne, meta kien qed jilghab il-futboll hemmhekk. Dan l-isem ma kien fisser xejn ghax-xhud meta gie msemmi lilha dan l-isem. Madankollu, hija qalet illi wicc l-akkuzat kien familjari ghaliha, izda ma setghetx tiftakar f'liema okkazzjoni jew f'liema post kienet rat wicc l-akkuzat. Qalet ukoll illi sa ftit zmien ilu, hija kienet tiffrekwenta post bl-isem ta' Rhodas Inn, li jinsab hdejn il-knisja tas-Sacro Cuor gewwa Tas-Sliema u li huwa possibbli illi hija kienet rat lill-akkuzat f'dan il-post.

Din ix-xhud giet riprodotta mid-difiza in kontro-ezami, fil-11 ta' Dicembru 1998[23]. Mistoqsija kemm il-darba marret gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema sabiex tkellem lill-Ispettur Bartolo, hija qalet illi marret tkellmu izjed minn darba. Ma marritx tkellmu izjed minn ghaxar darbiet, izda ma ftakritx jekk marritx izjed minn hames darbiet. Qalet li probabbli marret darbtejn biss fl-istess Ghassa, flimkien ma' binha. Fl-ewwel okkazzjoni, binha gharaf lill-akkuzat, izda beza'. Dan saret tafu fil-jum ta' wara.

F'dan l-istadju, hija nfurmat lill-Qorti illi wara t-tielet jew ir-raba' seduta f'din il-kawza, l-akkuzat talab skuza. Hija qalet illi ma kienx l-akkuzat li talabha skuza direttament, izda li kien Dr. Frank Cassar li direttament talabha skuza. Dan gara meta hija kienet bil-wieqfa quddiem l-awla li fiha kienet qeghda taghti x-xhieda taghha u maghha kien hemm zewgha. Hija qalet li dak il-hin, hija rat lil Dr. Frank Cassar, l-avukat difensur u lill-akkuzat, Giovanni, flimkien hdejn il-*gate*, fuq in-naha tax-xellug tal-istess awla. Qalet illi hija semghet lill-

[23] A fol. 314 sa 318 tal-process.

akkuzat jghid lil Frank Cassar ghall-mahfra u dan ghaliex, hu cioe` l-akkuzat, kien ghadu zghir. Ix-xhud qalet illi wara dan, Dr. Frank Cassar mar fuqha u hu talabha jekk setghux jahfrulu. Hija rrifjutat u dan ghaliex anke uliedha kienu ghadhom zghar. Prezenti maghhom kien hemm ukoll Dr. Consuelo Scerri Herrera, illum Magistrat. Hija qalet illi Dr. Consuelo Scerri Herrera ukoll semghet din il-konversazzjoni u li dak iz-zmien hija kienet l-avukat taghhom.

F'dan l-istadju kompla l-kontro-ezami tax-xhud mid-difiza. Ix-xhud qalet illi din il-konversazzjoni sehhet meta kien hemm it-tielet jew ir-raba' seduta fir-rigward ta' dan il-kaz. Ma setghetx tiftakar jekk kienx hemm xi hadd iehor ma' Giovanni Caruana dak il-hin. Lanqas ma ftakret jekk din il-konversazzjoni bejnha, bejn Dr. Frank Cassar u l-akkuzat kinitx bil-Malti.

Fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud qalet illi hija kienet taf ftit Malti. Qalet illi l-kelma bil-Malti ghall-kelma '*pardon*' hija l-istess bhal dik fil-lingwa Ingliza. Sussegwentement, fuq domanda tal-Qorti, hija qalet illi ma kinitx taf x'kienet il-kelma '*pardon*' bil-lingwa Maltija. Qalet ukoll illi hija ma fhemitx x'kienu qed jghidu Giovanni Caruana u l-avukat tieghu bejniethom. Qalet li ma fehmet xejn minn dan. Ix-xhud qalet ukoll illi hija tissoponi illi kienu qed jitkellmu dwar il-kaz, ghaliex imbaghad, Dr. Frank Cassar mar fuqha u talabha skuza.

Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 1996, xehed ukoll **A**.[24] Huwa qal illi huwa jaf lill-imputat prezenti fl-awla. Jaf li l-imputat jismu Giovanni Caruana u li huwa mlaqqam it-tigra. Qabel kien jaf li l-imputat kien kunjomu Costa. Ix-xhud qal illi huwa kien sar jaf lill-imputat go Tigne, waqt li kien jilghab il-futboll u li l-imputat kien jilghab il-futboll maghhom. Huwa ilu jaf lill-imputat sentejn. In kontro-ezami, dwar dan, ix-xhud qal illi meta kienu jiltaqghu sabiex jilaghbu futboll gewwa Tigne, kien ikun hemm nies ohrajn prezenti apparti l-imputat. Kien ikun hemm ukoll wiehed jismu Clinton, jghidulu t-Tiger.

Ix-xhud qal illi l-ewwel darba li huwa kien mar fi Triq il-Katidral, Sliema kien dan l-ahhar. Kienet gurnata tat-Tnejn u kien f'April. Mistoqsi ghalfejn mar f'din it-triq, ix-xhud qal illi huwa kien miexi ma' ohtu B Jane fl-istess triq. Hemmhekk iltaqa' ma' Giovanni u cioe` l-imputat. Meta rah, Giovanni qallu "*Hawn A kemm ili ma narak*" u qal lix-xhud sabiex imorru dawra. Qabel ma marru dawra, hu ra lill-imputat ipoggi c-cwievet go *letter box* u cioe` ic-cwievet tal-*flat*. Huma marru dawra u mxew ma' Giovanni sa Mc Donalds, li jinsab fil-Plaza. Hawnhekk qaghdu biss jimxu. Wara Giovanni qallhom biex imorru lura. Dan gara ghall-habta tas-2.30 p.m. wara li huma kienu spiccaw mill-iskola. Ix-xhud spjega illi hu u ohtu jattendu l-istess skola.

---

[24] A fol. 100 sa 119 tal-process.

Huma regghu marru lura ma' Giovanni gewwa Triq il-Katidral. Kif waslu, Giovanni qallu "*ara hemm ic-cwievet fil-letter box, hudhom*". Dak il-hin, huwa qal lil Giovanni sabiex jehodhom hu, u l-imputat dahhal idu fil-*letter box* u hareg ic-cwievet, b'liema cwievet, fetah il-bieb tal-post. Hu, ohtu B u l-imputat dahlu flimkien u hemmhekk dahlu f'kamra cioe` *flat* bin-numru 101. Din kienet l-ewwel darba li huwa dahal f'dawn il-*flats*.

Skond ix-xhud, kif kienu ghadhom barra, Giovanni hareg mus u hbieh wara dahru ossia dahar ix-xhud. Fl-istess waqt qallu "*Idhol ghax noqtlok*". Dan il-mus kellu *pouch* kannella u manku iswed. Meta dahlu fil-kamra, Giovanni qallhom sabiex jghinuh u dan billi jgibu siggijiet minn fuq. Qalilhom sabiex igibu sufan ukoll u xi nbid. Skond ix-xhud, Giovanni xorob l-inbid. Meta kienu hemm gew, Giovanni qallhom "*sabiex nahxu*"[25]. Huwa qal illi din il-kelma ghalliemilhom Giovanni. Qal illi Giovanni qal lilu u lil ohtu biex jitbewsu.

Ix-xhud qal illi Giovanni qallhom sabiex iressqu s-sodod flimkien u biex jiehdu xi affarijiet minn kmamar ohrajn u jgibuhom hemm. Huma dahlu f'kamra li kienet miftuha li kienet iggib in-numru 104. Giovanni qalilhom biex jidhlu f'dik il-kamra inkella joqtolhom bil-mus u huma ghenuh.

Meta l-imputat qalilhom biex ikollhom x'jaqsmu ma' xulxin, huma telghu fuq is-sodda. Huwa qaghad fuq ohtu bil-hwejjeg, waqt li Giovanni ha xi ritratti. Wara qalilhom biex jinzghu u ghamlu l-istess mossi ta' qabel. Dakinhar Giovanni uriehom xi kotba psataz, u cioe` li ghandhom ritratti psataz. Waqt li Giovanni kien qed jaqra dawn il-*magazines*, huwa kien qed jiehu r-ritratti taghhom. L-imputat gieli kien mar mal-hajt u ghafas l-organu genitali tieghu mal-istess hajt. Mistoqsi x'ghamel lill-ohtu, ix-xhud qal illi huwa kien biesha u kellu x'jaqsam maghha. Mistoqsi x'ried ifisser b'din l-ahhar kelma, huwa wera l-mossi li kien ghamel, fis-sens illi jibda tiela' u niezel. Huwa qal illi dahhal ukoll subghajh go ohtu. Ghamel dan, peress illi kien qallu l-imputat waqt li kellu l-mus. Huwa iddejjaq jaghmel dan kollu.

It-tifel qal ukoll illi waqt li l-imputat kien joqghod ihares lejn dawn il-kotba psataz, kien ikun bilqeghda fuq siggu. Kif kien jaqra dawn il-kotba, huwa kien icaqlaq il-quddiem u lura l-parti ta' isfel ta' gismu. Kien jgholli jdejh ukoll. Huwa ma kien jghid xejn waqt li kien qed jigri dan.

Ix-xhud qal illi huma dahlu fil-post de quo flimkien mal-imputat ghal hmistax-il jum. F'okkazzjoni wahda kienu dahlu wahedhom. Huwa qal li kien jaf kif jidhol u anke ohtu ghaliex ic-cwievet kienu fil-*letter box*. Kienu marru

[25] A fol. 104 tal-process.

wahedhom f'din l-okkazzjoni ghaliex kien l-imputat li qallhom biex imorru hemmhekk. Ix-xhud qal illi huwa ma kienx tkellem ma' ommu ghaliex kien qed jibza'. L-imputat kien jghidilhom li jekk ma jmorrux fil-*guest house*, joqtolhom.

Matul dawn il-hmistax-il jum li semma, huma kienu jmorru kuljum, izda mhux dejjem kienu jsiru l-pastazati. Il-pastazati saru f'okkazzjoni wahda biss. Meta kienu jmorru fl-okkazzjonijiet l-ohrajn, l-imputat kien jghidilhom biss sabiex igibu l-affarijiet minn fuq. Il-pastazati saru darbu biss u cioe` f'gurnata tat-Tnejn. In kontro-ezami, ix-xhud qal illi l-pastazati saru fl-ewwel gurnata li kienu dahlu fil-*flat*.

It-tifel qal ukoll illi f'okkazzjoni, huwa kien qabad il-*camera* li juza Giovanni, sabbatha mal-art u b'hekk hareg il-*film*. Din il-*camera* kienet ta' kulur iswed. Fir-rigward tal-mus, huwa qal illi dan kellu denbu fit-tond. It-tifel gie muri l-*camera* u l-mus esebiti fl-atti. Huwa gharaf il-*camera* bhala dik li semma fix-xhieda tieghu u gharaf il-mus go *pouch* kannella, bhala l-istess mus li kellu Giovanni. Meta ra l-mazz karti kontenuti fl-istess dokument, ix-xhud qal illi l-imputat kien jghidilhom biex jilaghbu b'dawn il-karti. Hu nnota li dawn il-karti kellhom il-pastazati fuqhom. In kontro-ezami, ix-xhud qal illi meta sabbat il-*camera*, l-imputat kien hemm, izda kien rieqed u dam rieqed xi tliet sighat. F'din l-okkazzjoni, huwa kien harab billi hadlu c-cwievet. It-tifel qal ukoll illi huwa harab darbtejn. In kontro-ezami wkoll, it-tifel qal illi l-ghada huwa rega' mar u ma bezax mill-imputat. L-imputat staqsieh dwar min kien kissirlu l-*camera* u t-tifel qallu li hu ma kien kissirlu xejn. It-tifel ikkonferma illi fir-rigward tal-*camera*, huwa kien gideb lill-imputat u gideb ukoll lill-pulizija meta qallhom li ma kienx qed jaghraf lill-imputat.

Ix-xhud qal ukoll illi Giovanni kien jilbes misluta f'widintu, xi kultant b'salib u xi kultant minghajr salib. Huwa kien jilbes din il-misluta fuq in-naha tax-xellug.

F'okkazzjoni wahda, kemm fuqu, kif ukoll fuq B, l-imputat ghamel *tattoos* permezz ta' *transfer*. *Transfer* wahda ghamilha fuq il-parti genitali tieghu u *transfer* ohra ghamilha fuq in-naha ta' isfel ta' gismu, fuq in-naha tax-xellug. *Tattoo* minnhom kienet tigra, fil-waqt li ohra kienet dragun.

Kien hemm okkazzjoni meta fl-istess *guest house*, marru maghhom zewgt itfal ohra ossia Amanda u Claire, tewmin. Dawn marru maghhom ghaliex kienet qaltilhom ohtu. Ohtu kienet tkellmet maghhom dwar Giovanni u huma riedu jarawh. Izda f'din l-okkazzjoni, Giovanni ma kienx fil-*guest house*.

Ix-xhud qal ukoll illi Giovanni kien jarah jittawwal mill-gallarija tan-nanna tieghu u kien jghidlu "*Ejja ghax noqtlok*".

Ix-xhud qal illi f'okkazzjoni wahda, li kienet nhar ta' Gimgha, kienu marru fl-imsemmi *flat* fit-2.45 p.m. u telqu fl-3.45 p.m. F'okkazzjonijiet ohrajn, kienu marru fis-2.30 p.m u kienu qaghdu hemm sas-6.30 p.m. F'dawn il-hinijiet, huma kienu jghinu lil Giovanni sabiex igorr l-affarijiet minn post ghal iehor.

Ix-xhud qal illi darba huwa kien mar gewwa l-Ghassa u hemmhekk gie muri lill-imputat. F'din l-okkazzjoni huwa kien qed jibza' u ghalhekk kien qal li mhux hu. Qal ukoll "*Pero`, issa nghid li anki f'din l-okkazzjoni, jiena kont gharaft lill-istess imputat bhala l-persuna involuta*".[26]

Ix-xhud gharaf l-*identikit* esebita bhala Dok. CB 5. Skond ix-xhud, meta gara dan il-kaz, l-imputat kellu xaghru twil u kien minghajr mustacci.

Mistoqsi ghaliex quddiem il-Magistrat Inkwirenti, huwa kien qal il-kliem '*hassejt in-nervi jigru*', huwa qal li b'dan ried ifisser illi beda jaharqu l-organu genitali tieghu u dan ghaliex beda jaghfas l-organu genitali tieghu ma' ohtu. Dan sehh meta huwa kien minghajr hwejjeg u ohtu wkoll kienet minghajr hwejjeg.

B'referenza ghat-tpingijiet esebita bhala Dok. CB 9, u b'referenza ghaz-zewg tpingijiet ta' annimal u ta' tifla, huwa qal li dawn saru minn ohtu. Fir-rigward tat-tpingijiet l-ohrajn fejn hemm murija qishom qrun u organi genitali maskili, huwa qal li dawn saru mill-imputat meta kienu fil-*flat.* Giovanni ta t-tpingijiet lix-xhud. Huwa qal illi l-imputat kien ghamillu dawn it-tpingijiet sabiex jekk ikun hemm xi hadd ghaddej minn hdejh, huwa jurih subajgh tan-nofs. B'referenza ghall-kliem miktub b'inka hamra, ix-xhud qal illi dawn kitibhom l-imputat u li huwa kien zgur li dawn kitibhom l-istess imputat. Mistoqsi jekk l-imputat kienx qallu dawn il-kliem, huwa qal illi l-imputat kien kitibhom u tah din il-karta bil-kliem bl-ahmar mal-karti l-ohrajn.

Dwar id-dokument immarkat bhala Dok. CB 12, ix-xhud qal dwar l-ittra miktuba bejn il-linji mhux homor, fejn hemm il-kliem '*A's writing*' fuq in-naha ta' fuq, illi l-*handwriting* hija tieghu u li din kitibha meta ommu kienet qeghda tiddettalu minn ittri ohrajn. Huwa spjega illi ommu kienet qeghda tiddettalu minn zewg ittri ohrajn miktubin bejn il-linji homor. Ix-xhud qal illi dawn iz-zewg ittri gew miktuba mill-imputat.

[26] A fol. 111 tal-process.

Mistoqsi mill-Qorti jekk l-imputat refax idejh fuqu, ix-xhud qal illi darba l-imputat tah daqqa fuq il-gbejna tal-lemin u darba tah daqqa fuq xufftejh. Dan gara ghaliex hu ma riedx jaghmel dak li qallu u cioe` huwa ma riedx iross is-sodod ma' xulxin.

Ix-xhud qal ukoll illi f'okkazzjoni wahda, l-imputat kien qallu sabiex imur jixtri c-cikkulata. Huwa mar u talab lill-imputat ic-cwievet. L-imputat tahomlu hekk kif nizel isfel. Ix-xhud qal illi huwa sakkar il-bieb ta' barra u pogga c-cwievet fil-*letter box*. F'din l-okkazzjoni, ohtu kienet marret mieghu. Fil-*letter box* huwa pogga l-flus li kien tah l-imputat sabiex jixtrilu c-cikkulata.

In kontro-ezami, mistoqsi mill-Avukat Difensur jekk hux minnu illi l-pastazati ghamilhom mhux l-imputat, izda Clinton it-Tiger, ix-xhud wiegeb testwalment "*le dak ghamilhom*" u ppunta subajgh lejn l-imputat. Ix-xhud qal illi Clinton it-Tiger ghandu xi tlettax jew erbatax-il sena u huwa wiehed mill-ahjar hbieb tieghu. Qal ukoll illi lill-imputat kienu jghidulu t-Tiger.

Fis-seduta tat-23 ta' Gunju 1997, gie riprodott mid-difiza in kontro-ezami **A** .[27] Huwa qal illi dwar il-kaz in kwistjoni, huwa kien mar gewwa l-Ghassa ta' Tas-Sliema xi ghoxrin darba u li ohtu kienet dejjem tmur mieghu. Fir-rigward tal-incident tal-*camera* tar-ritratti, huwa qal illi huwa kien nehha l-*film* mill-*camera* u waddab il-*camera* mal-art. Imbaghad waddab il-*film* mal-art ukoll. Meta waddab il-*camera* tar-ritratti, din ma nkissritx. Ix-xhud qal illi Giovanni ma rahx jitfa' l-*camera* mal-art u li dak il-hin Giovanni kien fit-*toilet* tal-istess kamra. Il-*camera* ghamlet hoss meta sabbatha mal-art u li huwa kien sabbatha bis-sahha. Meta r-ragel ra l-*camera* mal-art, huwa ma staqsiehx ghaliex kien sabbatha mal-art, izda meta ra l-*camera* mal-art huwa ghajjat mieghu. It-tifel qal illi huwa kien sabbat il-*camera* mal-art peress illi kienet iddejjqu. Permezz ta' din il-*camera*, ir-ragel kien ha r-ritratti taghhom u fil-*film* li huwa tefa' mal-art, kien hemm ir-ritratti taghhom.

Qabel ma gara l-incident tal-*camera*, huma kienu marru fil-lukanda, izda ma jiftakarx kemm il-darba kienu marru. Il-pastazati graw xi darbtejn u fi granet differenti u ma grawx fl-ewwel gurnata li dahlu fil-post in kwistjoni. Ohtu kienet prezenti fiz-zewg okkazzjonijiet. Meta graw dawn il-pastazati, kienu prezenti biss hu, ohtu u r-ragel u hadd izjed. Ma kinux graw pastazati dakinhar tal-incident tal-*camera* u dawn saru qabel dakinhar. Ix-xhud qal illi meta ttiehdu r-ritratti tieghu u ta' ohtu kien id-dawl u kien hemm ukoll *flash* li ma ntuzatx. Meta hu u ohtu kienu jaghmlu l-pastazati, Giovanni kien joqghod jiehu r-ritratti u kien ikun bil-wieqfa jiehu r-ritratti. It-tifel qal illi ma jafx kemm ha ritratti u ma jistax jghid jekk hax ftit jew hafna. Wara li spicca jigbed ir-ritratti,

[27] A fol. 286 sa 293 tal-process.

huwa pogga l-*camera* f'kexxun. It-tifel qal illi bhala pastazati Giovanni ma kien ghamel xejn u li kien jiehu r-ritratti biss.

Qal illi fil-lukanda marru madwar ghoxrin darba u li ohtu ma kinitx tmur dejjem mieghu. Ix-xhud qal illi fil-lukanda mar wahdu xi hames darbiet, izda fid-drabi l-ohra kien ikun hemm prezenti ohtu wkoll. Huma kienu jmorru fil-lukanda darba kuljum.

It-tifel qal illi f'okkazzjoni wahda kienu marru maghhom zewgt itfal, Amanda u Claire. Huwa qal illi kienu dahlu gewwa flimkien u li Giovanni fethilhom il-bieb. Ghalhekk Amanda u Claire raw lil Giovanni. Dan baqa' maghhom ghal madwar seba' minuti. Meta kienu prezenti Amanda u Claire ma saru l-ebda pastazati. Bhala zmien, huwa qal illi l-ewwel kienu marru fil-lukanda Amanda u Claire, u l-incident tal-*camera* kien sehh wara. Huwa ma setax jiftakar kemm il-darba marru fil-lukanda wara l-incident tal-*camera*.

Ix-xhud qal illi dak iz-zmien huwa kien jilghab il-futboll ma' Tigne u kien imur jilghab fil-*ground* ta' Tigne. Huwa gieli kien imur fil-kazin tal-futboll ta' Tas-Sliema u hemmhekk kien imur mal-kugin tieghu, Mario Chircop li ghandu madwar 21 sena. Ix-xhud qal illi hdejn dan il-kazin, hemm *bar* u li hu kien ikun mal-kugin, meta dan kien jixtri mill-*bar*. Anke hu kien jixtri mill-*bar* meta kien ikun mal-kugin, izda qatt ma xtara wahdu. Ix-xhud qal ukoll illi dak li kien jaghtihom il-helu u d-*drinks* mill-*bar* kien ragel, liema ragel kien qarghi u kellu l-mustacci. Huwa ma kienx jaf x'jismu r-ragel tal-*bar*. Xaghru ma kienx maqtugh hafna u kellu l-qargha. Ix-xhud ma kienx jaf jekk kellux xi misluta. Huwa ftakar illi fil-kazin kien ikun hemm ragel bil-mustacci u xaghru maqtugh qasir. Mistoqsi mid-difiza jekk jistax ikun illi r-ragel fil-lukanda ma kienx l-akkuzat, ix-xhud wiegeb mill-ewwel "*dak hu*"[28]. Mistoqsi jekk jistax ikun li kien ragel li kien jixbah hafna lill-akkuzat, huwa rega' qal "*dak hu*"[29]. Huwa eskluda li waqt ix-xhieda tieghu ghamel xi zball u eskluda wkoll illi ghamel zball meta xehed l-ewwel darba.
Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 1996, xehdet **B Jane** .[30] Mistoqsija jekk tafx lill-imputat prezenti fl-awla, hija qalet li tafu u li kienet iltaqghet mieghu vicin *flats* li jinsabu go Cathedral Street. Meta ltaqghet mal-imputat kien hemm huha maghha. Ix-xhud qalet illi l-imputat ha lilha u lil huha gewwa dawn il-*flats*. Dahlu gewwa dawn il-*flats* ghax kien qalilhom l-imputat. L-imputat kien qalilhom li jismu Giovanni Costa u ma kinitx taf li ghandu xi laqam. Dahlu fil-*flats* billi l-imputat sab ic-cavetta fil-*letter box*. Hija qalet li kien hemm zewgt icwievet, wahda ta' isfel u wahda ta' fuq. In kontro-ezami, hija qalet illi c-

[28] A fol. 292 tal-process.
[29] Ibid.
[30] A fol. 120 sa 134 tal-process.

cavetta ta’ fuq kienet tal-kamra bin-numru 101. Kien hemm cavetta tonda li tiftah il-bieb ta’ barra u cavetta triangolari li kienet tal-kamra 101.

Fil-*flats*, huma dahlu gewwa kamra bin-numru 101. Wara li dahlu f’din il-kamra, l-imputat qalilhom biex ipoggu s-sodod ma’ xulxin. L-imputat qalilhom sabiex hi u huha jmissu lil xulxin. Huma ghamlu hekk u meta ghamlu dan, huma ma kinux libsin. Waqt li hi u huha kienu qed imissu lil xulxin, l-imputat kien qed jaqra xi kotba tal-pastazati. Ix-xhud qalet illi waqt li hi u huha kienu qed jaghmlu l-pastazati, huma kienu gharwenin. Qalet illi l-imputat geghlhom jaghmlu dawn l-affarijiet bil-kliem. Hija qalet illi l-imputat qalilha l-kliem ‘*f... t’ommok*’ u qalilhom ukoll kliem ta’ theddid. L-imputat uza wkoll sikkina biex jheddidhom, liema sikkina kellha *handle* iswed. Fuq dan il-*handle,* fi kliem l-istess tifla, kien hemm affarijiet tondi u nnutat li kien hemm xi disinn, ghalkemm ma setghetx tghid x’tip ta’ disinn kien. Ix-xhud pingiet dan id-disinn li nnutat fuq il-manku tas-sikkina. Fil-fatt hija pingiet tliet disinni u cioe` wiehed ta’ qalb, iehor triangolu u iehor ta’ xemx.[31] Skond ix-xhud, din is-sikkina kienet go *pouch* kannella. B’referenza ghad-disinni li ghamlet, u meta giet murija l-mus esebit in atti, ix-xhud irreferiet lill-Qorti ghad-disinn fuq in-naha ta’ wara tal-manku. Pero` gharfet is-sikkina bhala dik li kellu l-imputat.

Wara li ghamlu dak li qalilhom l-imputat, huwa qalilhom sabiex inizzlu xi affarijiet minn fuq. Huma gabu xi flixkun inbid u l-imputat beda jixrob l-inbid. Wara qalilhom sabiex imorru jgibu xi siggijiet u huma ghamlu dan. Dawn huma poggewhom fil-kamra 101. Qalilhom biex igibu t-tazzi zghar u huma poggewhom fil-gwardarobba. L-imputat ma tahomx raguni ghalfejn ried jaghmel dan. Dwar il-kamra 104, hija qalet li din kienet diga` miftuha.

Mistoqsija mill-Qorti jekk l-imputat ghamilx xi haga pastaza, hija qalet illi l-imputat mar mal-hajt – “*hareg dak li mhux suppost, poggieh mal-hajt … beda jaghmel fejn mhux suppost mal-hajt*”[32].
It-tifla qalet illi waqt li hi u huha bdew jaghmlu l-pastazati, l-imputat uza wkoll *camera* tar-ritratti u ha xi ritratti. Hija ftakret illi huha sabbat din il-*camera* mal-art u minnha hareg il-*film*. Hija ma kinitx taf x’sar minnu l-*film*. In kontro-ezami, ix-xhud qalet illi wara li huha tefa’ l-*camera* mal-art u hareg il-*film*, Giovanni qabad jaghtih b’idejh. Taf li Giovanni laqat lil huha fuq halqu u fuq in-naha ta’ wara ta’ rasu, minn fejn hariglu d-demm. Skond l-istess xhud, dan l-incident gara fit-tielet gurnata.

B’referenza ghall-kotba tal-pastazati, hija qalet li ma tafx x’kien hemm go fihom, izda rat dawn biss minn wara. Wara qalet illi fuq wiehed minnhom kien

[31] Ara disinni a fol. 135 tal-process.
[32] A fol. 123 tal-process.

hemm mara bir-roza. Ma tiftakarx li rat karti tal-loghob. Hija qalet illi l-imputat kien joqghod jara l-kotba fil-kamra. Waqt li hu kien jara dawn il-*magazines*, hi u huha kienu qeghdin ibusu lil xulxin. L-imputat kien joqghod bil-qeghda fuq siggu u ma kien jaghmel l-ebda mossa. Qalet illi hija ma ratx lill-imputat icaqlaq x'imkien waqt li kien bil-qeghda jara l-*magazines*. It-tifla spjegat illi waqt li hi u huha kienu qeghdin fuq xulxin, hija kienet qeghda taht u huha kien qieghed fuq. F'dan il-waqt, huha missilha "*hawn isfel*"[33], jigifieri l-parti privata taghha. Qalet li huha beda jmissha kullimkien, izda hi lil huha ma missitux. Fuq domanda tal-Ufficjal Prosekutur, it-tifla qalet ukoll illi huha kien dahhal subajgh go fiha.

B'referenza ghal *camera* li kien qed juza l-imputat, hija qalet illi din kienet ta' kulur iswed, bil-*flash* ahmar. Meta gie murija l-*camera* esebita fl-atti, hija gharfet din il-*camera* bhal dik li kien juza l-imputat u wriet lill-Qorti l-buttuna hamra tal-*flash*.

B'referenza ghal persuna nvoluta, ix-xhud qalet illi dan kellu xaghru twil. Ma nnutatx li kien jilbes xi haga partikolari fuq wiccu jew fuq rasu. Fuq domanda tal-Qorti, hija qalet illi l-imputat kien jilbes '*cross'* fuq widintu tax-xellug. Dan kien kulur tad-deheb.

Il-pastazati graw darba wahda biss u in kontro-ezami, qalet illi dawn graw fl-ewwel jum li kienu marru – dan kien fl-14 ta' April 1996. Pero` fil-*flats* in kwistjoni, hija dahlet xi hmistax-il darba. Meta dahlu f'dawn l-appartamenti, kien ikun hemm l-imputat. F'okkazzjonijiet ohrajn, huma sempliciment nizlu l-affarijiet minn fuq. In kontro-ezami, ix-xhud qalet illi l-imputat kien mar kuljum meta huma marru hemm, hlief f'gurnata wahda li kien is-Sibt. Din kienet il-gurnata li fiha sabhom il-proprjetarju tal-*flats* gewwa l-istess. Dakinhar Giovanni ma kienx hemm.

Ix-xhud qalet illi waqt li kienu fl-appartamenti, l-imputat qatt ma kiteb xejn. Izda meta giet murija z-zewg ittri esebiti bhala Dok. CB 12, miktubin bejn il-linji homor, hija qalet li dawn l-ittri kitibhom l-istess imputat u wara huwa tahom lilha u lil huha. Hija qalet li hbiet dawn l-ittri billi poggiethom f'kexxun fid-dar tan-nanna. Wara ommha kienet qaltilhom sabiex jiktbu l-istess kliem li kien hemm imnizzlin f'dawn l-ittri. Hija gharfet iz-zewg l-ittri l-ohrajn bhala z-zewg ittri li gew dettati lilhom minn ommha a bazi taz-zewg ittri miktubin mill-imputat. Hija kitbet l-ittra li fuqha kien hemm il-kliem '*B's writing*'.

Fir-rigward tad-dokument esebit bhala Dok. CB 9, ix-xhud qalet illi l-annimal gie mpingi minn huha, fil-waqt illi hija pengiet it-tifla b'xagharha twil.

---

[33] A fol. 127 tal-process.

B'referenza ghall-istess dokument, fejn hemm xi kliem imnizzlin minn *bad words* sa *mother and father*, dawn kitbithom hi, sabiex ma tinsihomx. Hija qalet illi l-ewwel kitbithom hi u dawn jidhru fuq zewg pagni ta' pitazz u imbaghad kitbithom ommha. Ix-xhud spjegat illi hija kienet nizlet il-kliem li kienet semghet lill-imputat jghidilhom. Hija kkonfermat illi l-imputat qalilha l-kliem kollha imnizzlin fuq dawn iz-zewg faccati u mbaghad dawn inkitbu minn ommha. Dwar it-tpingijiet l-ohrajn, hija qalet li dawn pingihom huha u li dawn pingihom ghaliex kien l-imputat li qallu sabiex jaghmel hekk. Qalet li dawn kienu tpingijiet ta' huha ghaliex kienu jidhru li huma hekk.

Ix-xhud qalet ukoll illi kien hemm okkazzjoni wahda meta marru fl-istess appartament ma' zewgt itfal ohra ossia Amanda u Claire. Hija qalet li kienu hadu dawn iz-zewgt ihbieb taghhom hemmhekk, peress illi kien l-imputat li qalilhom biex jaghmlu dan. Meta marru l-hbieb taghhom, l-imputat ma kienx hemm. Ix-xhud qalet ukoll illi huma stess kienu qalu li dawn iz-zewgt ihbieb taghhom biex imorru maghhom.

Ix-xhud qalet illi l-imputat kien jghidilhom illi jekk ma jmorrux fl-appartamenti in kwistjoni, huwa kien joqtolhom b'dik is-sikkina.

In kontro-ezami, hija qalet li generalment huma kienu jdumu fil-*flats* mit-3.15 p.m. sa xi s-6.00 p.m. Matul dan il-hin, huma gieli kienu jitkellmu u gieli kienu joqoghdu bil-qeghda fuq it-tapit. F'dan il-waqt, kienu jitkellmu wkoll.

In kontro-ezami, ix-xhud qalet ukoll illi lill-imputat kienet ratu gewwa l-Ghassa. Meta ratu hemm, l-ewwel hija qalet 'iva', imbaghad 'le' u dan ghamlitu peress illi huha kien qal 'le'. Qalet ukoll li huma qalu 'le' ghaliex bdew jibzghu u hi qalet 'le' ghaliex semghet lil huha jghid 'le'. Hija qalet illi kien l-imputat li ghamel l-affarijiet li spjegat u eskludiet li kienet qeghda tiehu xi zball f'dan. Qalet ukoll illi waqt l-incident, l-imputat kellu xaghru twil u ma kellux daqna jew mustacci.
In ri-ezami, ix-xhud qalet illi l-imputat gieli rrabja maghhom. Meta kien jigri dan, huwa kien jghidilhom kliem pastaz u kien jaqbad is-sikkina f'idejh. Qalet ukoll illi ma kien jaghmel xejn iktar.

Il-minuri **B** giet riprodotta mid-difiza in kontro-ezami fis-seduta tat-23 ta' Gunju 1997[34]. Hija xehdet illi dwar il-kaz in ezami, huma kienu marru gewwa l-ghassa darba wahda biss u li meta marret fl-ghassa ta' Tas-Sliema, kien hemm maghha ommha, missierha, ohtha u huha.

---

[34] Ix-xhieda tal-minuri Kylie , in kontro-ezami, tinsab a fol. 278 sa 286 tal-process.

Hija kkonfermat illi meta f'okkazzjoni wahda kienu fil-lukanda in kwistjoni, huha A kien sabbat il-*camera* tar-ritratti mal-art, izda l-*camera* ma nkissritx. Qalet ukoll illi meta huha kien sabbat il-*camera* mal-art, ir-ragel li kien hemm maghhom fil-lukanda ma kienx prezenti u ma kienx fil-kamra. Ma tafx fejn kien ir-ragel imsemmi. Wara in ri-ezami qalet illi fil-jum li gara l-incident tal-*camera*, lil Giovanni Caruana ma ratux fil-lukanda. Dakinhar hi u huha kienu telqu mill-post in kwistjoni u ma harbux minn Giovanni.

Hija qalet illi sabiex huma dahlu fil-lukanda f'din l-okkazzjoni, kien waddbilhom ic-cavetta l-istess Giovanni. Dakinhar ma kinux skola u kienu baqghu fil-lukanda sa madwar l-4.00p.m. Madankollu, ix-xhud ma ftakritx fi x'hin kienu dahlu gewwa. Qalet li ma kinux gewwa minn filghodu u li f'nofsinhar kienu kielu d-dar. Qalet illi fil-fatt huma dahlu fil-lukanda wara li kienu kielu d-dar. Dakinhar huma qaghdu l-hin kollu ma' Giovanni fil-lukanda.

Ix-xhud qalet illi Giovanni ma rax il-*camera* tar-ritratti mal-art. Qalet li huha tefa' l-*camera* mal-art bil-mod, ma ghamlitx hoss u li tista' tghid illi l-*camera* qisha waqatlu minn idejh. Qalet li ma kinitx taf ghalfejn huha waddab il-*camera* mal-art.

F'din l-okkazzjoni, din ma kinitx l-ewwel darba li huma kienu dahlu fil-lukanda. Jekk tiftakar sew, huma kienu marru l-ewwel darba fil-lukanda gimgha qabel l-incident tal-*camera*. Ix-xhud qalet illi b'kollox, fl-istess lukanda dahlu xi erba' darbiet u li kienu jmorru tista' tghid kuljum gewwa l-lukanda. Qalet illi kienet taf li gimgha fiha sebat ijiem u li wara l-incident tal-*camera*, kienu regghu marru fil-lukanda madwar erba' darbiet.

Ix-xhud qalet ukoll illi l-pastazati graw fl-istess jum li fiha huha kien waddab il-*camera* u li l-pastazati saru f'dik il-gurnata biss. Qalet ukoll illi huma kienu regghu marru fil-lukanda wara li graw il-pastazati ghaliex kienu jibzghu minnu. Wara li saru l-pastazati, hi u huha kienu marru lura lejn id-dar wahedhom. Ix-xhud qalet illi hija ma kinitx qalet lil ommha u lil missierha dwar dak li kien gara peress illi kienet qeghda tibza' minn Giovanni.

Qalet li Amanda u Claire, il-hbieb taghhom, kienu marru fil-lukanda darba biss u li sa fejn kienet taf hi, huma qatt ma ltaqghu ma' Giovanni. Ix-xhud qalet ukoll illi fil-jum meta dahlu il-hbieb taghhom, kienu dahlu f'daqqa hi, A, Amanda u Claire u li Giovanni kien fethilhom il-bieb tal-lukanda, sabiex jidhlu. Giovanni sempliciment fetah il-bieb u telaq l'hemm. Dwar dan qalet illi ma tiftakarx jekk fil-fatt Giovanni baqax fl-istess lukanda jew inkella hareg mil-lukanda. Ghalhekk, skond hi, Amanda u Claire ma rawhx. Wara qalet illi Amanda u Claire ma dahlux maghha u ma' A, izda marru madwar hames minuti wara.

Ix-xhud qalet ukoll illi meta huha sabbat il-*camera,* Amanda u Claire ma kinux hemm u li ma tiftakarx x'gara l-ewwel, jekk hux l-incident tal-*camera* jew meta marru Amanda u Claire.

Ix-xhud qalet illi hija qatt ma kienet marret jew iffrekwentat il-kazin tal-futboll ta' Tas-Sliema u ma tafx jekk huha kienx mar fl-istess kazin. Lanqas ma kienet taf jekk huha kienx imur jilghab futboll maz-zghar tat-*team* ta' Sliema Wanderers. Hija qalet li lil Giovanni qatt ma kienet ratu qabel, u cioe` qabel ma ratu fil-lukanda. Mistoqsija jekk fil-fatt ir-ragel li kienet tara fil-lukanda ma kienx l-akkuzat, izda ragel iehor li jixbhu hafna, hija qalet testwalment "*kien dak*"[35], b'referenza ghall-akkuzat u li zgur ma kinitx qeghda tiehu zball dwar dan. Qalet illi Giovanni Caruana ilu li tawwal xaghru. Qalet ukoll illi r-ragel in kwistjoni, dak iz-zmien, kellu xaghru qasir u l-mustacci. Lehja ma kellux. Ma kienx jilbes nuccali u kellu misluta mal-widna tax-xellug. Hija qalet li ma kinitx tiftakar x'kien liebes u ma kinitx taf jekk kienx liebes qalziet twil jew qasir. Ir-ragel kien jilbes zarbun.

Ix-xhud qalet illi meta r-ragel kien igieghel lilha u lil huha jaghmlu l-affarijiet psataz, huwa kien jurihom affarijiet psataz. Kien joqghod bil-qeghda u jurihom l-affarijiet psataz biss. Kien jurihom ritratti. Ir-ragel kien jibqa' bil-qeghda fuq siggu u qatt ma kien iqum minn fuq is-siggu. It-tifla qalet illi huha u hi ghamlu l-pastazati aktar minn darba quddiemu u li ghamlu dawn l-affarijiet "*dejjem fl-istess gurnata*"[36].

Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 1996, xehdet **Amanda Bartolo**[37]. Hija qalet illi B u A kienu hbieb taghha u kkonfermat illi hija kienet marret flimkien maghhom gewwa *flats* f'Cathedral Street, Sliema. Hija dahlet hemm sabiex tara dawn l-appartamenti. Meta dahlet, ma kien hemm hadd, hlief hi u ohtha t-tewmija, Claire, A u B. Waqt li kienu hemm, huma daru l-post u raw kollox u anke telghu fuq il-bejt. Hija ftakret li rat xi *magazines* f'xi kexxun, izda ma tafx x'tip ta' *magazines* kienu. Hija qalet li l-ahwa ma qalulhomx li kienu ser jaraw lil xi hadd jew xi haga hemmhekk. A kellu c-cwievet ta' dawn il-*flats* u ghalhekk setghu jidhlu gewwa. Qalet illi A qalilha illi huwa kien sab dawn ic-cwievet mal-art u li dawn ic-cwievet kienu fil-but ta' A. Waqt li kienu fil-*flats,* huma ma laghbux bil-*makeup.* Qalet ukoll illi ma kinitx qeghda tibza' tghid il-verita` dwar dak li kien sehh gewwa u qalet ukoll illi ommha kienet tatha kastig talli dahlet hemm gew. Mistoqsija mill-Qorti jekk hija kinitx qatt rat lill-imputat, hija wiegbet fin-negattiv.

[35] A fol. 283 tal-process.
[36] A fol. 285 tal-process.
[37] A fol. 136 sa 138 tal-process. Din ix-xhieda, bil-lingwa Ingliza giet tradotta fil-lingwa Maltija u tinsab hekk tradotta a fol. 139 sa 141 tal-process.

Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 1996, xehdet ukoll **Claire Bartolo**[38]. Hija qalet illi ricentement hija giet kastigata minn ommha ghaliex dahlet gewwa *flat* li jinsab f'Cathedral Street, Sliema. Hija dahlet f'dan il-*flat* flimkien ma' A u B . Huma marru gewwa sabiex jaraw dan il-*flat.* Skond ix-xhud dan gara l-Erbgha, u kien matul April 1996. Skond ix-xhud dan kien lejn in-nofs ta' April 1996. Meta kien hemmhekk, huma ma laghbux bil-*make up*. Hija qalet illi ma tiftakarx li rat xi *tissues* bil-*lipstick.* Qalet li ma rawx kotba jew *magazines*. Qalet li huma dahlu ghaliex A jew B kellhom cavetta. Hija ftakret li xi hadd minnhom kellu cavetta, liema cavetta kienu gabuha minn gewwa l-*letter box.* La A u lanqas B ma qalulhom li kienu jaraw lil xi hadd fil-*flats* u huma dahlu biss biex jaraw il-*flat.*

Mistoqsija mill-Qorti jekk B jew A jew it-tnejn li huma kinux qalulhom li kien gralhom xi haga jew li kien qed jigri xi haga fil-*flat,* hija wiegbet fin-negattiv u qalet ukoll illi huma qatt ma qalulha li kienu ltaqghu ma' xi hadd fil-*flat.*

Fl-istess seduta tal-14 ta' Mejju 1996, xehed ukoll **Peter Cassar**[39] ossia l-proprjetarju tal-*guest house* in kwistjoni. Huwa qal illi fil-gimgha tal-21/22 ta' April 1996, ma kienx hemm nies fil-*guest house* u li hu jew il-mara tieghu jmorru kuljum fl-istess *guest house* sabiex jivverifikaw li kollox ikun sew. Huwa spjega illi l-*guest house* in kwistjoni ghandha lift u meta xi hadd minnhom johrog, il-lift ikun fil-*ground floor.* Ix-xhud qal illi madankollu, meta huwa dahal fil-jum tat-Tlieta, huwa sab illi l-lift ma kienx fil-*ground floor.* Dehrlu li din kienet haga stramba, peress illi l-*guest house* kienet vojta. Dan gara wkoll fil-jum tal-Erbgha. Generalment, huma kienu jmorru jiccekkjaw il-*guest house* fil-ghodu u sal-11.30 a.m. kienu jkunu hargu. Wara li huwa ghamel il-verifiki tieghu dwar jekk forsi xi hadd li kien jaf setax dahal fil-*guest house* u dan irrizultalu fin-negattiv, nhar il-Hamis, ghamel rapport gewwa l-Ghassa dwar dak li rrizultalu.

Cassar spjega illi l-*guest house* in kwistjoni kienet tikkonsisti f'erba' sulari u f'kull sular, hemm tlett ikmamar. Fil-kamra ta' quddiem, fl-ewwel sular, ossia l-kamra bin-numru 101, kienu sabu ghamarha mhux f'postha. Ghalhekk issusspettaw li kien qed jigri xi haga u ghamlu rapport fl-Ghassa.

In vista ta' dan, huwa kien irranga sabiex nhar il-Gimgha, bniedem li huwa kien jaf, joqghod barra l-*guest house.* Huwa spjega illi minn barra tista' tara fejn huwa x-*shaft* tal-lift u dan peress illi l-bieb ta' barra huwa maghmul minn *aluminium* tal-hgieg. Ix-xhud qal illi dan il-bniedem li huwa semma' – Adam

[38] A fol. 143 sa 145 tal-process. Din ix-xhieda giet tradotta mill-lingwa Ingliza ghal dik Maltija, liema traduzzjoni tinsab a fol. 146 sa 148 tal-process.
[39] A fol. 149 sa 156 tal-process.

Bugeja – induna li l-lift ma kienx fil-*ground floor* u ghalhekk cemplilhom. Huma qalu lil Bugeja sabiex ma jidholx, izda jistenna barra sakemm jaslu l-pulizija. Da parti tieghu, s-sid cempel lill-pulizija. Sussegwentement, il-pulizija dahlu ma' Bugeja fil-*guest house.*

Cassar xehed ukoll illi c-cwievet tal-*guest house* jinzammu jew fin-naha ta' fuq tal-*guest house* jew fuqhom stess. Madankollu inzerta illi matul il-gimgha ta' qabel it-Tnejn li semma' l-istess xhud, kellhom turist ingliz li kien ser jitlaq fl-4.00 a.m. Ghalhekk huma qalulu sabiex ihalli c-cwievet fil-kaxxa tal-ittri, kif fil-fatt ghamel. Dan l-ingliz kien joqghod fil-kamra numru 101 u c-cwievet li pogga fil-*letter box* kienu tal-istess kamra. Cassar spjega wkoll illi kull turist li jirrisjedi f'din il-*guest house* jinghata zewgt icwievet – wahda tal-kamra tieghu u l-ohra tal-bieb ta' barra tal-*guest house.* Ghalhekk dan l-ingliz kellu c-cavetta ta' barra u c-cavetta tal-kamra bin-numru 101. Ix-xhud ma ftakarx jekk l-ingliz telaq fil-jum tal-Hamis jew tal-Gimgha. Qal illi wara li telaq, mara li tahdem ghalihom ossia Mary Saliba, naddfet din il-kamra. Fir-rigward tac-cwievet, ix-xhud qal illi jista' jkun li huma nsewhom fil-*letter box.*

Cassar qal illi huwa ma kienx jaf lill-imputat. Qal ukoll illi jahseb illi kieku instabu xi *magazines* fil-kamra bin-numru 101, Mary Saliba kienet tghidilhom. Huwa spjega illi jekk it-turisti li jkunu qaghdu fil-*guest house* ihallu xi oggetti warajhom, Mary Saliba, jekk issibhom, kienet taghtihomlom.

Ix-xhud kompla jghid illi s-Sibt filghodu, huwa mar fuq il-post biex jara x'kien qed jigri u baqa' ghassa fin-naha ta' fuq tal-*guest house*. F'certu hin, ghall-habta tal-10.30 a.m., huwa sema' l-bieb ta' barra jinfetah u meta nizel, huwa sab zewgt itfal. Dawn l-ewwel telghu bil-lift, izda meta ndunaw bih, dawn nizlu jigru t-tarag u hargu 'l barra. Huwa qabal lil dawn it-tfal li ma kienx jafhom qabel, dahhalhom gewwa u cempel lill-pulizija.

Ix-xhud qal ukoll illi sadanittant huwa ttawwal fil-bitha interna tal-*guest house*. Hemmhekk sab *plastic bag* b'xi *magazines* go fiha, huwa gabarha u tellaghha fuq fil-kcina. Meta hares sabiex jara x'kien il-kontenut ta' dawn il-*magazines*, huwa nnota li dawn kien *magazines* tas-sess. Meta gie muri l-*magazines* esebiti fl-atti, huwa qal illi l-*magazines* li huwa sab fil-bitha kienu ta' dan it-tip. Qal illi ma kienx jaf minn tefaghhom fil-bitha tal-*guest house* tieghu.

Fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud spjega illi fuq naha wahda biss, hemm proprjeta` ta' terzi li tmiss mal-bitha, liema proprjeta` bhalissa hija vojta. Huwa qal illi fil-bitha kien hemm ukoll xi posta minn taghhom li kienet mitfugha hemm ukoll. Huwa qal illi dan kollu intefa' minn xi tieqa tal-*guest house*.

Cassar qal ukoll illi gewwa kamra numru 103, huwa sab hsara konsistenti f'bieb sgassat ossia *lock* imkisser. Sab ukoll dannu f'xi fajjenza.

Huwa qal ukoll illi meta qabad lil dawn iz-zewg itfal, huwa staqsihom kif dahlu, u huma qalulu li dahlu bi cwievet. Meta staqsihom fejn sabuhom, huma qalulu li sabuhom. Lilu personalment u meta kien wahdu maghhom, it-tfal ma semmewlux li kienu jmorru hemmhekk ma' xi hadd.

Cassar spjega illi l-*guest house* kienet ilha battala mit-18 ta' April 1996.

Fis-seduta tas-26 ta' Lulju 1996, rega' xehed **Peter Cassar**.[40] Huwa esebixxa stima ta' danni bhala Dok. PCY[41], liema stima tirreferi ghal riparazzjoni ta' bieb *fil-guest house*, fl-ewwel sular, kif ukoll tibdil tas-serratura fl-istess bieb, liema danni jammontaw ghas-somma ta' Lm75. Ix-xhud qal illi kienu ghaddew bejn jumejn jew tliet ijiem minn meta kien mar l-ahhar darba fil-*guest house* sakemm skopra u ra l-bieb danneggjat. Fir-rigward tac-cwievet tal-fond, huwa qal illi kien hemm cavetta ghand Mary Saliba u cioe` l-fattiga fil-post in kwistjoni, u cavetta ohra ghand Adam Bugeja ossia l-*handyman*.
Fis-seduta tal-20 ta' Mejju 1996, xehed **Adam Bugeja**[42]. Huwa qal illi kienet gurnata tal-Gimgha, ghalkemm ma kienx jiftakar id-data, meta Cassar talbu favur sabiex jissorvelja xi ftit il-*guest house.* Dan ghaliex, kif qallu Cassar, huwa kien qed isib xi affarijiet mhux f'posthom. Cassar kien qallu wkoll sabiex gewwa jhalli d-dawl mitfi u l-lift ihallih dejjem fis-sular ta' isfel. Ix-xhud spjega illi l-Gimgha, huwa wasal fuq il-post flimkien ma' martu, ghall-habta tas-7.30 p.m. u ttawwlu mill-bieb ta' barra. Huwa nduna illi d-dawl tal-ewwel sular kien mixghul u l-lift ma kienx fis-sular ta' isfel. Huwa ghalhekk cempel lil Cassar li, da parti tieghu qallu sabiex ma jidholx u dan ghaliex hu stess kien ser jikkomunika mal-pulizija. Fil-fatt il-pulizija marru fuq il-post.

Ix-xhud spjega illi martu kellha c-cwievet tal-bieb ta' barra u dahlu b'dawn ic-cwievet. Huwa nnota illi d-dawl illi huwa semma' bhala li kien mixghul, kien fil-kuritur tal-ewwel sular, liema kuritur jista' jidher minn barra. Hekk kif telqu l-pulizija, huwa u martu baqghu fuq il-post, fil-vettura taghhom, sal-4.00 a.m., izda ma gara xejn.

Huwa spjega illi meta kien fuq il-post, huwa nnota illi kien hemm sufan, twaletta u twapet kannella li jkunu quddiem il-lift, li ma kinux f'posthom.

L-ghada fil-ghodu, huwa kien mar fil-*guest house* ma' Peter Cassar sabiex iduru l-kmamar kollha. Kienu bdew ifittxu fil-kamra 101 u dan peress illi f'din il-

[40] A fol. 227 sa 229 tal-process.
[41] Esebita a fol. 230 tal-process.
[42] A fol. 169 sa 174 tal-process.

kamra, kienu nnutaw affarijiet li ma kinux f'posthom. Huwa spjega illi din hija l-ewwel kamra, hekk kif titla' fl-ewwel sular. Innutaw ukoll illi l-kamra 103 kellha l-bieb taghha sgassat. Kien hemm ukoll taqlib fil-kamru numru 104.

Huwa qal illi kienet fl-awla l-ewwel darba li kien qed jara lill-imputat.

Fis-seduta tal-20 ta' Mejju 1996, xehdet ukoll **Mary Saliba**[43]. Hija qalet illi hija kienet ilha erba' xhur tahdem fil-*guest house* li tappartjeni lil Peter Cassar. Hija spjegat illi xoghlha kien li taghti l-kolazzjon lir-residenti tal-*guest house* u wara tnaddaf il-kmamar. Meta fil-*guest house* ikun hemm in-nies, hija tahdem hemm kuljum u dan mit-8.00 a.m. sal-10.00 a.m. jew l-10.30 a.m. Ix-xhud qalet illi meta hija ssib oggetti li jkunu thallew minn xi resident fil-*guest house*, hija mill-ewwel taghti dawn l-oggetti lil Peter Cassar. Hija qalet illi qatt ma taf illi xi hadd halla xi *magazine* jew *magazines* fil-post in kwistjoni.

Saliba qalet ukoll illi kien hemm xi jiem matul April 1996 li fihom il-*guest house* kienet vojta, izda ma ftakritx li kien hemm xi ingliz fil-kamra bin-numru 101. Li ftakret kien illi matul April, kien hemm certu perjodu meta l-*guest house* kienet kwazi vojta, hlief ghal *guest* wiehed li kien Norvegiz. Dan kien qieghed f'kamra 201. Ix-xhud qalet illi dan in-Norvegiz kien dam ghall-perjodu pjuttost twil fil-*guest house* wahdu u li hi kienet tnaddaflu kuljum. Qalet li fil-kamra tieghu qatt ma osservat *magazines.*

Din ix-xhud giet riprodotta in kontro-ezami mid-difiza fis-seduta tal-21 ta' Mejju 1999.[44] B'referenza ghal parti tax-xhieda taghha fejn qalet illi l-*guest house* kienet baqghet vojta matul April, hlief ghal wiehed Norvegiz, hija qalet illi ma kinitx tiftakar iz-zmien kollu li l-istess *guest house* baqghet vojta. Meta l-*guest house* kienet vojta, hija ma kinitx tmur xoghol. Meta kien hemm in-Norvegiz wahdu, hija kienet tmur tnaddaf mit-Tnejn sal-Gimgha. Ix-xhud qalet illi hija kellha c-cwievet tal-*guest house* u illi kienet tidhol u ssakkar hija wkoll. Qalet li minghaliha kien hemm xi perjodu meta dan in-Norvegiz kien dam aktar minn gimgha fil-*guest house.* Ix-xhud qalet li kellha idea li matul l-istagun in kwistjoni, in-Norvegiz kien mar fil-*guest house* f'zewg okkazzjonijiet. L-aktar li kienet tnaddaf kienet il-kamra tan-Norvegjiz, pero` meta kienet tara xi haga fi bnadi ohrajn tal-*guest house*, hija kienet tnaddafhom ukoll. Qalet illi per ezempju, hija gieli kienet tnaddaf il-*bar* li qieghed mal-kcina. Madankollu ma kinitx tidhol fil-kmamar l-ohra. Kien hemm perjodu meta l-*guest house* kienet baqghet maghluqa ghal hmistax-il jum jew aktar. Qalet ukoll illi jista' jkun illi fil-perjodu ta' April li semmiet fix-xhieda taghha, l-*guest house* in kwistjoni baqghet wieqfa ghal perjodu ta' hmistax-il jum.

[43] A fol. 174 sa 177 tal-process.
[44] A fol. 323 sa 325 tal-process.

Fis-seduta tas-27 ta' Mejju 1996, gie pprezentat il-*proces verbal* redatt mill-Magistrat Giovanni Grixti u maghluq fit-23 ta' Mejju 1996, rigward sejba ta' zewg itfal zghar fil-*guest house* in kwistjoni u dan f'cirkostanzi li juru li setghu kienu vjolentati u abbuzati sesswalment, nhar is-27 ta' April 1996.[45] Il-Qorti ser tirriproduci brani mix-xhieda guramentata li taw il-minuri quddiem il-Magistrat Inkwirenti fis-27 ta' April 1996.

Fix-xhieda taghha[46], **B** , mistoqsija ghalfejn kienet qeghda hemmhekk, wiegbet illi "*ghax obdejt lil wiehed tifel*"[47]. Qalet li t-tifel qalilhom biex jidhlu fil-*flat*, hdejn il-hanut, hemm isfel u li marret fil-*flat*, "*four days biss*"[48]. F'dawn il-jiem, hija marret kuljum. Il-minuri qalet illi t-tifel jismu Giovanni Costa u dan kienet tafu ghax kien qalilha hu stess. Mistoqsija fejn iltaqghet mieghu l-ewwel darba, hija qalet li ltaqghet mieghu hdejn il-*flat*. Mistoqsija min hadha hemm u qalilha bil-*flat*, hija wiegbet "*hija u mbaghad iltqajna ma' dan it-tifel*"[49]. Mistoqsija jekk huha kienx jaf li ser ikun hemm dak il-guvni, hija wiegbet fin-negattiv. Mistoqsija jekk kienx hemm id-dlam fil-*flat*, hija qalet illi kien hemm id-dawl ukoll. Mistoqsija min kien fetah il-*flat* biex jidhlu u jekk kienx maghluq, hija wiegbet illi l-*flat* kien maghluq u li dak it-tifel sab ic-cavetta tal-*letter box*. Qalet li t-tifel ghandu sittax-il sena. Qalet li ma qalilhomx fejn joqghod u li lanqas ma qallhom kemm ghandu zmien. Hija ndikat t-tul ta' xaghru u t-tul tieghu. Dwar hwejgu qalet illi kien jilbes *tracksuit* hamra u li fuq wara kien hemm miktub '*champions*'. F'saqajh kellu *sports shoes* bojod. Ma tafx kienx imur skola jew jahdem ghax ma qalilhomx. Ma tafx kienx jilghab futboll jew ma min izomm ghax ma qallhiex. Qalet ukoll li kien ikellimhom fuq il-*basketball*. Qalet li nsiet dak li kienu jitkellmu dwaru. Mistoqsija jekk gieli qralhomx xi storja per ezempju u fuq x'hiex kien jghid l-istejjer, hija qalet "*Fuq Little Red Riding Hood*"[50]. Wara qalet "*Qalli l-istorja taghha – Mhux hu kien jghidili ... Imma ghax ahna ghandna l-ktieb taghha wkoll*".[51] Irreferiet ghal kotba tal-pastazati u qalet illi hi ma rathomx. Qalet ukoll illi darba tahom il-flus u qalilhom biex jixtru l-helu. Huma poggew il-flus fil-*letter box* u telqu d-dar. Mistoqsija jekk il-kotba kienx jarahom quddiemhom, it-tifla wiegbet fin-negattiv u li kienet taf bihom ghax rathom meta kienu f'idejn il-pulizija. Qalet li kienu maghluqin. Mistoqsija kif taf li kienu kotba tal-pastazati la kienu maghluqin, hija wiegbet li kienu go basket tal-*plastic*. Meta regghet giet mistoqsija kif kienet taf x'fih il-ktieb, hija qalet "*Ma konniex nafu imma ahna*

[45] Dan il-*proces verbal* jinsab esebit a fol. 180 tal-process.
[46] A fol. 7 sa 48 tal-*proces verbal.*
[47] A fol. 7 tal-*proces verbal.*
[48] Ibid.
[49] A fol. 8 tal-*proces verbal.*
[50] A fol. 11 tal-*proces verbal.*
[51] Ibid.

*tlaqna l-barra. Hallejnieh hemm gew*"[52]. Qalet illi fil-jum ta' qabel ommha zgur inkwetat ghaliex damu fil-*flat* sat-8.00 p.m. u dan minn wara l-hin tal-iskola. Hija qalet illi marru d-dar l-ewwel, imbaghad libsu u telqu l'hemm u li kienu ftehmu mill-jum ta' qabel barra, hdejn il-*flat*. Mistoqsija jekk iddejqitx tmur jew jekk haditx gost tmur ghandu, it-tifla qalet "*Ma hadtx gost izjed*".[53] Mistoqsija ghaliex marret, hija qalet "*Ghax hija ried*"[54].

Il-minuri regghet qalet illi ma kinitx taf fejn joqghod Giovanni u li ma joqghodx fit-triq taghhom. Qalet li qatt ma kienet ratu qabel. Qalet li kienu tlieta min-nies fil-*flat*. Wara qalet li kien hemm hamsa ghax kien hemm zewgt ibniet tewmin. Qalet li kienu jpoggu fuq is-siggijiet u li kienu joqoghdu jaqraw minn fuq ktieb.

F'dan il-punt it-tifla tidher riluttanti hafna fix-xhieda taghha tant illi mistoqsija fuq x'hiex kienu jitkellmu, hija qalet li ma kinitx taf u mistoqsija x'kienu jaghmlu qalet li ma tafx ghax insiet. Mistoqsija jekk kinitx tixtieq terga' tmur fil-*flat*, hija wiegbet fin-negattiv u meta regghet giet mistoqsija x'kienu jaghmlu fil-*flat*, hija qalet "*Hu qalilna biex naghmlu affarijiet hekk … pastazati, u jien u hija ghidnilu 'le' u hrigna mill-flat*"[55]. Qalet li qalilhom biex jaghmlu "*affarijiet pastazati*"[56] u li Giovanni kien jibqa' bil-hwejjeg u anke hi. Mistoqsija jekk kinitx tmiss lil huha, hija qalet "*Jien ma kontx inkun irrid, qalli jekk ma taghmluhiex, noqtolkom*"[57]. Mistoqsija x'riedha taghmel u jekk hux bhal dawk tal-istampi, hija wiegbet fl-affermattiv. Mistoqsija jekk kinitx fehmet x'kellha taghmel u jekk kinitx taf x'kien qed jghidilha, hija wiegbet fin-negattiv. Mistoqsija jekk qghadx jurihom kif kellhom jaghmlu, hija regghet wiegbet fin-negattiv. Mistoqsija kif allura kienu jafu li riedhom jaghmlu l-pastazati, hija qalet li qalilhom x'inhuma pastazati, izda hi telqet il-barra u ma tatx kazu. Mistoqsija x'qalilha biex taghmel, hija qalet li ma kinitx taf. Mistoqsija x'kienet fehmet, hija qalet illi ma fhemitux hafna lilu. Mistoqsija jekk qalilhomx biex jaghmlu xi kelma, hija qalet 'le'. Mistoqsija x'kien uriehom, qalet li ma kinitx taf. Wara qalet illi uriehom kif jaghmlu l-pastazati fis-sodda u qalet illi hu qghad jaghmilhom fuq is-sodda. Qalet illi huwa baqa' bil-hwejjeg. Dak il-hin it-tifla wara li baqghet tigi mistoqsija dwar dan qalet illi wara li wriehom dawk l-affarijiet, huma telqu l-barra. Qalet ukoll illi beda jghidilhom il-kliem pastaz ukoll. Mistoqsija x'qaghad jaghmel hu u jghidilha l-kliem pastaz, hija qalet "*... beda jaghmel hekk fuq is-sodda hekk u hekk, ma nafx x'kienu*"[58]. Kien wiccu l'fuq. Regghet irrepetiet illi huma telqu l-barra u ma tawx kazu. Mistoqsija jekk hi u huha telghux fuq is-sodda, hija wiegbet fin-

[52] A fol. 13 tal-*proces verbal.*
[53] A fol. 14 tal-*proces verbal.*
[54] Ibid.
[55] A fol. 15 tal-*proces verbal.*
[56] Ibid.
[57] A fol. 16 tal-*proces verbal.*
[58] A fol. 18 tal-*proces verbal.*

negattiv u qalet li telqu l-barra ghax iddejqu. Kienet hi li ddecidiet li titlaq il-barra ghax iddejqet. Mistoqsija jekk allura hu marx jigri warajhom, hija qalet li huma sakkru l-bieb u ghalhekk sakkruh gewwa. Meta giet mistoqsija jekk weriex lil huha kif ghandu jaghmel, hija wiegbet fin-negattiv u regghet sostniet li telqu l-barra. Qalet li mbaghad hu sab cavetta go kexxun, fetah il-bieb u mar warajhom. Huma telqu jigru d-dar. Mistoqsija kif kienet taf li hu sab cavetta go kexxun la darba hija kienet barra, hija qalet li qalilhom hu b'dan.

It-tifla regghet qalet li kienu marru fil-*flat* erbat ijiem. Fil-hames jum, u cioe` dakinhar, marru l-pulizija. Qalet li kien hemm zewgt irgiel u huma bdew jigru biex johorgu ghax bdew jibzghu minnhom. Qalet li dawn qalulhom li ma kellhomx ghalfejn jibzghu ghax kien sejjer il-pulizija u li hi bdiet tirtghod.

Mistoqsija x'qaghdu jaghmlu fil-jiem l-ohrajn, hi qalet illi kienu jilaghbu '*hide and seek'*. Qalet illi l-*flat* ma tantx hu kbir imma l-kamra 101 kienet kbira hafna u allura laghbu hemm. Qalet li l-kamra bin-numru 104 kienet miftuha u li sabuha hekk u illi huwa kisser il-bieba tal-kamra bin-numru 103.

Meta regghet gie mistoqsija dwar x'kienu ghamlu, hija regghet qalet li ma setghetx tiftakar. Meta saritilha referenza ghal dak li kienet qalet filghodu, fil-presenza ta' huha u ommha, hija qalet li mhux hi kienet qalitha, izda huha u mistoqsija x'kien qal huha, qalet "*Hija qal kollox*".[59] Sussegwentement meta s-*social worker* prezenti staqsietha, "*Igifieri huk qal il-verita` hux veru?*", it-tifla wiegbet fl-affermattiv. Qalet li huha kien qal il-verita` imma mistoqsija tghid x'kien qal huha, hija qalet li kienet insiet.

Mistoqsija x'kienu ghamlu hi u huha, hija wiegbet "*xejn*"[60]. Mistoqsija x'kien dik il-haga li ma hadhux pjacir biha u ghamluha ghax kienu qeghdin jibzghu, hija qalet li ma riedhux jaghmluha u rreferiet ghal pastazata. Hija qalet illi qalilhom biex imorru fuq xulxin. Qalet li hija kienet isfel u li kienu bil-hwejjeg. Mistoqsija jekk kinitx isfel u b'referenza ghal kif kienet fuq is-sodda, hija regghet qalet 'isfel'. Qalet li Giovanni beda jhares lejhom u imbaghad telqu u li imbaghad "*qal 'le' ma rridx jiena*" u telqu l'barra. Mistoqsija min kien qal hekk, hija wiegbet li hi kienet qalet hekk, li ma riditx toqghod hemm u riedet titlaq il' barra. Regghet qalet li kienu bil-hwejjeg. Mistoqsija jekk kinux jaghmlu hekk kull darba li kienu jmorru, hija qalet "*mhux kull darba*"[61], izda "*darba biss*"[62]. Mistoqsija hekk: "*Il-bierah? Jew il-bieraht lura*?", hija wiegbet "*Il-bierah, il-bierah kien ir-raba' darba*"[63]. Mistoqsija min kien hemm prezenti

[59] A fol. 21 tal-*proces verbal.*
[60] A fol 22 tal-*proces verbal.*
[61] A fol. 23 tal-*proces verbal.*
[62] Ibid.
[63] Ibid.

maghhom, hija semmiet lil Giovanni u qalet li beda jbezzaghhom u qalilhom illi jekk ma jaghmlux din il-haga, joqtolhom.  Mistoqsija jekk kellux xi haga f'idu meta qalilhom hekk, hija qalet li ma kellu xejn.  Qalet li qalilhom hekk l-ewwel darba li marru.  Mistoqsija jekk allura kienx joqghod jghidilhom 'noqtolkom', hija wiegbet fl-affermattiv u mistoqsija jekk allura kienux imorru xorta, l-ghada jew il-pitghada, hija qalet "*Le, hija qal, imbaghad tlaqna*"[64].  Mistoqsija jekk huha qalilha hekk ghax beza', hija wiegbet fl-affermattiv.  Mistoqsija x'kien qallu biex jaghmel lil huha u fejn kien qallu biex joqghod, hija wiegbet 'fuq' u cioe` fuqha.  Qalet illi huma qatt m'ghamlu din il-haga.  Mistoqsija x'ghamlu, hija qalet li kienu fuq xulxin biss.  Mistoqsija jekk qatt kinux laghbu fuq xulxin u nqalbu fuq xulxin, hija wiegbet "*Konna nilaghbu, imma niggieldu hekk*"[65].  Mistoqsija x'qalet lil huha meta ratu hekk, hija qalet li qaltlu 'le' u li ma riditx taghmilha.  Huha kien liebes.

Mistoqsija jekk Giovanni kienx ikellimhom pastaz u kinux jifhmuh meta jkellimhom, hija qalet li mhux kollox imma.  Mistoqsija x'kien jghid, qalet "*bhal f'… ommok, mhux ser nghida kollha*"[66].

Mistoqsija kemm kienu jdumu fil-*flat*, hija qalet sas-sitta u nofs ta' filghaxija.  Qalet illi ommha ma kinitx taghti kaz jekk idumu sa dak il-hin, imma fil-jum ta' qabel kienu marru d-dar xi s-7.10 p.m.  Hija regghet qalet illi kienu marru f'erbat ijiem u li bdew imorru minn nhar it-Tlieta.  Dakinhar kienu regghu marru, imma n-nies qabduhom.

Mistoqsija jekk kinux hemm meta Giovanni ghamel is-sodod ma' xulxin, hija wiegbet fl-affermattiv.  Mistoqsija jekk kinitx hi li qalet lil Giovanni biex iqeghdu s-sodod flimkien sabiex tkun bhal tad-dar, hija wiegbet fin-negattiv u qalet li hu vvintaha.  Mistoqsija ghalfejn hadu t-twapet u jekk ghamlux dan sabiex ikun hemm sabih, hija wiegbet fl-affermattiv.  Mistoqsija jekk Giovanni wkoll kienx ha t-twapet, hija regghet wiegbet fl-affermattiv.  Mistoqsija dwar l-affarijiet imdendlin mal-hajt, hija qalet li kienu gabuhom huma u Giovanni.  Mistoqsija jekk kienx gibdilhom xi ritratti, hija wiegbet fin-negattiv.  Mistoqsija ghalfejn ghamlu l-kamra sabiha, hija qalet li riduha tkun sabiha u mistoqsija min riedha sabiha u cioe` jekk hux huma jew Giovanni, hija ndikat lil Giovanni.  Qalet li hadet gost tilghab ma' Giovanni imma r-raba' darba le.  Mistoqsija allura ghalfejn regghet marret, hija qalet illi hu ma kienx hemm maghhom u li dakinhar huwa ma kienx jaf li marru hemm ghax kien qieghed id-dar.  Qalu li fethu huma ghaliex kellhom ic-cavetta u li c-cavetta gabuha mil-*letter box.*

[64] A fol. 24 tal-*proces verbal.*
[65] Ibid.
[66] A fol. 27 tal-*proces verbal.*

Mistoqsija kif marru maghhom it-tewmin, hija qalet li huha kien qalilhom u li ma regghux marru ghax ommhom kienet tathom kastig. Mistoqsija jekk kinitx qalet lil ommha li marru fil-*flat* hija wiegbet fin-negattiv u li bdiet tibza' tghidiliha li kienet sejra hemm ghax kienet tghidilhom biex ma johorgux barra.

Mistoqsija jekk Giovanni kellux karozza jew mutur, jekk kienx irqieq u jekk ghandux tpingija fuq idejh, hija wiegbet fin-negattiv. Mistoqsija jekk xaghru hux innukklat, hija qalet li 'twil' u ndikat it-tul tax-xaghar. Wara qalet "*naqra imma*".[67] Hija kitbet fuq karta dak li skond hi qalilhom biex jaghmlu Giovanni: "*After school we went to the flat and we stayed till half past six and we found Giovanni and he was telling us a story of Red Riding Hood and the second day he was telling us a story about Jack and the Beanstock. The third day he told us a story about a giant. The next day he told us to do rood things on the 5th day we went to the flat the rude things where we where on each other and the owners catched us and we where frightened if the police would come and put us away.*"[68]

Meta regghet giet mistoqsija ghalfejn kienet qeghda tirreferi ghal dak li ghamlu fuq xulxin bhala 'haga pastaza', hija qalet li kienet regghet insiet. Mistoqsija jekk Giovanni qalilhomx xi kliem, hija wiegbet fin-negattiv, izda mistoqsija jekk bediex jghidilhom hu x'jaghmlu, hija wiegbet fl-affermattiv.

Mistoqsija jekk lill-ghalliema taghha kinitx qaltilha li kienet qed tmur fil-*flat*, wiegbet fin-negattiv u mistoqsija jekk kinitx qalet lill-hbieb tal-iskola, regghet wiegbet fin-negattiv. Qalet li qalu lit-tewmin. Qalet illi l-ismijiet taghha u huha fuq il-karta gewwa l-*flat* kitbuhom hi u huha.

B'referenza ghall-istampi psataz, hija qalet li rathom fil-basket li kellu l-pulizija. L-istampi tan-nofs ma rathomx. Mistoqsija jekk Giovanni kienx joqghod jaqrahom, hija wiegbet fl-affermattiv. Mistoqsija jekk kienx jaqrah hdejhom, hija wiegbet fin-negattiv. Beda jhares lejn l-istampi u waqt li hu kien qed jaghmel dan, hi u huha bdew jilaghbu. Regghet qalet illi ma ratx l-istampi. Mistoqsija jekk ghannqitx lil huha, hija qalet li '*Dak mhu xejn hug*'[69] u qalet li quddiem Giovanni, hija ghannqitu lil huha u bdew jitghannqu. Mistoqsija jekk kinux bil-wieqfu jew fuq is-sodda, qalet li kienu bil-wieqfu. Mistoqsija jekk Giovanni qalx lil huha biex jghannaqha, hija qalet 'iva'. Qalet li kienet taf kif tghannaq. Kellimhom bil-Malti u kien qed jaqralhom bil-Malti. Il-kotba l-ohra kienu bl-Ingliz, imma hu beda jara l-istampi. Regghet qalet illi huwa m'uriehomx l-istampi li kien qed jara u mistoqsija jekk bediex izommhom ghalih, wiegbet fl-affermattiv. Spjegat kif beda jzomm il-ktieb u qalet li hi,

[67] A fol. 35 tal-*proces verbal.*
[68] A fol. 95 tal-*proces verbal.*
[69] A fol. 39 tal-*proces verbal.*

izda, ma ratx minnu u bdiet tkellem lil huha biss. Qalet li hi ma qratux u bdiet thares l'hemm u ma missithomx. Ma kinitx taf min xarrab il-kotba.

Mistoqsija x'kienet il-pastazata li ghamlu fil-jum ta' qabel, u wara li hargu mill-kamra fejn kienet qed tinghata x-xhieda tal-minuri, l-Ispettur u s-Supretendent, il-minuri qalet li kienu joqoghdu jmissu "*fejn mhux suppost*"[70]. Ix-xhieda tkompli hekk:-

"Magt: *Tieghek? Jew ta' Carl?*
B: *Tieghu ta' A.*
Magt: *Sorry, ta' huk, hux? Bhal ta' Giovann*
B: *Le mhux lil Giovann, lil hija.*
Magt: *Mhux lil Giovann. Imma Giovann urik kif ukoll? Kif?*
B: *Immissuha.*
Magt: *Bla hwejjeg. Imma qabadlek idejk?*
B: *Bil-hwejjeg ...*
Magt: *Imma qabadlek idejk Giovann biex jurik kif? Mela kif?*
B: *Qalilna kif b'idejh, ezatt, ghamilha fuqu nniffsu.*
Magt: *Fuq Giovann innifsu?*
B: *Iva.*
Magt: *Giovann ghamel lilu nniffsu?*
B: *Iva.*
Magt: *Fuq il-hwejjeg jew bla hwejjeg?*
B: *Fuq il-hwejjeg.*
Magt: *Mhux bil-qalziet ta' taht?*
B: *Iva hu.*
…
Magt: *Kont qed tisthi hux? Toqghodx tikkonfondi.*
B: *Bdejt nibza.*
…

Magt: … *Giovann kellu l-hwejjeg kollha fuqu meta uriekhom kif?*
B: *Iva.*
S. Worker: *Int mghidtx li kien bil-qalziet ta' taht?*
B: *Iva nsejt.*
S. Worker: *Imma mbaghad nehhieh wara ftit, nahseb?*
B: *Le.*
…
Magt: *Wara li uriek Giovann fuqu nniffsu uriek kif taghmel fuq A?*
Magt: *Le. U int ghamilt bhal ma qallek Giovann?*
…
B: *Ghax qal li jekk ma taghmilx li nghid jien noqtolkom.*

[70] A fol. 44 tal-*proces verbal.*

...
Magt: *Imbaghad x'ghamiltlu int lil A?*
B: *Giovanni qalilna li jekk ma taghmlux noqtolkom.*
Magt: *Imbaghad x'ghamiltlu int lil A?*
B: *Konna noqoghdu ... pastazati.*
Magt: *Bil-hwejjeg kontu qed taghmluhom? Jew minghajr il-hwejjeg?*
B: *Bil-hwejjeg.*
Magt: *Bil-hwejjeg kollha, kollha u biz-zarbun b'kollox?*
B: *Iva.*
Magt: *Fuq is-sodda?*
B: *Le mhux biz-zarbun ...*
...
Magt: *... u imbaghad x'ghamiltlu lil A inti, ghamilt bhal ma qallek Giovanni?*
B: *Ehe.*
Magt: *U ... A x'ghamel lilek bhal ma qallu Giovanni?*
B: *Iva.*
Magt: *... Kif ghamel?*
B: *Pastazati hux.*
...
Magt: *U x'ghamel dak il-hin Giovanni, beda jidhaq? X'beda jaghmel beda jidhaq jew baqa' jaqra*?
B: *Beda jaqra qabad.*
…
Magt: *Wara li qallek li ser joqtlok jekk ma taghmilx hekk, mar joqghod jaqra?*
B: *Iva.*
Magt: *... u x'kien qed jaqra?*
B: *Il-ktieb il-hazin.*
…
B: *Kien got-toilet jaqra.*
...
S. Worker: *Mela intom kontu fit-toilet ukoll?*
B: *Le, fuq is-sodda.*
S. Worker: *Allura inti kif kont taf li mar fit-toilet jaqra ... ?*
B: *Ghax hu qalilna li sejjer go t-toilet.*
...
B: *Waqt li kien fit-toilet tlaqna nigru l-barra ...*
B: *Konna fuq xulxin, jien u A u bdejna immissu ta' xulxin.*"[71]

It-tifla regghet xehdet quddiem il-Magistrat Inkwirenti fit-3 ta' Mejju 1996[72]. B'referenza ghall-imputat qalet illi kienu qabduh u li jismu Giovanni Caruana.

[71] A fol. 44 sa 47 tal-*proces verbal.*
[72] A fol. 87 sa 90 tal-*proces verbal.*

Fil-bidu huwa kien qalilhom li jismu Giovanni Costa. Nhar l-Erbgha ta' qabel (cioe` fl-1 ta' Mejju 1996), l-Ispettur staqsiha jekk kinitx qeghda taghraf lil certu persuna mressqa mill-Pulizija u hi nnegat illi kienet taf lil din il-persuna. Izda l-ghada wara li kellmet lil ommha, regghet kellmet lill-Ispettur u kkonfermat illi kienet qeghda taghrfu. Qalet illi fil-bidu kienet qalet li mhux taghrfu ghax kienet qeghda tibza' minnu. F'dan l-istadju l-Ispettur Bartolo dahal fil-kamra fejn kienet qeghda tinghata x-xhieda tat-tifla flimkien mal-imputat. It-tifla qalet illi kienet qeghda taghraf lil din il-persuna bhala dak li kien qalilhom li huwa Giovanni Costa u li dan kien il-persuna li kienu saru jafu fil-*flat* tas-Sliema.

Qalet illi waqt id-deposizzjoni li tat gewwa l-Ghassa kienet imbezza' u li issa kienet lesta li taghti izjed dettalji. Qalet illi fil-*flat* Giovanni kien ikun qieghed bil-qeghda, jaqra xi affarijiet u cioe` l-ktieb tal-pastazati. Ikkonfermat illi kien hemm hinijiet li fihom dan Giovanni kien ikun qieghed wiccu lejn il-hajt, donnu jimbotta u dan kien jaghmlu biex forsi jaghmlu bhalu bejniethom hi u huha. Kien qalilhom li jekk ma jaghmlux hekk, kien joqtolhom bis-sikkina. Hija gharfet is-sikkina li kienet qeghda tirreferi ghaliha, bhala s-sikkina murija lilha u li kienet tinfetah bi tnejn, b'manku iswed. Mistoqsija jekk kinitx qeghda taghraf il-*camera* tal-marka Hanimex 110LF, hija qalet "*lanqas tana wiehed minn dawk*" u dan b'referenza ghar-ritratti. Wara qalet illi tahom wiehed fejn hemm huha u hi fuq xulxin, izda huha A kien qattghu. Qalet illi taf illi r-ritratti gibidhom il-gurnata ta' qabel inqabdu u cioe` il-Gimgha. Wara kkoregiet ruhha u qalet illi Giovanni qatt ma ha ritratti taghhom u li "*kienet tkun il-camera izda mixhuta hemm fuq it-tapit il-griz.*"[73] Regghet qalet illi hi u A kienu qaghdu fuq xulxin jaghmlu l-pastazati ghaliex kien geghlhom Giovanni – qalet li kienu joqoghdu jmissuha ma' xulxin. A kien imissilha l-organu genitali taghha ghaliex qallu Giovanni, u missilha kullimkien. Qalet li dahhal idejh fl-organu genitali taghha, ghaliex qallu Giovanni u li hi weggghet. Qalet li hi certa li dak kien il-persuna li geghlhom jaghmlu l-pastazati fil-*flat.*

Dakinhar stess tas-27 ta' April 1996, il-Magistrat Inkwirenti sema' wkoll ix-xhieda tal-minuri **A** [74]. Mistoqsi kif iltaqa' ma' Giovanni, ix-xhud qal illi hu u ohtu kienu mexjin u raw ic-cwievet – "*bicca mdendla hekk*"[75] fil-*letter box* ta' fuq nett. Hadu c-cavetta. Marru ghal erbat ijiem.

Mistoqsi kif kien jaf lil Giovanni, huwa qal li ilu jafu sentejn u li oht Giovanni kienet tmur l-iskola mieghu, ghalkemm kienet izghar minnu u kienet toqghod tghidlu fuq huha. Huwa qal li ma kienx jaf x'jisimha ohtu izda kunjomha Costa ghax fi kliemu "*Mhux Giovanni Costa*". Wara qal li ohtu jisimha Silvana.

[73] A fol. 89 tal-*proces verbal.*
[74] A fol. 48 sa 87 tal-*proces verbal.*
[75] A fol. 50 tal-*proces verbal.*

Kienet tghidlu li huha pastaz – li kien ikun hemm xi bieba jipprova jiftahha, jghid il-kliem pastaz, jidghi u li kien ikun irid jaghmel il-pastazati, bhal per ezempju, jekk isib tifla, jaqbadha u joqghod ibusha. Qal li darba rah l-iskola. Mistoqsi fejn kien jaghmel dawn il-pastazati, ix-xhud qal "*Jghidilna ejja mmorru l-flat u jaghmilhom fil-flat*[76]. Wara mistoqsi lil min kien jghid hekk, it-tifel qal "*Lil wahda tifla*"[77], tkun min tkun, jehodha l-*flat* u joqghod ibusha. Qal li ma kienx qed jirreferi ghal *flat* li marru fih huma. Wara qal "*joqghod jahxi*"[78]. Mistoqsi min kien qallu din il-kelma, it-tifel qal li dik gabha mill-iskola u li kulhadd jghidha. Mistoqsi x'kien jifhem b'dik il-kelma, ma kienx jaf jirrispondi. Mistoqsi jekk Giovanni qatt tkellimx hekk, huwa wiegeb fl-affermattiv, qal li dan ghamlu xi ftit ilu u wara qal sentejn ilu. Mistoqsi jekk fil-*flat* kienx tkellem hekk maghhom, huwa ghall-ewwel wiegeb fin-negattiv u li qallu illi jekk ma jaghmlux dak li jghidilhom hu, joqtolhom. Mistoqsi jghid x'qalilhom biex jaghmlu, huwa qal li kien qalilhom dik il-kelma li ghamel ma' wahda tifla. It-tifel qal li kellu jbus u jkollu x'jaqsam ma' ohtu. It-tifel qal li ghamel dan bil-hwejjeg. Dwar is-sodod qal illi huma kienu qeghduhom flimkien u dan ghamluh ghax kien qallhom Giovanni. Fuq is-sodod qaghdu jitbewsu. Mistoqsi x'ried ifisser meta qal illi kellu x'jaqsam ma' ohtu, huwa qal li qaghdu jmissuhom ma' xulxin u dan b'referenza ghalih u ghal ohtu. Giovanni kien joqghod jarahom. Mistoqsi x'missew ma' xulxin, ghall-ewwel it-tifel wiegheb 'xejn', izda wara meta rega' gie mistoqsi, huwa rrefera ghall-organi genitali tieghu u ta' ohtu. Qal li ma kienux libsin hwejjeg u li kienu minghajr *panty*. Meta gie indikat lilu illi ohtu kienet qalet illi kellhom il-*panty* fuqhom, huwa wiegeb fin-negattiv. Qal li Giovanni kien bil-hwejjeg u meta gie ssugerit lilu illi B kienet qalet li kien bil-qalziet ta' taht, huwa qal li ma kienx hekk. Mistoqsi x'kien qed jaghmel Giovanni, huwa qal illi kien qed jaqra dawk il-kotba. Qal "*... L-ewwel beda jhares lejna, joqghod ihares u jaqra l-kotba*".[79] Mistoqsi x'kienu ghamlu meta kienu minghajr *panty*, huwa qal li tbewwsu fuq halqhom. Hu ma weggax meta missew ma' xulxin u mistoqsi jekk A weggatx, it-tifel ghall-ewwel wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk Giovanni ghamilx il-pastazati mieghu, huwa wiegeb fin-negattiv, izda mistoqsi jekk kienx urieh kif jaghmilhom, huwa qal 'iva'. Qal li Giovanni beda jurih kif ikollu x'jaqsam ma' ohtu u li "*beda sejjer hekk mal-hajt*".[80] Wara li t-tifel ghamel xi movimenti biex jindika dak li ghamel Giovanni u mistoqsi jekk Giovanni bediex jimbotta mal-hajt u jekk kienx bil-wieqfa, huwa qal 'iva'. Hu rah ghax qghad hdejh. Qal li Giovanni ma kellux *panty* fuqu. Giovanni beda jghidlu biex jaghmel hekk ghax kien joqtlu. Hu ghamel hekk ma' ohtu fis-sodda. Qal li Giovanni beda jwegga' meta beda jimbotta mal-hajt. Dan kien jafu mhux ghax qallu Giovanni imma

[76] A fol. 52 tal-*proces verbal.*
[77] A fol. 52 tal-*proces verbal.*
[78] A fol. 53 tal-*proces verbal.*
[79] A fol. 55 tal-*proces verbal.*
[80] A fol. 57 tal-*proces verbal.*

ghax beda jghajjat – "*Beda jghajjat hekk: normali: ahh*"[81]. Qal li Giovanni imbaghad libes il-*panty* u qalilhom biex jaghmlu hekk ghax joqtlu. Qalilhom biex jaghmlu hekk darba. Mistoqsi x'qaghdu jaghmlu fil-granet ta' qabel, huwa qal li qaghdu jghinuh billi jgorru l-affarijiet u li Giovanni riedhom jaghmlu hekk. Mistoqsi jekk kienx jaqralhom stejjer, huwa wiegeb fin-negattiv, imbaghad meta rega' gie mistoqsi dwar dan, huwa qal li Giovanni qallu "*Ejja l'hawn, ejja l'hawn halli taqra dan il-ktieb*"[82] u li huwa wiegbu li kien ser imur jixtri c-cikkulata. Mistoqsi kif kien jaf li dak kien ktieb tal-pastazati, u mistoqsi jekk kienx jaf jaqra, it-tifel wiegeb fin-negattiv u qal illi Giovanni qallu biex jara l-ktieb. Wara mistoqsi jekk Giovanni kienx qallu biex imur jara l-kotba tal-pastazati mieghu, huwa wiegeb fin-negattiv.

Meta rega' gie mistoqsi jekk kienx wegga' meta kienu fuq xulxin, huwa wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk kienx hass xi haga partikolari, wiegeb fl-affermattiv u qal illi hass "*qisa xi 'shock' qisa xi haga ghaddejja minn hemm*"[83] u dan b'referenza ghall-organu genitali tieghu. Qal li hass in-nervi u hass qisu gharaq fl-organu genitali tieghu. Wara l-Magistrat Inkwerenti rrefera ghall-hruq u staqsa lit-tifel jekk damitx din is-sensazzjoni tal-hruq, u t-tifel qallu 'zewg minuti'. Rega' qal li Giovanni dak il-hin beda jhares lejn il-kotba tal-pastazati. Rega' qal li Giovanni qallu biex ibusha u jkollu x'jaqsam ma' ohtu u li qghad imissha b'idu u li B qaghdet tmissu fl-organu genitali tieghu. Qal illi huwa hass ix-*shock* aktar tard u cioe` meta kellhom x'jaqsmu ma' xulxin. Qal li fis-sodda, ohtu kienet fuq u meta l-Magistrat Inkwirenti qallu biex jghid il-verita`, huwa qallu "*Ohti veru ... ...*"[84]. Rega' qal li Giovanni qallhom biex jaghmlu hekk. Mistoqsi jindika x'kien werihom biex jaghmlu Giovanni, huwa ghamel il-ponn u beda jtella' u jnizzel idejh. Qal li kienet B li bdiet taghmel hekk u li kien urieha Giovanni biex taghmel hekk. Qal "*le urieha meta miss lilu nniffsu u ghamel hekk mal-hajt*"[85]. Dak il-hin Giovanni ma kellux *panty.* Meta gie indikat lilu li B qalet li Giovanni kien mar it-*toilet*, huwa kkonferma dan u qal illi mar sabiex jaghmel il-bzonnijiet tieghu. Qal illi imbaghad, huwa halla lil B taghmillu hekk u bdiet tmissu. Qal illi Giovanni wera lil B ukoll kif titbewwes u dan ghamlu billi wrieha mal-hajt. It-tifel qal ukoll illi lil B wrieha kif tnezza lil *boys* u li mistoqsi kif Giovanni ghamel dan, huwa wiegeb "*Le dana, ghax hu gab dana, qisu njama b'libsa u qaghad inezzahha*"[86]. Mistoqsi fejn kienu qeghdin dawn l-affarijiet u cioe` l-injama bil-libsa, it-tifel qal illi Giovanni hadhom id-dar. Fuq insistenza ta' dawk prezenti sabiex jghidilhom x'kien gara lil B, it-tifel qal illi B kienet weggghet hafna fl-organu genitali taghha u ghajtet.

[81] A fol. 58 tal-*proces verbal.*
[82] A fol. 59 tal-*proces verbal.*
[83] A fol. 73 tal-*proces verbal.*
[84] A fol. 75 tal-*proces verbal.*
[85] A fol. 76 tal-*proces verbal.*
[86] A fol. 77 tal-*proces verbal.*

Mistoqsi ghaliex kienet weggghet, it-tifel qal li huwa kellu x'jaqsam maghha. Rega' qal illi wara li B misset lilu, hu nehhielha jdejha u kellhom x'jaqsmu ma' xulxin. Qal illi huwa qghad imissha b'idu u qal "*Dahhalt idi. Subajja*".[87] Qal li Giovanni wrieh biex jaghmel dan u indika s-seba' li kien uza. Mistoqsi kif kien urieh x'kellu jaghmel ma' B, rega' qal illi Giovanni ghamilha mal-hajt. Apparti li uza subajgh ma kien ghamel xejn izjed. Mistoqsi jekk xi hadd kienx hadilhom xi ritratti, huwa qal illi Giovanni kien hadilhom ir-ritratti – tieghu gharwien wahdu u ta' B gharwiena wahedha. Wara Giovanni raqad ftit u huma qattawlu l-*film*. Qal illi huwa fetah il-*camera* minn wara, hareg il-*film* u qattaw bl-imqass. Meta ttehdulu r-ritratti, huwa qghad bil-wieqfa u B qaghdet bil-wieqfa wkoll. Mistoqsi jekk ittiehdux ritratti waqt li kienu fuq is-sodda, huwa qal li dawk qattawhom kollha. Qal li qattawhom biex Giovanni ma joqghodx ihares lejhom u li Giovanni ma ndunax b'dan. Dak il-hin kien rieqed. B'referenza ghall-kotba, rega' qal li Giovanni beda jarahom u mistoqsi jekk lilu qatt kienx uriehomlu, huwa wiegeb 'qatt'. Waqt li beda jaqrahom, skond it-tifel Giovanni beda sejjer hekk "*Ha ... ha*".[88] Waqt li huwa kien jaqra l-kotba, huma kienu joqoghdu jgorru l-affarijiet. Qal illi darba biss ghamlilhom hekk Giovanni.

Qal illi marru jixtru u tahom l-flus u li huwa qal hekk lil Giovanni biex jaharbu. Qal illi Giovanni tahom il-flus, nizlu isfel u qeghduhom gol-*letter box,* u sakkru l-bieb minn barra. X'hin Giovanni nduna li damu, tela' fuq, nizel isfel u ghafas il-buttuna u l-bieb kien maghluq. Qal illi kien jaf li Giovanni ghamel hekk ghax huma qaghdu jittawlu minn wara l-karozza. Wara qal illi Giovanni tela' fuq bil-*lift,* fir-raba' wiehed, sab cavetta, fetah il-bieb u rega' tela' fuq biex iqieghdha, imbaghad hareg il-barra.

Mistoqsi jekk jiftakarx jekk Giovanni kienx sgassa xi bieb, jigifieri jidhol bhal tal-*films,* ikisser il-pum u jidhol, wiegeb fin-negattiv, imma qal "*dik il-bieb beda jsabbatha*"[89].

Qal illi meta kien hemm Amanda u Claire, Giovanni ma kienx qieghed hemm. Qal illi Giovanni kien tahom ic-cavetta ghal gurnata u illi Giovanni kien qallhom illi jekk jafu juzaw ic-cavetta, jistghu jehduha ghal kollox. Qal illi lil Amanda u lil Claire ma kinux qalulhom b'dak li kien qed jigri u qal illi lil ommu ma kienx qalilha.

It-tifel qal illi ma kienx jaf fejn joqghod Giovanni, imma kellu karozza hadra skura b'linja sewda mal-genb. Qal li kienet Mercedes u mistoqsi kif jaf li kienet Mercedes, huwa qal li jkun hemm miktub din il-kelma, u mistoqsi jekk il-

[87] A fol. 79 tal-*proces verbal.*
[88] A fol. 81 tal-*proces verbal.*
[89] A fol. 60 tal-*proces verbal.*

Mercedes ikollhiex xi sinjal iehor, huwa qal li ma kienx jaf. In-numru ma kienx jafu, imma indika l-ittri MK. Permezz ta' tpingija indika hekk – 'K - (M)'. Qal illi n-numri ma kienx rahom. Wara qal illi l-karozza kienet *turquoise*, *blue green*.

Dwar Giovanni qal illi xaghru kien sa ghonqu, goff, kannella u lixx. Kien mibni hafna u twil. Kellu *slipper* tan-Nike u jilghab mal-*minors* tas-Sliema. Kien jidhol fil-bar tal-Kazin, ir-Rhodas Bar, hdejn il-knisja. Qal illi Giovanni joqghod fl-istess triq tar-Rhodas Bar ghax kien jarah diehel hemm. Qal illi kien jistahba wara karozza u jarah.

Mistoqsi xi *sports* ihobb Giovanni, huwa rrefera ghal futboll u qal li Giovanni dejjem imur il-futboll, jittrenja u jara l-futboll u li jilghab ma' Sliema.

Izjed tard, mistoqsi kif sar jaf bil-*flat*, huwa qal "*ghax sibt ic-cwievet*"[90]. Giovanni kien miexi u staqsieh minn fejn kien gab dawk ic-cwievet u hu qallu li sabuhom fil-*letter box* tal-*flat*. Mistoqsi x'kienu qed jaghmlu hdejn il-*flat*, u min qallhom biex imorru hemm, huwa qal li hadd ma kien qallhom. Meta gie ssugerit lilu illi Giovanni kellu c-cwievet tal-*flat* u qalilhom sabiex imorru mieghu, huwa wiegeb fin-negattiv. Meta rega' gie mistoqsi minn fejn kienu gabu c-cwievet, huwa qal li kienu gabuhom mil-*letter box.* Fuq izjed insistenza tal-Magistrat Inkwirenti u tal-Ufficjal Investigatur, il-minuri qal illi Giovanni rahom dehlin fit-*terrace* ghal *envelopes* u l-istess xhud sab xi cwievet. Mistoqsi ghaliex kien mar ifittex fil-*letter box*, huwa qal illi s-soltu kien ihobb jaghmel hekk ghax ihobb joqghod jaqra l-ittri tan-nies. Qabel ix-xhud qal li ma jafx jaqra.

F'dan il-punt, it-tifel rega' gie mistoqsi dwar kif kien iltaqa' ma' Giovanni erbat ijiem qabel. Ikkonferma li kien ilu ma jarah u li mbaghad gharfu. Kien hdejn il-*flat*. Mistoqsi jekk kienx dawwarhom bil-karozza, huwa qal li dahal fil-karozza, imma qatt ma marru biha. Dahal fil-karozza hdejn il-*flat.* Mistoqsi jekk Giovanni kienx gabarhom minn hdejn l-iskola, huwa wiegeb 'darba' u kkonferma li kienu baqghu sejrin il-*flat* mill-iskola. Qal li Giovanni kellu c-cavetta u qallu biex imur mieghu fil-*flat.* Qal illi huwa kien qal lil ommu li kien sejjer l-iskola u mar il-*flat* wara l-hin tal-iskola flimkien ma' ohtu. Wara qal illi l-ewwel mar id-dar jiekol, imbaghad marru l-*flat* u li Giovanni gabarhom minn hdejn id-dar. Qal li Giovanni qallhom biex imorru jimxu u li x'hin waslu lura, dan indika li kien hemm xi haga fil-*letter box.* Qal li Giovanni qabad ic-cwievet.

---

[90] A fol. 66 tal-*proces verbal.*

Qal illi imbaghad baqghu imorru jiltaqghu ma' Giovanni hemmhekk. Mistoqsi ghaliex kienu jmorru, it-tifel qal "*Ghax hekk*"[91]. Wara mistqosi jekk kienux imorru ghaliex kienu jibzghu, huwa wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi fejn kienu jsibu c-cwievet wara l-ewwel darba, huwa qal li Giovanni kien hadhom mieghu d-dar u li kien ipoggihom fil-basket. Huma kienu jhabbtu l-bieb biex jifthilhom.

Mistoqsi dwar id-daqqa li kellu fuq wiccu, it-tifel qal illi kien Giovanni li tah daqqa u dan ghaliex ma riedx jaghmel li qallu hu. Mistoqsi ghalfejn B ma riditx tghidilhom kollox, huwa qal illi jista' jkun li B kienet qeghda tibza'. Wara t-tifel penga stampa li tindika ragel b'halqu mcarrat bil-qeghda fuq siggu, izomm ktieb u jhares lejn ktieb miftuh, b'figura mpingija fuq il-faccata tal-ktieb. It-tifel qal illi din kienet mara ghax kellha xaghrha twil u kienet liebsa malja. Dak il-hin Giovanni kien ikun liebes *tracksuit.*

It-tifel rega' xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti fit-3 ta' Mejju 1996[92]. Huwa qal illi kien qed jara lil Giovanni Caruana. Qal li Caruana kien fil-*flat* maghhom u li kien cert dwar dan. Qal li kien qed jaghrfu mill-misluta. Hawnhekk l-Ispettur ghamel referenza ghall-misluta li l-imputat kellu fl-ghassa. It-tifel qal illi kien qed jaghrfu mill-gakketta u mill-jeans u li kien cert li kien hu. Huwa gharaf is-sikkina murija lilu u qal illi darba waqt li Giovanni kien rieqed, huwa kien fetah is-sikkina u gharaf il-manku li huwa manku b'xi daqxejn ta' skultura go fih. It-tifel qal illi jaghraf il-*pouch* li kien qieghed mas-sikkina. Huwa gharaf ukoll il-*camera* li giet murija lilu. Qal illi huwa kien waddab din il-*camera* mal-art, meta Giovanni kien rieqed, u ghalhekk kien kissirha. Qal li fil-fatt il-*camera* ghandha xi *tape* maghha. Giovanni kien staqsih kif inkissret u hu qallu li ma kienx jaf. Qal li Giovanni kien gab it-*tape* minn xi kamra minn fuq fil-*flat.* Qal illi Giovanni kien hadlu xi ritratti izda hu kien hareg il-*film*, qattghu u remieh.

Waqt l-inkjesta xehed ukoll **Joseph** , missier il-minuri.[93] Mistoqsi jekk kienx jaf illi wliedu kienu qeghdin imorru f'dak il-post ghal madwar hmistax-il jum, huwa qal illi l-mara kienet ta' spiss tibaghthom jixtru ghand certu Philip ta' ma' genbhom u li martu ma kinitx taghmel mirakli, fis-sens illi ma kinitx tkun taf fejn marru. Qal illi t-tfal gieli qabdu u marru l-bandli u darba minnhom kellu jcempel lill-Pulizija biex jara fejn kienu. Qal illi t-tifel huwa *hyperactive* u kienu anke kellmu lit-tabib dwar dan. Qal illi ricentement it-tifel kien qed jigi d-dar u jirrifjuta li jaghmel il-*homework.* Hu kien dehrlu li din kienet haga stramba ghaliex kien imdorri jigi d-dar u jaghmel il-*homework.*

[91] A fol. 70 tal-*proces verbal.*
[92] A fol. 90 sa 94 tal-*proces verbal.*
[93] A fol. 92 sa 94 tal-*proces verbal.*

Fis-seduta tas-27 ta' Mejju 1996, xehdu **PC 1253 Fredrick Brincat** u **PC 659 Jeffrey Hughes**[94], li konguntivament ipprezentaw ir-relazzjoni taghhom u dan wara li huma kienu gew nominati mill-Magistrat Inkwirenti bhala *Scene of the Crime Officers*.[95] Mill-istess relazzjoni jirrizulta illi dawn l-Ufficjali gibdu numru ta' ritratti fuq il-post in kwistjoni, liema ritratti jinsabu mmarkati minn 96 AZO 101 sa 136, 96 AZO 137 u 96 AZO 138-140. L-istess relazzjoni tiddeskrivi l-oggetti li gew elevati mill-imsemmija esperti mill-post in kwistjoni.[96] In oltre, jirrizulta wkoll mill-istess relazzjoni illi PC 659 ghamel tfittxija ghall-marki u fil-fatt gew misjuba diversi marki. Ghalhekk dawn gew fotografati u elevati u dokumentati fl-istess relazzjoni[97]. Skond l-istess relazzjoni, wara li saru ezamijiet fuq il-persuna ta' B minn Dr. Carmen Portelli gewwa l-Isptar San Luqa, WPC 75 ghaddiet lill-espert PC 1253 Frederick Brincat, borza tal-*plastic* kontenenti bicca karta ta' lewn roza u *container* ta' lewn abjad li kien allegatament jikkontjeni l-*vaginal wash* ta' B .[98] Dan gie mghoddi lil Chris Farrugia, serologista tal-Laboratorju tax-Xjenza Forensika fit-8 ta' Mejju 1996. Dan l-esebit gie dokumentat bhala 96 AZO 312.

Fis-seduta tal-15 ta' Lulju 1996, xehed **PC 171 Karl Glenville**[99], li kkonferma li r-relazzjoni esebita bhala Dok. FH 1[100], hija r-relazzjoni konguntiva maghmula minnu, minn PC 1253 Frederick Brincat u PC 659 Jeffrey Hughes, u dan bhala konsegwenza tal-inkarigu moghti lilhom mill-Magistrat Inkwirenti.

Fis-seduta tas-27 ta' Mejju 1996, xehed ukoll it-tabib **Dr. Martin Mallia**.[101] Huwa xehed illi huwa kien ezamina lil A a bazi tal-inkarigu moghti lilu mill-Magistrat Inkwirenti u dan wara li kien gie allegat illi l-istess tifel kien gie mgieghel jabbuza sesswalment minn ohtu, kif ukoll ibusha. Ix-xhud qal illi meta huwa ezamina l-persuna ta' A , huwa ma sab l-ebda marki ta' vjolenza fuqu u sab biss qasma zghira fix-xoffa ta' fuq tieghu. Ma kien sab l-ebda evidenza li kien sar xi att sesswali fuq dan it-tifel. Ix-xhud qal ukoll illi huwa kien staqsa lit-tifel x'kienet il-kawza ta' dik il-qasma fuq ix-xoffa u mir-risposta tat-tifel, seta' jara li din ma kellha x'taqsam xejn ma' dan il-kaz. Dwar din il-qasma, li tinsab deskritta fic-certifikat mediku rilaxxjata minnu, huwa rega' qal li din kienet qasma zghira hafna. In kontro-ezami, ix-xhud qal illi l-istess tifel qallu illi r-ragel involut f'dan il-kaz ma kienx ghamilhielu hu. Meta gie muri c-

---

[94] A fol. 181 sa 186 tal-process.
[95] Din ir-relazzjoni tinsab esebita bhala Dok. FH 1, a fol. 187 tal-process.
[96] Ara pagna 4 u 5 tar-relazzjoni.
[97] Ara pagna 5, 6 u 7 tar-relazzjoni.
[98] Fix-xhieda taghha moghtija fit-13 ta' Settembru 1996, **WPC 75 Rachel Azzopardi**, ikkonfermat illi hija kienet ghaddiet borza tal-*plastic* b'karta roza, liema borza kien fiha *container* abjad lil PC 1253 u dan wara li din kienet inghatat lilha mit-tabiba Carmen Portelli, wara li din tal-ahhar invistat lil Kylie Jane (ara xhieda a fol. 250 sa 252 tal-process).
[99] A fol. 205 sa 207 tal-process.
[100] Esebita a fol. 187 tal-process.
[101] A fol. 188 sa 192 tal-process.

certifikat mediku datat 28 ta' April 1996, huwa kkonferma illi dan kien ic-certifikat irrilaxxjat minnu in konnessjoni mal-imsemmi tifel.[102]

Dr. Mallia qal ukoll illi fuq gisem it-tifel kien sab diversi *tattoos* ossia *stickers* li jitwahhlu wara li jitpoggew fl-ilma. Wahda minn dawn kienet fil-*pubic area* tat-tifel, kien hemm wahda fuq kull id, u ohra fuq il-*left hypo-condrio* ta' gismu. Ix-xhud gie muri tlett ritratti esebeti mill-esperti tal-fotografija u mmarkati bhala 96 AZO 138 sa 140. Huwa kkonferma li fuq dawn it-tliet ritratti jidhru t-*tattoos* imsemmija fix-xhieda tieghu, izda ma jidhrux il-marki li huwa sab fuq idejh.

Fis-seduta tal-15 ta' Lulju 1996, xehed **PC 673 Joseph Mallia**[103] li kkonferma illi dakinhar stess, quddiem il-Qorti, huwa eleva l-impronti digitali kollha tal-imputat u l-marki tal-pali ta' idejn l-istess imputat, liema zewg dokumenti gew immarkati bhala Dok. JM 1[104]. Dwar dan fil-verbal tal-istess seduta, gie dikjarat mill-avukat difensur f'isem l-imputat, illi l-istess imputat jaqbel illi ssir komparazzjoni bejn Dok. JM 1 u l-impronti digitali elevati mill-post tal-incident waqt l-inkjesta.

Fis-seduta tad-19 ta' Lulju 1996, xehdet **Dr. Carmen Portelli**[105] li qalet illi hija kienet ezaminat lill-minuri B  mil-lat ginekologu. Dwar it-tifla, ix-xhud qalet illi din kellha hdax-il sena, kienet ftit misthija u ftit imbezza', izda l-kundizzjoni generali taghha kienet wahda tajba. Ma' gisimha, hija ma sabet l-ebda sinjali ta' brix jew tbengil. Minn ezami estern tal-genitali tal-istess tifla, hija sabet fuq il-*labia* minuri taghha, fuq in-naha tal-lemin, selha u hmura. Il-*hymen* taghha kienet intatta. L-*anus* ukoll gie misjub tajjeb u ntatt. Dr. Portelli qalet illi hija kienet hadet *swab* mill-*entry* tal-*vagina*, liema *swab* gie mghoddi lill WPC 75.

Waqt li hija kienet qed tezamina lit-tifla, din qaltilha testwalment "*this person made my brother do rude things to me*"[106]. Ma spjegatilhiex x'kienu dawn l-affarijiet peress illi kienet misthija. Madankollu t-tifla stess qalet lit-tabiba, illi dik is-selha saret bi tbaghbis bl-idejn. Ix-xhud qalet illi dan huwa kompatibbli mas-selha. It-tifla kienet qaltilha wkoll illi t-tbaghbis sar minn huha stess.

Mistoqsija jekk din is-selha setghetx kienet *self-inflicted*, ix-xhud qalet illi dan ma tistax teskludih, izda li trid tkun mignuna li taghmilha lilek inniffsek u li ma kinitx haga normali. Dwar is-selha, ix-xhud spjegat illi hija kienet qed tirreferi ghal *superficial abrasion* u li din kienet imdawwra b'irritazzjoni. Ix-xhud

[102] Il-kontenut ta' dan ic-certifikat gie riprodott izjed il'fuq, f'pagna 7 ta' din is-sentenza.
[103] A fol. 207 u 208 tal-process.
[104] Esebiti a fol. 209 tal-process.
[105] A fol. 215 sa 220 tal-process.
[106] A fol. 217 tal-process.

eskludiet li din kienet infezzjoni u qalet li f'temp ta' gimgha, selha u hmura bhal dik, ma jibqghux jidhru. Meta t-tifla giet ezaminata, din kienet wahedha u fil-vicinanzi immedjati, kien hemm prezenti pulizija mara. Ix-xhud qalet illi ma tahsibx illi l-omm kienet fil-vicinanzi immedjati ta' fejn kien qed isir l-ezami u li l-omm bl-ebda mod ma ppruvat tinfluwenza lix-xhud waqt dan l-ezami.

It-tifla ma semmitilha l-ebda post partikolari fejn kien gie kkagunat il-premess, izda qaltilha li dan kien gara fil-post fejn kienu sabuha l-pulizija.

Fis-seduta tat-13 ta' Settembru 1996, xehed **Christopher Farrugia**,[107] li pprezenta zewg relazzjonijiet immarkati bhala Dok. CF 1[108] u Dok. CF 2[109] rispettivament u dan in ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu mill-Magistrat Inkwirenti.

Mix-xhieda tal-istess espert u mir-relazzjoni esebita bhala Dok. CF 1[110], jirrizulta illi fuq id-*dry swab* (*smear*) ta' B , saru analizi ghall-presenza ta' *spermatozoa* u *semene*. L-ezamijiet ghall-presenza ta' *spermatozoa* taw rizultat negattiv u l-analizi ghall-presenza ta' *semene* ukoll taw rizultat negattiv.

Mir-relazzjoni esebita bhala Dok. CF 2, jirrizulta illi fuq *bedspread* elevata minn fuq is-sodda ta' kamra numru 101, saru analizi ghall-presenza ta' *semene*, ta' *spermatozoa* u ghall-*grouping* ta' *semene*. L-espert ikkonkluda, fl-istess relazzjoni[111], illi mill-analizi li saru, inghata rizultat pozittiv ghall-presenza ta' *seminal acid phosphatase*. L-analizi ghall-presenza ta' *spermatozoa* taw rizultat inkonklussiv u l-analizi ghall-*grouping* tas-*semene* huwa ta' grupp O. Fix-xhieda tieghu, Farrugia spjega illi fl-oggetti li huwa ezamina, huwa sab presenza u evidenza ta' *semen* u mhux ta' *spermatozoa*.

Fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 1996, gie verbalizzat illi l-avukat difensur tal-imputat informa lill-Qorti illi "*l-imputat qed jikkonsentixxi bla ebda rizerva li jigu elevati kampjuni tad-demm tal-imputat. L-istess kunsens qed jinghata ghall-kampjun ta' sperma wkoll*". F'dak l-istadju, Christopher Farrugia informa lill-Qorti li kien bizzejjed illi jigi elevat kampjun tad-demm tal-imputat sabiex huwa jasal ghal *blood grouping*.

Fis-seduta tad-19 ta' Novembru 1996, xehed **Christopher Farrugia**[112], li esebixxa r-relazzjoni tieghu mmarkata bhala Dok. CF 3.[113] Huwa xehed illi fil-

[107] A fol. 244 sa 247 tal-process.
[108] Esebit a fol. 248 tal-process.
[109] Esebit a fol. 249 tal-process.
[110] Pagni 2 u 3 tar-relazzjoni.
[111] Pagna 3 tar-relazzjoni.
[112] A fol. 264 sa 266 tal-process.
[113] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 267 tal-process.

21 ta' Ottubru 1996, huwa ha kampjun tad-demm tal-imputat u dan wara li dan ta l-kunsens tieghu, liema kunsens jidher iffirmat fuq l-ahhar pagna tar-relazzjoni. Skond ix-xhieda ta' Farrugia u kif jirrizulta mill-konkluzjoni fl-istess relazzjoni, mill-analizi li saret fuq il-kampjun ta' demm tal-imputat, irrizulta illi l-*grouping* ta' demm huwa differenti mir-rizultat tal-*grouping* tas-*semene* mehud mill-esebit 96 AZO 304 (ossia l-*bedspread* li giet elevata minn fuq is-sodda tal-kamra bin-numru 101). Mill-analizi li saret fuq dan l-esebit, irrizulta illi l-*grouping* tas-*semene* hu grupp ta' demm O, filwaqt illi l-grupp ta' demm tal-imputat huwa B Rhesus Pozittiv.

Fis-seduta tad-19 ta' Novembru 1996, xehed **Joseph Bongailas**[114] li pprezenta r-relazzjoni tieghu fir-rigward ta' komparazzjoni ta' impronti digitali.[115] Minn din ir-relazzjoni jirrizulta s-segwenti:

- Illi wara li gew ezaminati u studjati d-dokumenti immarkati bhala 96 AZO 200, 96 AZO 202, 96, AZO 203, 96 AZO 204, 96 AZO 205, 96 AZO 206, 96 AZO 207, 96 AZO 209 konsistenti f'*lifters* ta' impronti digitali, irrizulta illi dawn huma neqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u ghalhekk ma jistghux jigi kkomparati ma' Dok. JM ossia formola tal-impronti digitali u formola tal-marki tal-pali tal-idejn tal-imputat.

- Illi wara li gew ezaminati, studjati u kkomparati d-dokumenti 96 AZO 201, 208 u 210 mad-dokumenti JM konsistenti f'formola tal-impronti digitali u formola tal-marki tal-pali tal-idejn tal-imputat, dawn taw rizultat negattiv.

Illi minn harsa lejn id-dokumenti 96 AZO 201, 208 u 210, jirrizulta illi d-dokument 96 AZO 201 jikkonsisti f'*lifter* mehud minn fuq wara ta' *number plate* li kif jidher indikat fl-istess *lifter* instabet fil-kamra numru 101, id-dokument 96 AZO 208 jikkonsisti f'*lifter* mehud minn fuq tazza 'A' li nstabet fuq xkaffa f'gwardarobba fil-kamra bin-numru 101, filwaqt illi d-dokument 96 AZO 210 jikkonsisti f'*lifter* mehud minn fuq tazza li kienet fuq xkaffa gewwa gwardarobba.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

---

[114] A fol. 260 sa 262 tal-process.

[115] Din ir-relazzjoni tinsab annessa a fol. 263 tal-process u mmarkata bhala Dok. JB.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija</u>**

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa u hasbet fit-tul dwar il-fatti li taw lok ghal din il-kawza, kif ukoll ix-xhieda moghtija kemm waqt dawn il-proceduri, kif ukoll waqt l-inkjesta mizmuma mill-Magistrat Inkwirenti, u tinsab moralment konvinta illi dak li allegaw il-minuri fil-konfront tal-imputat u dan ghar-rigward tal-abbuz sesswali, huwa fil-fatt minnu.

Jibda biex jinghad illi ghalkemm kien hemm numru ta' diskrepanzi fix-xhieda moghtija mill-minuri fid-diversi stadji ta' dawn il-proceduri, dawn id-diskrepanzi madankollu, ma jnisslux dubju ragjonevoli, li jwassal lill-Qorti sabiex tiskarta dak kollu li ntqal mill-istess minuri. Wara li l-Qorti qieset fit-tul u fid-dettal dak li rrakkuntaw il-minuri, kemm *a tempo vergine*, kif ukoll fix-xhieda taghhom waqt dawn il-proceduri, il-Qorti hija moralment konvinta illi t-tfal, tenut kont tal-eta` tenera taghhom, ma setghux jghidu dak kollu allegat minnhom, b'certu konsistenza, hlief jekk mhux ghaliex fil-verita` l-fatti allegati minnhom sehhew tassew.

Jirrizulta car illi hekk kif it-tfal instabu fil-*guest house* in kwistjoni, nhar is-27 ta' April 1996, huma mill-ewwel qalu lil PS 1400 Anthony Farrugia illi huma kienu dahlu fl-istess *guest house* flimkien ma' Giovanni Costa, illi hemmhekk kienu ghamlu l-pastazati, semmew il-kotba pornografici u li huma kienu jibzghu minn Giovanni ghaliex joqtolhom bil-mus. *A tempo vergine* ukoll, u meta tkellmu mal-Ispettur Bartolo hekk kif ittiehdu gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Sliema, lill-istess Spettur, il-minuri wkoll semmewlu lil Giovanni Costa u li dan kien jurihom u jgieghlhom jaghmlu l-pastazati gewwa l-*guest house* in kwistjoni. Qalu wkoll li Costa kien jheddidhom u t-tifel qal illi Costa kien joqghod jara l-*magazines* pornografici, kien anke ffotografahom waqt li kienu gharwenin u li Costa kien jaghmel il-pastazati fuqu nniffsu billi jmiss il-parti tieghu. It-tifel qal ukoll illi Costa kien spegalu kif seta' jkollu x'jaqsam ma' mara u li waqt li kellu sikkina f'idu, huwa gieghel lill-istess tifel ikollu x'jaqsam ma' ohtu u dan billi jpoggi l-parti privata tieghu ma' dik ta' ohtu u dahhal subajgh fil-parti privata taghha. L-Ispettur qal ukoll illi ghalkemm fil-bidu, huwa tkellem maz-zewg minuri flimkien, ghal certi dettalji, huwa kien tkellem maghhom separatament u t-tifla fil-fatt tatu verzjoni simili ghal dik moghtija lilu minn huha.

It-tfal imbaghad taw ix-xhieda taghhom quddiem il-Magistrat tal-Ghassa u dan dakinhar stess illi kienu instabu fil-*guest house* in kwistjoni. Gie nnutat minn din il-Qorti illi fil-waqt illi t-tifel kien propens izjed li jitkellem u kien hemm elementi anke ta' immaginazzjoni f'dak li qal, it-tifla tidher bezghana u f'certi mumenti riluttanti hafna li twiegeb ghal dak li kien qed jigi mistoqsi lilha, tant li

evitat kemm il-darba li twiegeb ghal dawn id-domandi. Madankollu, fl-elementi krucjali ghal dan il-kaz, ix-xhieda tal-minuri baqghet fil-maggor parti taghha kostanti u t-tfal iddeskrivew cirkostanzi li difficli wiehed jemmen li gew inventati jew immaginati minnhom, tenut kont tal-eta` tenera tal-istess tfal u anke tal-innocenza taghhom, li tidher lampanti anke meta wiehed jifli din ix-xhieda. In oltre il-Qorti konvinta illi r-riluttanza tat-tifla emanat kemm mill-misthija taghha dwar dak li kien qed jigi mistoqsi lilha, kif ukoll mill-fatt li kienet qeghda tibza', tant illi dan irriskontratu u xehdet dwaru wkoll Dr. Carmen Portelli ossia t-tabiba li ezaminat lit-tifla wara li ttiehdet ix-xhieda taz-zewg minuri da parti tal-Magistrat Inkwirenti. In oltre it-tifla stess tghid lejn l-ahhar tax-xhieda taghha quddiem il-Magistrat Inkwirenti, fis-27 ta' April 1996, illi kienet qeghda tibza' titkellem dwar dak li kien sehh, apparti li regghet ikkonfermat dan fix-xhieda taghha quddiem il-Magistrat Inkwirenti fit-3 ta' Mejju 1996.

Fix-xhieda taghha tas-27 ta' April 1996, it-tifla mill-ewwel tindika illi hija kienet marret fil-*guest house* in kwistjoni ghaliex kien qalilhom sabiex jaghmlu dan Giovanni Costa – kienet taf li jismu hekk ghaliex kien hu stess li qalilha. It-tifla qalet li kienu ltaqghu mal-imputat hdejn il-*guest house* in kwistjoni. Ghalkemm kemm il-darba, it-tifla qalet illi nsiet dwar dak li kienu jitkellmu fuqu u dwar dak li kienu jaghmlu fl-istess *guest house*, qalet illi Giovanni qalilhom biex jaghmlu affarijiet psataz. Ghall-ewwel baqghet tinsisti illi hija u huha rrifjutaw illi jaghmlu dan u li telqu l'barra, izda f'mument iehor qalet ukoll u baqghet tirrepeti illi hija ma riditx taghmel dan kollu, u li Giovanni qalilhom illi jekk ma jaghmlux hekk, huwa joqtolhom. Qalet illi Giovanni qalilhom biex imorru fuq xulxin u li fuq is-sodda hija kienet taht huha. Qalet li Giovanni beda jhares lejhom. Dan kollu, skond ix-xhud, gara darba biss. Qalet li lil huha kien qallu biex joqghod fuqha u li huma qatt ma kienu ghamlu din il-haga. Qalet li kien ikellimhom pastaz. Qalet li Giovanni kien joqghod jaqra l-kotba pornografici u jara l-istampi, izda hi ma ratx l-istampi tan-nofs, bdiet thares lil hemm u ma missitx il-kotba. Kien biss meta hargu l-Ispettur u s-Supretendent mill-kamra fejn kienet qeghda tinghata x-xhieda, illi l-minuri spjegat ahjar x'gara u x'kienu l-pastazati li kienet qeghda tirreferi ghalihom. Qalet li hija u huha kienu fuq xulxin u missew lil xulxin fil-parti privata taghhom u li Giovanni urihom kif jaghmlu dan billi urihom fuqu inniffsu. Qalet li Giovanni kien bil-qalziet ta' taht u ghalkemm qalet li hi u huha kienu bil-hwejjeg, dwar dan il-Qorti konvinta illi l-minuri insistiet fix-xhieda taghha, quddiem il-Magistrat Inkwirenti, li hi u huha kienu bil-hwejjeg purament ghaliex kienet qeghda tisthi. Qalet li dak il-hin Giovanni beda jaqra l-kotba pornografici, waqt li huma kienu fuq is-sodda.

Fix-xhieda taghha, moghtija quddiem il-Magistrat Inkwirenti fit-3 ta' Mejju 1996, il-minuri regghet qalet illi Giovanni kien ikun qieghed bil-qeghda, jaqra l-

kotba pornografici. Qalet li kien hemm hin li Giovanni qaghad wiccu mal-hajt, bhal jimbotta, u dan sabiex jurihom x'ried li jaghmlu t-tfal bejniethom. Regghet ikkonfermat illi Giovanni kien qalilhom illi jekk ma jaghmlux dan kien ser joqtolhom, u qalet li kien ser jaghmel dan bis-sikkina. Regghet qalet ukoll illi Giovanni kien geghlhom joqoghdu fuq xulxin u li qaghdu jmissu l-parti privata taghhom ma' xulxin. Ikkonfermat illi huha kien messilha l-organu genitali taghha, billi dahhal subajgh ghaliex kien qallu biex jaghmel dan Giovanni, u li hi weggghet.

Fix-xhieda taghha, moghtija quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, it-tifla ukoll ikkonfermat dak li kien intqal minnha precedentement u cioe` illi ltaqghu mal-imputat hdejn il-*guest house* u li dahlu gewwa ghax qalilhom l-imputat, li l-imputat qalilhom sabiex ipoggu s-sodod ma' xulxin, u li qalilhom sabiex imissu lil xulxin. Ghalkemm f'mument minnhom, it-tifla qalet li lil huha hija ma messitux, qalet ukoll li waqt li hi u huha kienu qed jitbewwsu u jmissu lil xulxin, u dan minghajr hwejjeg, l-imputat kien qed jara kotba pornografici. L-imputat qalilhom kliem hazin u kliem ta' theddid u heddidhom ukoll b'sikkina. Regghet qalet illi l-imputat mar mal-hajt, "*hareg dak li mhux suppost, poggieh mal-hajt … beda jaghmel fejn mhux suppost mal-hajt*"[116]. Waqt li hi u huha kienu qed jaghmlu dan kollu, l-imputat hadilhom xi ritratti. Ma kinitx taf x'fihom il-kotba pornografici, ghaliex rathom biss minn wara. L-imputat kien joqghod bil-qeghda. Regghet qalet ukoll illi fuq is-sodda, hija qaghdet taht, fil-waqt illi huha qaghad fuqha. Huha beda jmissha kullimkien u anke fil-parti privata taghha u dahhal subajgh gewwa fiha.

It-tifel ukoll isostni dan kollu fix-xhieda moghtija minnu kemm quddiem il-Magistrat Inkwerenti, kif ukoll quddiem il-Qorti. Sostna illi Giovanni kien qalilhom illi jekk ma jaghmlux dak li jghidilhom hu, kien ser joqtolhom u li ghalhekk huwa kellu jbus lil ohtu u jkollu x'jaqsam maghha. Poggew is-sodod flimkien u dan ghaliex kien qalilhom Giovanni sabiex jaghmlu dan. Huma qaghdu fuq is-sodda u tbewsu fuq halqhom u qaghdu jmissu l-organi genitali taghhom ma' xulxin u ghalkemm ghall-ewwel qal illi hu u ohtu kienu lebsin, wara sostna li kienu minghajr hwejjeg u minghajr qalziet ta' taht. Qal li Giovanni kien joqoghod jarahom u jara l-kotba pornografici – l-ewwel ihares lejhom, imbaghad ihares lejn il-kotba. Giovanni m'ghamilx pastazati mieghu, izda urieh kif jaghmilhom u dan billi beda jimbotta mal-hajt waqt li kien bil-wieqfa. Ghalkemm ghall-ewwel qal li Giovanni kien liebes, wara qal illi ma kellux qalziet ta' taht fuqu. Qal ukoll illi Giovanni beda jwegga' meta beda jimbotta mal-hajt u dan kien jafu ghaliex Giovanni beda jghajjat '*ahh'*. Kien hemmhekk li Giovanni libes il-qalziet ta' taht u qalilhom biex jaghmlu dak li

[116] A fol. 123 tal-process.

wriehom hu ghaliex kien joqtolhom. Giovanni qalilhom biex jaghmlu dan f'okkazzjoni wahda.

Ghalkemm ghall-ewwel qal illi Giovanni kien qallu sabiex jara l-kotba pornografici, wara wiegeb fin-negattiv meta gie mistoqsi jekk Giovanni kienx qallu biex jara l-kotba mieghu. Qal illi hass bhal *shock* fil-parti privata tieghu u sensazzjoni ta' hruq u dan meta beda jmiss l-organu genital tieghu ma' ohtu. Dan gie spjegat ukoll mix-xhud fix-xhieda tieghu tal-14 ta' Mejju 1996 u li dan sehh meta kemm hu, kif ukoll ohtu kienu minghajr hwejjeg. Qal illi huwa mess lil ohtu b'idejh u li anke ohtu misset lilu fl-organu genitali tieghu. Qal li Giovanni wera lill-ohtu kif taghmel dan, meta miss lilu nniffsu u ghamel hekk mal-hajt. It-tifel qal illi ohtu weggghet hafna fl-organu genitali taghha u ghajtet. Qal ukoll illi huwa qaghad imiss lill-ohtu b'idu u li dahhal subajgh. Anke dan kien werieh kif jaghmlu Giovanni. Qal li Giovanni hadilhom ir-ritratti waqt li kienu gharwenin. It-tifel anke penga lil Giovanni bilqeghda fuq siggu waqt li kien qed jara l-ktieb pornografiku.

Fix-xhieda moghtija minnu quddiem il-Magistrat Inkwirenti fit-3 ta' Mejju 1996, it-tifel rega' kkonferma li l-imputat kien hadilhom ir-ritratti. Fix-xhieda moghtija quddiem il-Qorti, it-tifel rega' spjega kif hu u ohtu kienu ltaqghu mal-imputat u dahlu fil-*guest house* in kwistjoni u illi meta kienu hemm l-imputat qalilhom biex jitbewsu u jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin. Huma telghu fis-sodda u huwa qaghad fuq ohtu ghall-ewwel bil-hwejjeg u mbaghad minghajr hwejjeg u bdew imissu l-partijiet privati taghhom ma' xulxin. Giovanni hadilhom ir-ritratti. L-imputat beda jaqra l-kotba pornografici u anke mar mal-hajt u ghafas l-organu genitali tieghu mal-hajt. Qal illi huwa bies u kellu x'jaqsam ma' ohtu u dan billi beda tiela' u niezel fuqha u dahhal subajgh gewwa ohtu. Dan ghamlu peress illi kien qallu sabiex jaghmel hekk l-imputat waqt li kellu mus u li kien iddejjaq jaghmel dan kollu. Waqt li kien qed jaqra l-kotba, l-imputat kien bilqeghda. Dawn l-affarijiet graw biss f'okkazzjoni wahda.

Kemm it-tifel, kif ukoll it-tifla xehdu illi kien hemm okkazzjoni illi fiha t-tifel sabbat il-*camera* mal-art u rema' l-*film* gewwa l-*camera*. It-tifel qal illi huwa kien ghamel dan ghaliex iddejjaq illi l-imputat kien ha r-ritratti tieghu u ta' ohtu. It-tifel xehed ukoll *a tempo vergine* u cioe` quddiem il-Magistrat Inkwerenti fit-3 ta' Mejju 1996, illi b'hekk il-*camera* kienet inkissret.

Il-Qorti qieset ukoll id-diskrepanzi fix-xhieda tal-minuri u dan anke fid-dawl tal-bqija tax-xhieda taghhom u tal-fatti rizultanti mill-provi. Fl-ewwel lok, hemm diskrepanza dwar il-jiem li fiha l-minuri jghidu li dahlu fil-fond in kwistjoni. Fix-xhieda taghhom *a tempo vergine* u kif jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-Ispettur Investigatur, huma jghidu li dahlu fil-fond flimkien mal-imputat ghal erbat ijiem u ghalhekk ghal hamest ijiem, jekk wiehed iqis ukoll il-

jum li fih instabu l-minuri fil-fond in kwistjoni. Min-naha l-ohra fil-mori ta' dawn il-proceduri u fl-ewwel xhieda taghhom fl-14 ta' Mejju 1996, huma jghidu illi dahlu fil-fond ghal xi hmistax-il jum.

Jirrizulta mix-xhieda tal-proprjetarju tal-*guest house* illi din kienet ilha vojta mit-18 ta' April 1996 u illi huwa nnotta illi kien hemm affarijiet mhux tas-soltu fil-fond in kwistjoni nhar it-Tlieta, 23 ta' April 1996. L-istess xhud qal ukoll illi huwa kien imur fil-fond flimkien ma' martu kuljum u sal-11.30 a.m., kien jkunu hargu mill-fond. Stante illi jirrizulta wkoll illi t-tfal kienu jmorru fil-fond in kwistjoni wara l-hin tal-iskola dan ifisser illi t-tfal ma kinux dahlu fil-fond in kwistjoni qabel it-Tnejn, 22 ta' April 1996 u ghalhekk m'huwiex plawsibbli illi huma dahlu fl-imsemmi fond ghall-hmistax shah. Dan ifisser illi t-tfal kienu dahlu fil-fond in kwistjoni matul dik il-gimgha stess, bejn it-Tnejn 22 ta' April 1996 u s-Sibt 27 ta' April 1996, meta nstabu mill-proprjetarju tal-fond.

Hawnhekk irid jinghad illi minkejja dawn id-diskrepanzi fix-xhieda tal-minuri dwar zmien u dwar f'liema jiem ezattament sehhew il-fatti in ezami u cioe` kemm dawk li l-istess tfal isejhulhom 'pastazati' kif ukoll per ezempju dwar il-jum li fih it-tifel sabbat il-*camera* tal-imputat mal-art, madankollu wiehed irid izomm f'mohhu illi dawn kienu tfal li bhal kull tfal ohra, facilment jithawwdu dwar zmien, jiem, hinijiet u dati. Dan jirrizulta wkoll mix-xhieda moghtija mit-tifla in kontro-ezami fis-27 ta' Gunju 1997, meta giet mistoqsija jekk kinitx taf kemm kien hemm jiem f'gimgha, ghaliex kien evidenti li kienet qeghda tithawwad fil-jiem u fiz-zmien, apparti li meta sar dan il-kontro-ezami, diga` kienet ghaddiet izjed minn sena minn dan kollu. Minkejja dan, madankollu, jirrizulta car illi dak li sehh, kien perfettament possibli f'dik il-gimgha ta' bejn it-Tnejn 22 ta' April 1996 u s-Sibt 27 ta' April 1996, ghaliex kif inghad, sid il-*guest house* xehed illi din kienet vojta dik il-gimgha. In oltre rrizulta car ukoll mix-xhieda tal-istess proprjetajru illi ftit qabel, xi turist kien ghadu kemm hareg mill-fond in kwistjoni u stante illi dan kien ghamlu xi l-4:00 a.m., huwa gie mitlub sabiex ihalli c-cwievet fil-kaxxa tal-ittri tal-*guest house*. Huwa qal ukoll illi kull persuna li kienet talloggja fil-*guest house* tieghu kienet tinghata zewgt icwievet - wahda tal-bieb principali u l-ohra tal-bieb tal-kamra partikolari li jkun qed jalloggja gewwa fiha. L-istess proprjetarju qal ukoll illi jista' jkun illi huma nsew ic-cwievet tat-turist fil-kaxxa tal-ittri. Dan jikkoncidi perfettament ma' dak li qalu l-minuri fis-sens illi huma kienu jidhlu fil-*guest house,* kemm mal-imputat kif ukoll meta dahlu wahedhom, billi jiehdu c-cwievet mil-*letter box*. In oltre ix-xhieda ta' Cassar tinkwadra wkoll ma' dak li xehdet dwaru t-tifla minuri fis-sens illi kien hemm zewgt icwievet fil-kaxxa tal-ittri – wahda tal-kamra bin-numru 101 u l-ohra tal-bieb ta' barra. Din l-ahhar xhieda tittalja wkoll ma' dak li xehed Cassar fis-sens illi t-turist li hareg l-ahhar mill-*guest house* kien qed jalloggja fil-kamra bin-numru 101.

Kien hemm ukoll diskrepanzi ohrajn fix-xhieda tal-minuri, izda tenut kont tax-xhieda riprodotta izjed il'fuq f'dawn il-konsiderazzjonijiet, liema xhieda hija pjuttost dettaljata u konsistenti, u tenut ukoll illi din ix-xhieda inghatat minn tfal minuri illi difficilment, fil-fehma tal-Qorti, jistghu jimmaginaw jew jivvintaw certi affarijiet ta' natura sesswali bhal dawk li ddeskrivew l-istess minuri, il-Qorti qeghda tiskarta dawk id-diskrepanzi u hija moralment konvinta illi l-fatti msemmija mit-tfal sehhew verament. Dan izjed u izjed meta l-verzjoni moghtija mit-tfal hija korroborata sew minn provi ohrajn indizjarji li tressqu mill-Prosekuzzjoni.

Jirrizulta illi madwar il-genitali tat-tifel, kif ukoll fuq in-naha ta' fuq ta' gismu fuq ix-xellug, instabu xi *tattoos* zghar u cioe` *tattoos* li jsiru permezz ta' *transfers*. Dwar dawn, il-minuri sostna li tpoggewlu hemmhekk mill-imputat u dan it-tifel qalu kemm lill-Ispettur Bartolo, kif ukoll waqt ix-xhieda tieghu, quddiem il-Qorti. Dr. Martin Mallia ossia t-tabib li ezamina lit-tifel xehed illi fuq gisem it-tifel, huwa kien sab diversi *tattoos* ossia *stickers* li jitwahhlu wara li jitpoggew fl-ilma. Wahda minn dawn kienet fil-*pubic area* tat-tifel, kien hemm wahda fuq kull id, u ohra fuq il-*left hypo-condrio* ta' gismu. Ix-xhud gie muri tlett ritratti esebeti mill-esperti tal-fotografija u mmarkati bhala 96 AZO 138 sa 140 u kkonferma li fuq dawn it-tliet ritratti jidhru t-*tattoos* imsemmija fix-xhieda tieghu, izda ma jidhrux il-marki li huwa sab fuq idejh. F'dan ir-rigward irid jinghad illi ghalkemm naturalment huwa possibbli illi kien l-istess minuri illi pogga dawn it-*tattoos* fuq gismu, madankollu, wara li rat ir-ritratti, il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi jidhrilha illi hija haga ferm stramba illi tifel ta' dik l-eta` jaghzel illi jwahhal *tattoo* jew *sticker* proprju fil-*pubic area* tieghu, izjed u izjed meta tfal ta' dik l-eta` generalment jiehdu gost juru u mhux jahbu dawn l-affarijiet.

It-tfal xehdu illi l-imputat kien qaghad jara kotba pornografici fil-presenza taghhom. Fil-fond de quo fil-fatt instabu numru ta' *magazines* pornografici, liema *magazines* gew esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri. Il-proprjetarju tal-fond spjega illi huwa sab dawn il-*magazines* f'basket tal-*plastic*, fil-bitha interna tal-proprjeta` tieghu. L-istess xhud qal ukoll illi fuq naha wahda biss tal-*guest house*, hemm proprjeta` ta' terzi li tmiss ma' din il-bitha, liema proprjeta` madankollu kienet vojta u li ghalhekk l-istess *magazines* intefaw fil-bitha minn xi tieqa tal-*guest house*. In oltre PS 1400 Anthony Farrugia xehed illi sid il-*guest house* qallu illi dawn ma kinux tieghu u illi l-istess *magazines* mhux suppost kienu fil-*guest house*. Qal ukoll l-istess sid, fix-xhieda tieghu, illi fil-fehma tieghu, li kieku thallew *magazines* fil-*guest house* in kwistjoni minn xi residenti, Mary Saliba, li kienet tnaddaf il-kmamar tal-*guest house* kuljum meta kien ikun hemm ir-residenti fiha, kienet tghidilhom b'dan u dan ghaliex, skond l-istess xhud, meta t-turisti kienu jhallu xi oggetti warajhom, l-istess Mary Saliba kienet taghtihomlom. L-istess Mary Saliba kkonfermat dan u qalet illi

meta hija kienet issib oggetti li jkunu thallew minn xi resident fil-*guest house*, hija kienet tghaddihom mill-ewwel lis-sid u illi hija qatt ma taf illi xi hadd halla xi *magazine* jew *magazines* fil-post in kwistjoni. Il-Qorti ghalhekk temmen illi kien fil-fatt l-imputat illi dahhal dawn il-*magazines* fil-*guest house.*

In oltre ix-xhieda tat-tfal f'dak li jirrigwarda l-garr ta' ghamara u oggetti ohra li kienu jinsabu fil-*guest house,* minn kamra ghall-ohra, giet ukoll ikkonfermata minn dak li attwalment instab fil-*guest house* fis-27 ta' April 1996. Dwar dan xehdu PS 1400 Anthony Farrugia u PS 644 Wilfred Imbroll, kif ukoll is-sid tal-fond li in oltre xehed illi huwa diga` kien innotta xi affarijiet li ma kinux f'lokhom fil-jiem ta' qabel u kien proprju ghalhekk illi kien qaghad ghassa gewwa l-*guest house* fis-27 ta' April 1996. PS 1400 xehed ukoll illi kien hemm bieb ta' kamra li kellu c-caccis tieghu sgassat. F'dan is-sens xehed ukoll PS 644 Wilfred Imbroll u dan b'referenza ghall-kamra bin-numru 103. Sid il-fond ukoll xehed illi gewwa kamra numru 103, huwa sab hsara konsistenti f'bieb sgassat ossia *lock* imkisser. Minn harsa lejn ir-ritratti esebiti u cioe` ir-ritratti mmarkati bin-numri 96 AZO 117, 118 u 120, fejn tidher il-hsara kemm fuq il-pum tal-bieb, kif ukoll il-hsara fl-injam tal-genb tal-istess bieb, jirrizulta evidenti illi tfal tal-eta` tal-minuri in kwistjoni m'humiex kapaci jaghmlu dik it-tip ta' hsara u li ghalhekk bil-fors li kienu akkumpanjati minn xi hadd iehor akbar minnhom. It-tifla fil-fatt ukoll xehdet illi kien l-imputat li ghamel din il-hsara.

Ix-xhieda tat-tfal hija wkoll korroborata mix-xhieda ta' Dr. Carmen Portelli, t-tabiba li ezaminat lit-tifla nhar is-27 ta' April 1996. Mic-certifikat mediku rilaxxjat mill-istess tabiba fl-istess jum u mix-xhieda taghha jirrizulta illi minn ezami estern tal-genitali tal-istess tifla, hija sabet fuq il-*labia* minuri taghha, fuq in-naha tal-lemin, selha u hmura. Il-*hymen* taghha kienet intatta u l-*anus* ukoll gie misjub tajjeb u ntatt. Skond din ix-xhud, it-tifla stess qaltilha illi s-selha kienet saret bi tbaghbis bl-idejn u li dan kien kompatibbli mas-selha li nstabet fil-genitali tal-istess minuri. Skond l-istess xhud, it-tifla qaltilha illi dan it-tbaghbis kien sar minn huha stess u fi kliem l-istess tifla, illi "*this person made my brother do rude things to me*" u li dan sar fil-post fejn kienu gew misjuba hi u huha. Ix-xhud eskludiet li din kienet infezzjoni u qalet li f'temp ta' gimgha, selha u hmura bhal dik, ma jibqghux jidhru. Dan huwa wkoll kompatibbli mal-konsiderazzjonijiet li ghamlet din il-Qorti izjed il'fuq, fis-sens illi l-fatti imputati graw f'xi jum bejn it-Tnejn 22 ta' April 1996 u l-Gimgha 26 ta' April 1996. Ta' min jghid ukoll illi l-istess tabiba qalet ukoll illi ghalkemm jista' jkun li din is-selha kienet *self inflicted*, din ma kinitx xi haga normali u li wiehed irid ikun mignun biex jaghmel dan lilu nniffsu. Skond din ix-xhud, it-tifla dehret misthija u ftit imbezza' u illi omm it-tifla ma ppruvat bl-ebda mod tinfluwenza lill-istess xhud u cioe` lit-tabiba. Din ix-xhieda tkompli

tikkonferma l-verzjoni moghtija mill-minuri dwar dak li kien sehh fil-*guest house* in kwistjoni.

Huwa wkoll ta' importanza sostanzjali l-fatt illi kienet tramite d-deskrizzjoni u l-informazzjoni li taw il-minuri lill-Ufficjal Investigatur illi l-Pulizija waslet ghall-imputat. It-tfal mhux biss indikaw isem l-imputat bhala Giovanni Costa, izda t-tifel qal illi l-istess imputat kien imlaqqam 'it-Tigra'. L-istess imputat, fl-istqarrija tieghu, jghid illi llum m'ghadux imlaqqam hekk, izda meta kien ghadu zghir fil-fatt kellu dan il-laqam. L-Ispettur Investigatur xehed illi t-tfal kienu qalulu wkoll illi dan Giovanni kien jiffrekwenta l-Kazin tal-Banda tas-Sacro Cuor u t-tifel kien qallu illi kien sar jafu vicin il-*ground* tal-futboll gewwa Tigne. Mill-investigazzjonijiet tieghu, l-Ispettur sar jaf illi kien hemm persuna mlaqqma t-Tigra illi kienet tiffrekwenta l-imsemmi Kazin u li dan il-persuna ta' spiss kien jidher imdawwar bit-tfal. Mill-istess stqarrija tal-imputat jirrizulta wkoll illi l-imputat verament kellu dawn il-konnessjonijiet kemm mal-Kazin tal-Banda tas-Sacro Cuor, kif ukoll mal-*ground* tal-futboll ta' Tigne, ghalkemm jghid ukoll illi huwa kien ilu ma jiffrekwenta l-Kazin ghal seba' xhur – li fil-fatt ma kienx xi perjodu daqstant twil – u illi kien ilu ma jersaq lejn il-*ground* ta' Tigne xi erba' snin.

Jirrizulta wkoll illi meta saret tfittxija fir-residenza tal-imputat, instabu mus u *camera* li gew elevati u prezentati fl-atti ta' dawn il-proceduri. L-Ufficjal Investigatur eleva dawn l-oggetti proprju ghaliex kienu diga` gew imsemmija lilu mill-minuri meta tkellem maghhom fil-bidu tal-investigazzjoni tieghu. Sinjifikanti l-fatt illi l-Ispettur Bartolo xehed illi wara li nstab dan il-mus fir-residenza tal-imputat, huwa talab lit-tfal sabiex jaghtuh deskrizzjoni tieghu. It-tifel qallu illi dan kien mus b'manku iswed u li kellu xi haga minquxa fuqu u mqabbza 'l barra u in oltre illi dan il-mus kien gewwa *pocket* kannella. Wara li t-tifel ta din id-diskrezzjoni, il-mus gie muri lilu mill-Ispettur, u t-tifel fil-fatt ikkonferma illi dan kien il-mus li kien uza l-imputat. F'dan ir-rigward, il-Qorti ezaminat anke l-mus in kwistjoni u jirrizulta illi fil-fatt il-mus ghandu disinn ta' annimal imqabbez il-barra, bid-denb li jista' jigi deskritt bhala minqux. Il-manku tal-mus huwa iswed u l-*pocket* li jinsab fih huwa kannella. Meta t-tifla giet murija dan il-mus, hija wkoll ikkonfermat li dan kellu xi disinni fuqu, u li kien hemm affarijiet tondi, ghalkemm ma setghetx tghid x'tip ta' disinn kien, li l-manku tal-mus kien iswed u li kien f'*pouch* kannella. Hija wkoll gharfet il-mus bhala s-sikkina li kellu l-imputat. Ta' min jghid illi fil-fatt id-denb tal-annimal li jidher fuq l-istess mus, gej ghat-tond.

Fir-rigward tal-*camera* li nstabet fir-residenza tal-imputat, il-Qorti nnutat wara li ezaminat l-istess *camera* li giet esebita fl-atti, illi l-bieba fejn jitpoggew il-*batteries* tal-istess *camera*, li tinsab fil-genb tal-*camera*, hija mkissra fis-sens illi ma tehilx u ghandha *tape* imwahhal maghha, intiz sabiex izomm il-bieba

f'postha. L-Ispettur Bartolo xehed illi *a tempo vergine* it-tifel kien qallu li huwa kien ha l-*camera* tal-imputat, hareg il-*film* u sabbatha mal-art. Meta sussegwentement it-tifel gie muri l-*camera* misjuba fir-residenza tal-imputat, huwa gharafha bhala l-*camera* tal-imputat mill-parti li kienet imkissra u xehed illi huwa kien waddab din il-*camera* mal-art u li ghalhekk kien kissirha. L-omm ukoll xehdet illi t-tifel qalilha li huwa kien ha l-*camera* u li din inkissret. Fix-xhieda taghhom, quddiem din il-Qorti, iz-zewgt itfal ikkonfermaw illi t-tifel kien sabbat il-*camera* mal-art u t-tnejn li huma gharfu l-*camera* bhala dik tal-imputat. Ghalkemm fix-xhieda taghhom, in kontro-ezami, it-tfal qalu illi l-*camera* ma nkissritx meta t-tifel sabbatha mal-art, madankollu dan il-kontro-ezami sar fit-23 ta' Gunju 1997 u ghalhekk izjed minn sena wara li sehh dan il-kaz. Il-Qorti nnutat ukoll illi l-ksur li jidher fl-istess *camera*, kif fuq spjegat, huwa kompatibbli ma' tisbita tal-istess *camera* mal-art, kif spjegat miz-zewg minuri.

Apparti dawn il-provi indizjarji li jippuntaw lejn l-imputat, l-Ispettur Bartolo xehed ukoll illi t-tfal kienu qalulu illi l-imputat kellu xaghru twil u kien jilbes misluta f'widintu x-xellugija, liema misluta giet deskritta mit-tfal bhala cirku, b'salib imdendel maghha. L-Ispettur Bartolo xehed ukoll illi t-tfal kienu qalulu illi ma kinitx l-ewwel darba illi Costa kien jilbes bhala misluta, is-salib biss, minghajr ic-cirku. L-Ispettur Bartolo qal ukoll illi meta huwa arresta lill-imputat l-ewwel darba, dan kien liebes misluta, fil-widna xellugija tieghu, konsistenti f'salib biss. Din il-misluta u s-salib imsemmi, ma nstabux mill-Ispettur meta mar biex jelevahom wara t-tieni arrest tal-imputat. In oltre PC 1463 Charles Grima xehed illi huwa kien jaf illi l-imputat kien jilbes misluta tonda, u li jekk ma kienx sejjer zball, dan kien jaghmlu f'widintu tax-xellug. Xehed ukoll illi ma' din il-misluta, kien ikun hemm imdendel salib. Fix-xhieda tieghu, quddiem din il-Qorti, it-tifel qal illi l-imputat kien jilbes misluta f'widintu x-xellugija, xi kultant b'salib u xi kultant minghajr salib. Fix-xhieda tieghu, quddiem il-Magistrat Inkwirenti fit-3 ta' Mejju 1996, it-tifel qal ukoll illi huwa kien qed jaghraf lill-imputat mill-misluta u dan b'referenza ghall-misluta illi l-imputat kien liebes gewwa l-Ghassa tal-Pulizija l-ewwel darba li dan kien gie arrestat. In oltre fix-xhieda taghha, quddiem din il-Qorti, it-tifla qalet illi l-imputat kien jilbes salib f'widintu tax-xellug.

Dwar xaghar l-imputat, *a tempo vergine* fix-xhieda taghhom quddiem il-Magistrat Inkwirenti, iz-zewgt itfal indikaw illi l-imputat kellu xaghru twil. Skond l-Ispettur Bartolo, meta l-imputat gie arrestat u identifikat mill-minuri, huwa staqsa lit-tfal ghaliex kien hemm diskrepanza mal-fizjonomija ta' wicc l-imputat fl-*identikit* li huma kienu ghenu sabiex isir u l-minuri nsistew mieghu illi l-imputat ma kellux lehja bhal ma ghandu issa u li xaghru kien itwal u mhux qasir kif inhu issa. Fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, it-tifel qal illi meta gara dan il-kaz, l-imputat kellu xaghru twil u kien minghajr mustacci. Dan gie

kkonfermat ukoll minn ohtu fix-xhieda taghha, kemm in ezami kif ukoll in kontro-ezami. Kien biss in kontro-ezami izjed minn sena wara li sehh il-kaz, illi t-tifla qalet illi l-imputat, dak iz-zmien kellu xaghru qasir u kellu l-mustacci. PC 1463 Charles Grima ikkonferma wkoll illi s-soltu, huwa kien jaf lill-imputat b'xaghru twil u li l-imputat ma kienx ilu hafna li qata' xaghru. Ix-xhud qal illi huwa kien ra lill-imputat gewwa l-Ghassa ta' Sliema meta dan gie arrestat, u li dan sehh f'Mejju 1996, f'jum ta' festa jew f'jum tal-Hadd. Dan jindika illi fil-fatt dan ix-xhud kien x'aktarx ra lill-imputat gewwa l-Ghassa fl-1 ta' Mejju 1996. Ghalkemm ix-xhud in ezami qal illi l-imputat kien qata' xaghru gimgha qabel rah l-Ghassa, u cioe` ghalhekk matul dik il-gimgha illi t-tfal kienu qed jidhlu mal-imputat fil-*guest house* in kwistjoni, sussegwentement u fuq domanda maghmula mill-Qorti, ix-xhud qal ukoll illi dan ma kienx jafu hu direttament jew personalment, izda ntqal lilu minn persuna ohra. Skond dan ix-xhud, meta huwa kien ra lill-imputat tliet gimghat qabel ma rah fl-Ghassa ta' Sliema, dan kien ghadu b'xaghru twil u kellu lehja hafifa. Ghalkemm dan ix-xhud jghid illi l-imputat kellu anke xaghru itwal minn kif jidher mill-*identikit* esebit fl-atti, il-Qorti ssib illi x-xhieda ta' Grima fil-fatt tikkonfigura sew ma' dak li qalu t-tfal dwar l-imputat. In oltre jidhrilha wkoll illi dawn ic-cirkostanzi kollha appena deskritti, u cioe` il-fatti rigwardanti l-mus, il-*camera,* il-misluta, kif ukoll xaghar l-imputat li rrizulta li kien twil u illi fil-fatt qatghu, ilkoll f'daqqa ma jistghux jitqiesu lkoll bhala koincidentali.

Apparti minn dan kollu, it-tfal mill-ewwel qalu illi r-ragel in kwistjoni kien jismu Giovanni u fil-fatt dan huwa wkoll isem l-imputat. Mhux biss, izda ghalkemm l-ewwel darba li huma ltaqghu mieghu gewwa l-Ghassa, it-tfal qalu li ma kinux qeghdin jaghrfu lill-imputat, l-ghada stess huma qalu li huma kienu bezghu minnu u kien ghalhekk illi cahdu li l-imputat kien il-persuna msemmija minnhom. It-tifla anke tghid fil-kontro-ezami taghha, illi hija ghall-ewwel kienet qalet 'iva' fis-sens illi gharfet lill-imputat, izda hekk kif semghet lil huha jghid 'le', hija qalet 'le' u li t-tnejn li huma kien bezghu mill-imputat. Ta' rilevanza wkoll huwa illi x'aktarx dan l-inkontru bejn it-tfal u l-imputat fl-Ghassa sehh b'mod accidentali fis-sens illi t-tfal sabu ruhhom wicc imb'wicc mal-imputat u dan ghaliex l-Ispettur xehed ukoll illi wara li huwa arresta lill-imputat l-ewwel darba, huwa telaq mill-Ghassa u mar sabiex ifittex u jiehu lejn l-Ghassa, iz-zewg minuri, izda wara li telaq, gie nfurmat illi l-minuri fil-fatt diga` kienu qeghdin gewwa l-Ghassa. Ghalhekk jaghmel sens illi t-tfal verament bezghu mill-imputat hekk x'hin rawh gewwa l-Ghassa tal-Pulizija u li kien ghalhekk illi huma cahdu illi fil-fatt kien hu r-ragel li kienu qed jirreferu ghalih.

In oltre il-Qorti nnutat illi fix-xhieda taghhom, kemm quddiem il-Magistrat Inkwirenti fit-3 ta' Mejju 1996 u anke matul dawn il-proceduri, kemm in ezami, kif ukoll in kontro-ezami, it-tfal baqghu jsostnu b'insistenza qawwija illi fil-fatt

l-imputat kien il-persuna li wettaq il-fatti deskritti minnhom u eskludew illi seta’ kien xi hadd iehor.

Jinghad ukoll illi l-alibi li jaghti l-imputat u l-mod dwar kif huwa pprova jisgwida lill-Ufficjal Investigatur meta gie mistoqsi dwar fejn kien qieghed f’certu hin fil-25 ta’ April 1996, juru illi l-imputat kellu x’jahbi u jkompli jissoda l-fehma tal-Qorti illi fil-fatt kien proprju hu illi ghamel l-atti indikati mill-minuri. Dwar dan, l-Ispettur Bartolo xehed illi qabel ma tnizzlet bil-miktub l-istqarrija tal-imputat, u wara li huwa kien tah is-solita twissija, huwa kien staqsa lill-istess imputat fejn kien matul l-erbat ijiem involuti. Fir-rigward ta’ gurnata minnhom, u cioe` il-Hamis, 25 ta’ April 1996, l-imputat qallu illi huwa kien qatta’ l-gurnata kollha mal-gharusa tieghu, Diane Spiteri. Talab lill-imputat sabiex jghidlu fejn seta’ jikkuntatja lil Diane Spiteri, izda l-imputat qallu li ma kienx jaf dettalji dwarha. Ghalhekk huwa talab lill-imputat sabiex jakkumpanjah fir-residenza tal-istess Spiteri, u l-imputat hadu go dar gewwa l-Imsida, liema dar kienet vojta u dizabitata ghal hafna zmien. Meta rritornaw lura lejn l-Ghassa, l-imputat tah in-numru tat-telefon ta’ Diane Spiteri. L-Ispettur xehed ukoll illi huwa cempel id-dar ta’ Spiteri, rrispondietu ommha u meta huwa talab lil ommha sabiex ikellem lil din Diane, hija talbitu r-raguni ghal dan. Meta huwa nsista illi ried ikellem lil Diane, ommha qaltlu li din kellha biss tlettax-il sena. Ghalhekk huwa staqsa lil omm jekk fil-25 ta’ April 1996, Giovanni Caruana kienx il-gurnata kollha fid-dar taghhom. Omm Diane Spiteri qaltlu illi dakinhar, Diane kienet il-gurnata kollha l-iskola u li Caruana kien mar ghandhom wara s-6.30 p.m. L-Ispettur qal ukoll illi z-zewgt itfal kienu qalulu li fil-jum in kwistjoni, huma kienu ltaqghu mal-istess imputat bejn l-4.00 p.m. u s-6.00 p.m. fil-*guest house* in kwistjoni. L-Ispettur Bartolo spjega illi dan kollu ntqal lilu verbalment, fil-presenza tas-Supretendent Joseph Brincat. Sussegwentement madankollu, meta tnizzlet l-istqarrija tieghu bil-miktub, l-imputat biddel il-verzjoni tieghu u qal illi bejn l-4.00 p.m. u s-6.00 p.m., fil-jum imsemmi, huwa kien il-hin kollu ma’ ommu.

Irid jinghad ukoll illi ghalkemm il-provi forensici migjuba ma jindikawx il-presenza tal-imputat fil-*guest house* in kwistjoni, madankollu lanqas ma jeskludu l-presenza tieghu.

Il-Qorti sejra issa tezamina l-artikoli tal-ligi, a bazi ta’ liema, l-Avukat Generali dehrlu li tista’ tinstab htija:

**L-Artikoli 86, 87 u 88 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta**

L-Artikolu 86 jghid illi “*Kull min, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-*

*volonta` taghha, jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn*". L-Artikolu 87, imbaghad, jelenka c-cirkostanzi li jaggravaw dan ir-reat.

Illi fis-sentenza taghha tat-22 ta' Frar 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs GM**, din il-Qorti, kif diversament presjeduta, ccitat lill-Professur Sir Anthony Mamo li jghid hekk meta jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni:

"*the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid, para 323). Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.*"

Fis-sentenza taghha, din il-Qorti, kif diversament presjeduta, kompliet tghid hekk:

"*Illi pero' fil-kaz ta' arrest illegali ta' persuna bhala mezz biex jitwettaq ir-reat ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni jew attentat vjolenti ghall-pudur, htija ma tistax treggi ukoll fuq ir-reat ta' arrest illegali.* ***Il-Qorti Kriminali*** *rribadiet fil-kawza* ***Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et deciza 19/10/2006*** *li:*

*Dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolent jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f'hafna kazi l-att sesswali f'certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra. Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghlaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru. Imma ancorche' kellu jirrizulta li f'xi hin li kellu relazzjonijiet intimi mal-minuri, ghalaq u sakkar minn gewwa il-bieb intern tal-parti tad-dar li fiha kien joqghod, biex ovvjament ma jidhol hadd fuqu, dan ma jammontax ghar-reat dedott. Di fatti, kif kienu jispiccaw l-atti in kwistjoni, t-tfal dejjem thallew johorgu w jkomplu bl-attivita' normali taghhom."*

Issa ghalkemm it-tifel minuri xehed illi l-imputat kien geghlu jidhol fil-*guest house* in kwistjoni billi ghamillu l-mus ma' dahru u qallu li jekk ma jidholx huwa kien ser joqtlu, madankollu l-Qorti mhix konvinta minn din il-parti tax-xhieda tat-tifel, ghaliex dan ma giex korroborat minn ohtu fl-ebda mument fix-

xhieda taghha, apparti li dan il-fatt jissemma biss mit-tifel fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti u fl-ebda mument qabel dan. Jista' jkun fil-fatt illi, sab min sab ic-cavetta, u cioe` kemm jekk l-ewwel sabuha it-tfal, kif ukoll jekk sabha l-imputat, li l-imputat qalilhom sempliciment biex jidhlu u li t-tfal dahlu wkoll ghaliex ma rriskontraw xejn hazin f'dan. Veru illi t-tfal xehdu illi fil-mument li l-imputat talabhom biex imissu lil xulxin, huwa qalilhom illi kien ser joqtolhom jekk ma jaghmlux dan u anke urihom mus jew sikkina, kif jiddiskrivuha t-tfal, u t-tfal hassu li ma setghux jaghmlu mod iehor, izda dan it-theddid fil-fehma tal-Qorti ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se, izda kien ingredjent jew element tal-akkuzi ta' stupru vjolent jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni jew ta' attentat vjolenti ghall-pudur. Fil-fatt it-tfal wara dan l-akkadut, jidher illi telqu mill-*guest house* minghajr tfixkil, u ghalkemm f'xi mumenti fix-xhieda taghhom, huma jghidu illi 'harbu' u anke li heddidhom li joqtolhom jekk ma jmorrux fil-*guest house*, madankollu, m'hemm xejn x'jindika illi fil-fatt l-imputat kien qed izommhom hemm jew li ma hallihomx jitilqu. Tant hu hekk, illi z-zewgt itfal xehdu illi l-imputat anke baghathom jixtru xi cikkulata f'xi okkazzjoni minnhom li juri kemm l-imputat fil-fatt ma kienx qieghed izommhom fil-fond in kwistjoni. Mhux biss, izda jirrizulta wkoll illi kien hemm okkazzjonijiet meta t-tfal dahlu u hargu mill-fond wahedhom, minghajr il-presenza tal-imputat, u dan per ezempju meta marru maghhom fil-*guest house* it-tewmin Claire u Amanda Bartolo, f'liema okkazzjoni l-ahwa jew min minnhom, hadu c-cavetta mil-*letter box* tal-istess *guest house* sabiex dahlu fiha flimkien mal-ahwa Bartolo u wara hargu lkoll flimkien x'hin riedu huma. L-istess gara fil-jum tas-Sibt 27 ta' April 1996, meta l-ahwa regghu dahlu fil-fond wahedhom, ghalkemm f'dik l-okkazzjoni, imbaghad, gew imwaqqfa mill-proprjetarju.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti hija tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx din l-imputazzjoni kontra l-imputat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Isegwi wkoll illi l-imputat lanqas ma ghandu jinstab hati taht l-Artikoli 87 u 88 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-Artikolu 198 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Skond l-Artikolu 198 tal-Kap. 9, "*Kull min, bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa disa' snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha*".

Essenzjalment, ir-reat ta' stupru jikkonsisti fil-kongungiment karnali cioe` l-introduzzjoni jew il-penetrazzjoni tal-organu genitali ta' persuna fl-organu genitali ta' persuna ohra. Dan il-kongungiment m'hemmx ghalfejn ikun komplut ghal kollox, izda huwa bizzejjed li jkun hemm bidu ta' penetrazzjoni. F'dan il-kaz, ma rrizulta bl-ebda mod illi kien hemm kongungiment karnali da parti tal-imputat mal-minuri nvoluti. Anzi kif xehed l-Ispettur Carmelo Bartolo, il-minuri dejjem insistew illi l-imputat qatt ma kellu x'jaqsam maghhom sesswalment u fil-fatt il-minuri m'ghamlu l-ebda allegazzjoni u ma taw l-ebda indikazzjoni ta' dan. Ghalhekk l-imputat zgur illi ma jistax jinstab hati ta' dan ir-reat.

**<u>L-Artikolu 199 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Dan l-artikolu jikkontempla r-reat ta' serq ta' persuna. L-ewwel sub-artikolu jikkontempla r-reat ta' serq ta' persuna bi vjolenza, fil-waqt li t-tieni sub-artikolu jitkellem dwar ir-reat ta' serq ta' persuna b'qerq jew b'seduzzjoni. Kif diga` inghad izjed il'fuq, ghalkemm it-tifel minuri xehed illi l-imputat kien geghlu jidhol fil-*guest house* in kwistjoni billi ghamillu l-mus ma' dahru u qallu li jekk ma jidholx huwa kien ser joqtlu, madankollu l-Qorti mhix konvinta minn din il-parti tax-xhieda tat-tifel. Ghalkemm it-tfal xehdu wkoll illi huma kienu jmorru fil-*guest house* ghaliex kienu jibzghu u dan ghaliex l-imputat kien jheddidhom li joqtolhom, il-Qorti ghandha wkoll certi dubji dwar dan u dan ghaliex il-jum li fih sehh l-abbuz fuq il-minuri ma rrizultax b'mod preciz mill-istess xhieda tal-minuri. Jista' jkun, anke a bazi ta' dak li tghid it-tifla quddiem il-Magistrat Inkwerenti, fis-sens illi l-abbuz kien sehh fil-jum ta' qabel instabu fil-*guest house* – ossia fis-26 ta' April 1996 – u anke mill-fatt li tghid illi ghall-ewwel kienet qeghda tieghu gost, izda wara ma baqghetx tiehu gost, illi ghall-ewwel jiem, il-minuri kienu qeghdin jidhlu fl-istess fond minghajr biza' u anke b'sens ta' avventura. Dan jista' jispjega wkoll ir-raguni ghaliex il-minuri hadu maghhom fl-istess *guest house* lill-ahwa Bartolo. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ma giex ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi illi t-tfal iddahhlu fil-post in kwistjoni bi vjolenza.

Lanqas ma jirrizulta illi l-imputat dahhal lill-minuri fil-fond b'seduzzjoni. Ghar-rigward tal-element tal-qerq, din il-Qorti wkoll ghandha d-dubji taghha, ghaliex mill-provi ma jirrizultax illi l-imputat dahhal il-minuri fil-*guest house* billi geghlhom jemmnu haga b'ohra, jew billi tahom xi raguni partikolari ghalfejn kellhom jidhlu fl-istess fond, liema raguni fil-fatt kienet wahda qarrieqa, izda x'aktarx illi l-imputat qalilhom biex jidhlu mieghu fl-istess fond u huma sempliciment ghamlu dan.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti hija tal-fehma illi r-reati kkontemplati taht dan l-artikolu tal-ligi, ma jirrizultawx pruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

**L-Artikolu 203 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Dan l-artikolu tal-ligi jitkellem dwar id-delitt ta' korruzzjoni ta' tfal taht l-eta`, liema delitt imbaghad jigi meqjus bhala aggravat meta tinkwadra xi wahda mic-cirkostanzi msemmija fil-proviso ghall-istess artikolu.

Dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, il-Qorti ser taghmel referenza ghan-noti tal-Professur Mamo - *Notes on Criminal Law* - fejn jelenka t-tlett elementi ta' dan r-reat u cioe`:

1. l-eta` tal-vittma li ghandha tkun inqas minn tmintax-il sena;
2. l-element materjali tar-reat u cioe' l-atti impudici maghmula jew fuq il-vittma jew fil-presenza tal-vittma;
3. il-korruzzjoni tal-minorenni.

In oltre issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tat-8 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet **Pulizija vs Thomas Wiffen**, fejn dwar l-element materjali ta' dan ir-reat, il-Qorti qalet is-segwenti:

"*For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual apetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts":*

"*Atti di libidine ... debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali" (Vol. VIII, parte 3, p.967).*

*[...] Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le cirostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a soddisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter who was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."*

Dwar ir-rekwizit tal-korruzzjoni per se l-istess Qorti tal-Appell, fl-imsemmija sentenza qalet hekk:-

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law:*

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime" (p. 226).*"

A bazi ta' din l-esposizzjoni legali dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni ikkontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern jirrizultaw l-estremi kollha ta' dan ir-reat. Mix-xhieda tal-istess minuri, fil-fatt jirrizulta kif l-imputat wera lill-minuri x'riedhom jaghmlu u dan billi pogga l-parti tieghu mal-hajt u beda jaghmel movimenti mal-hajt fis-sens illi beda jimbotta l-parti tieghu mal-hajt. It-tifel jghid illi l-imputat beda jmiss lilu nniffsu waqt li kien qed jaghmel dan u ma kellux qalziet ta' taht, u ghalkemm it-

tifla *a tempo vergine* tghid illi l-imputat kien bil-qalziet ta' taht, fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti, tghid ukoll illi l-imputat hareg il-parti tieghu u poggiha mal-hajt. Dan iwassal lill-Qorti sabiex temmen illi fil-fatt l-imputat hareg il-parti tieghu, fil-waqt illi baqa' bil-qalziet ta' taht u beda jaghmel movimenti mal-hajt sabiex juri lit-tfal x'riedhom jaghmlu. Iz-zewgt itfal ukoll qalu illi l-imputat beda jurihom x'kellhom jaghmlu billi urihom fuqu nniffsu. It-tifel indika quddiem il-Magistrat Inkwirenti illi ohtu qabditlu l-parti tieghu u bdiet ittella' u tnizzel b'idejha u qal illi dan uriha kif kellha taghmlu l-imputat meta miss lilu nniffsu u ghamel hekk mal-hajt. It-tifla qalet illi l-imputat wrieha kif tmiss lil huha u dan l-imputat ghamlu b'idejh fuqu nniffsu. In ogni caso kemm jekk baqa' jew ma baqax bil-qalziet ta' taht, dawn l-atti fil-fehma tal-Qorti jammontaw certament ghal *atti di libidine.* Li huwa zgur ukoll huwa illi l-imputat waqt dan kollu beda jecita s-sensi tieghu tant illi t-tifel qal ukoll illi waqt li l-imputat beda jimbotta mal-hajt, huwa beda jwegga` u dan it-tifel kien jafu, mhux ghaliex qallu l-istess imputat, izda ghaliex l-imputat beda jghajjat '*ah'.* It-tfal it-tnejn xehdu wkoll illi wara dan, waqt li kienu fuq is-sodda, huma tbewwsu, bdew imissu l-genitali taghhom ma' xulxin u bdew ukoll imissu lil xulxin – kif riedhom jaghmlu l-imputat - b'tali mod illi t-tifel sahansitra dahhal subajgh fil-genitali tat-tifla. Dwar dan it-tifel xehed illi l-imputat urieh jew qallu biex jiftah lil ohtu u jdahhal subajgh fiha.[117]

Huwa evidenti illi li kieku mhux ghax imgieghla mill-imputat u murija x'kellhom jaghmlu mill-imputat, it-tfal ma kinux jaghmlu dak li ghamlu, u dan jirrizulta car mix-xhieda tal-istess minuri. It-tifla fil-fatt kemm il-darba rrepetiet illi hija ma riditx taghmel dak li gie mitlub minnhom, fil-waqt illi t-tifel xehed ukoll illi huwa ddejjaq jaghmel dan kollu u t-tnejn qalu li ghamlu dan ghaliex l-imputat qalilhom li kien ser joqtolhom jekk ma jaghmlux hekk. Dawn l-atti ossia kemm dak li ghamel l-imputat fil-presenza tal-minuri, u kif ukoll l-atti li l-istess imputat gieghel lill-minuri jaghmlu bejniethom billi wriehom dak li kellhom jaghmlu, jammontaw certament ghal atti *"diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le cirostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a soddisfare siffatta concupiscenza"* u ghalhekk ghal *atti li libidine.*

Il-Qorti jidhrilha wkoll illi mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni jirrizulta wkoll ir-rekwizit tal-korruzzjoni per se kemm minhabba l-eta` zghira taz-zewgt itfal koncernati u n-natura tal-atti in kwistjoni, kif ukoll minhabba l-fatt li mix-xhieda taghhom jirrizulta car li huma ddejqu b'dak li kien gara. Dan johrog partikolarment b'mod car mix-xhieda tat-tifla minuri quddiem il-Magistrat Inkwerenti meta fl-ewwel lok fil-bidu lanqas biss riedet issemmi dak li attwalment kien sehh bejnha u bejn huha u tibqa' tghid illi huma fil-fatt ma

---

[117] A fol. 79 tal-*proces verbal.*

ghamlu xejn u telqu jigru l'barra, kif ukoll tinsisti kemm il-darba illi hija ma riedet taghmel xejn minn dan kollu u li hi u huha gew imgghela u murija kif jaghmlu dan mill-imputat. It-tifla anke tirrepeti dan mat-tabiba li nvistata, skond liema tabiba fil-fatt it-tifla qalet "*this person made my brother do rude things to me*". It-tifla tghid ukoll fix-xhieda taghha quddiem il-Magistrat Inkwirenti, illi ghalkemm hi u huha gieli laghbu fuq xulxin, izda qatt ma kienu ghamlu dawn l-affarijiet. Li t-tifel kien iddejjaq b'dak li kien gara jirrizulta wkoll mill-fatt li huwa sabbat il-*camera* mal-art u skond hu rema l-*film* – ghalkemm fil-fatt ma jirrizultax x'gara minn dan il-*film* ghax baqa' ma nstabx – u dan ghaliex ma riedx li l-imputat joqghod ihares lejn dawn ir-ritratti.

F'dan ir-rigward irid jinghad ukoll illi t-tehid ta' ritratti bla hwejjeg u l-fatt illi l-imputat qaghad jara kotba pornografici fil-presenza tal-minuri, b'tali mod illi huma setghu jaraw biss il-qoxra ta' barra ma huwiex proprjament "eghmil zieni" ghall-finijiet tal-Artikolu 203(1), izda huwa mezz iehor li bih wiehed jeccita, ighin jew jiffacilita l-korruzzjoni ta' minorenni. Dawn ta' l-ahhar illum huma kolpiti bl-Artikolu 203A tal-Kodici Kriminali, artikolu li dahal fis-sehh fis-sena 2002 u ghalhekk wara d-data indikata fl-imputazzjonijiet odjerni.

Illi mic-certifikati tat-twelid tal-minuri esebit fl-atti[118], jirrizulta li fil-mument li gara r-reat de quo huma kienu taht l-eta' ta' tnax-il sena u ghalhekk jissussiti l-aggravju ndikat fl-artiklu 203(1)(a) tal-Kodici Kriminali. In oltre l-istess reat sehh ukoll b'theddid, ghaliex kif xehdu kemm il-darba l-minuri, l-imputat qalilhom illi kemm il-darba ma jaghmlux dak mitlub minnhom, huwa kien ser joqtolhom u dan anke billi urihom il-mus esebit in atti. Din il-Qorti sejra ghalhekk issib lill-imputat hati ta' korruzzjoni ta' minorenni bic-cirkostanzi aggravanti ndikati fis-sub-inciz (a) u (b) tal-Artikolu 203(1).

Madankollu ghalkemm gie addebitat ukoll lill-imputat, l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta car mix-xhieda tal-minuri illi l-abbuz sesswali sehh biss f'okkazzjoni wahda. F'dan ir-rigward kien hemm biss diskrepanza wahda fix-xhieda taghhom, fis-sens illi fil-kontro-ezami tieghu, sena wara li sehh il-kaz, it-tifel qal illi dawn l-atti sehhew xi darbtejn u f'okkazzjonijiet differenti, izda mill-bqija t-tfal zammew ferm fil-verzjoni taghhom fis-sens illi l-abbuz sesswali sehh biss f'okkazzjoni wahda. Ghaldaqstant il-Qorti temmen illi fil-fatt dan l-abbuz sehh f'okkazzjoni wahda u ghalhekk l-imputat m'huwiex qed jinstab hati tar-reat kontinwat kif ikkontemplat fl-Artikolu 18 tal-Kap. 9.

**<u>L-Artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

[118] A fol. 166 u 167 tal-process.

L-Artikolu 207 indikat mill-Avukat Generali – li jittratta ir-reat ta' attentat ghall-pudur bi vjolenza - ser jigi meqjus li nghata bhala alternattiva ghar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203 li tieghu l-imputat ser jinstab hati.

**L-Artikolu 208 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-Artikolu 208 jittratta r-reati dwar oggetti pornografici jew oxxeni. Kemm is-subartikolu (1), kif ukoll is-subartikolu (2), jitkellmu dwar piena ta' prigunerija ghal zmien ta' sitt xhur sa tnax-il xahar, jew multa ta' mhux inqas minn elf Euro u mhux izjed minn tlett elef Euro, jew il-prigunerija u l-multa flimkien. Isegwi ghalhekk f'dan il-kaz illi l-massimu ta' prigunerija li jista' jehel l-imputat f'kaz ta' htija taht dawn is-sub-artikoli hija dik ta' sentejn, u dan meta applikat ukoll l-Artikolu 18 tal-Kap. 9, fil-massimu tieghu.

Il-preskrizzjoni applikabbli ghalhekk hija dik taht l-Artikolu 688(d) u cioe` dik ta' hames snin.

Illi waqt il-pendenzi ta' dawn il-proceduri, dahlu fis-sehh emendi fil-Kodici Kriminali rigwardanti l-ligi tal-preskrizzjoni. Dawn l-emendi fil-fatt dahlu fis-sehh fl-1 ta' Mejju 2002, bis-sahha tal-Att Nru. III tas-sena 2002. Bis-sahha tal-imsemmi Att, gie mizjud sub-artikolu gdid ghall-Artikolu 687 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond dan is-sub-artikolu:-

"*Iz-zmien ta' preskrizzjoni ghar-rigward ta' kull reat kriminali ghandu jkun sospiz mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuza jigu notifikati lill-persuna akkuzata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu inbdew bhala rizultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuza.*"

Illi stante illi r-reati allegatament kommessi mill-imputat sehhew fi zmien meta ma kinitx ghadha dahlet fis-sehh id-disposizzjoni tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 687 tal-Kap. 9, ghandha tapplika ghalhekk dik il-ligi li kienet fis-sehh qabel l-imsemmija emendi, liema ligi naturalment kienet izjed favorevoli ghall-imputat. Dwar dan u a skans ta' ripetizzjoni zejda, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha tat-30 ta' Settembru 2013 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Victor Pisani**, fejn gew spjegati ir-ragunijiet ghal din il-konkluzjoni.

Illi jirrizulta mill-atti illi fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2006, quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali. Minn dakinhar sal-udjenza tat-23 ta' Lulju 2007, il-kawza baqghet tigi differita, presubbilment ghat-trattazzjoni finali u hlief ghall-verbal wiehed tal-udjenza tad-9 ta' Jannar 2007, liema verbal jindika illi meta ssejjhet il-kawza ma deher hadd, il-verbali l-ohrajn ma jindikawx min deher jew jekk deherx l-akkuzat, izda jindikaw biss id-data tad-differiment. Fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2007,

il-kawza giet differita ghas-sentenza u baqghet tigi hekk differita sal-udjenza tal-31 ta’ Jannar 2013. Fl-udjenzi kollha bejn dawn id-dati, hlief ghall-udjenzi tas-27 ta’ Novembru 2007, tal-10 ta’ Gunju 2008 u tal-14 ta’ Ottubru 2008, hemm indikat fil-verbal relattiv illi ma deher hadd. Fil-verbali tat-tliet udjenzi msemmija, ma hemmx indikat min deher jew jekk deherx l-akkuzat, izda sempliciment id-data tad-differiment. L-imputat imbaghad deher ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti, kif presjeduta, fl-udjenza tat-8 ta’ April 2013. Dan ifisser illi l-ahhar dehra tal-imputat, qabel din l-udjenza, hija indikata bhala dik tas-7 ta’ Lulju 2006.

Illi kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta’ Novembru 2003, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Chetcuti et**, ghalkemm fuq punt differenti, izda waqt li dik il-Qorti, kienet qeghda tittratta dwar il-kontenut ta’ verbal:

*“Ir-regola hi li dak li sehh quddiem qorti u li hu, jew li jista’ jkun, ta’ importanza, jigi registrat fil-verbal ta’ dik l-udjenza. Sakemm ma jigix pruvat li dak li gie registrat fil-verbal ta’ l-udjenza ... gie registrat b’mod zbaljat jew inkomplet ... din il-Qorti necessarjament trid toqghod fuq il-verbal jew verbali li jkunu.”*

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-verbal ghandu jirrispekkja dak li jkun qieghed isehh matul il-kawza u la darba f’dawk il-verbali li ma jindikaw xejn hlief li l-kawza kienet qeghda tigi differita ghas-sentenza, ma jirrizultax illi l-imputat fil-fatt kien qieghed jidher, din il-Qorti ma tistax tassumi illi l-imputat kien qieghed jidher ghall-kawza jew izjed u izjed li kien notifikat biex jaghmel dan. Dan ir-ragunament tal-Qorti isib ukoll konfort fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta’ Settembru 2012 (App. Kriminali Nru. 451/2010), ghal liema sentenza din il-Qorti ghamlet referenza ampja fis-sentenza taghha fuq imsemmija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Victor Pisani**.

F’dan il-kaz, ma jirrizultax illi l-imputat kien qieghed jidher ghas-seduti mizmuma wara s-7 ta’ Lulju 2006 u dan sat-8 ta’ April 2013, u wisq inqas jirrizulta illi huwa kien qieghed jigi notifikat mill-prosekuzzjoni sabiex jidher ghal dawn is-seduti. Ghalhekk la darba jidher illi l-imputat la deher u lanqas gie notifikat mis-seduta tal-10 ta’ Ottubru 2006 u dan tal-inqas sas-seduta tal-31 ta’ Jannar 2013, ifisser illi ghaddew izjed minn hames snin bejn notifika u ohra. Ghalhekk l-azzjoni kriminali taht dan l-artikolu tal-ligi hija preskritta.

**L-Artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta**

Ir-reat taht dan l-artikolu tal-ligi huwa dak ta’ offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku. Il-piena kkontempla f’dan ir-reat hija dik ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur u multa. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-piena massima li tista’

tinghata ghal dan ir-reat hija dik ta' disa' xhur prigunerija u ghalhekk il-preskrizzjoni applikabbli f'dan il-kaz hija dik ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 688(e) tal-Kap. 9. Stante illi, kif inghad izjed il'fuq, la darba jidher illi l-imputat la deher u lanqas gie notifikat mis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2006 u dan tal-inqas sas-seduta tal-31 ta' Jannar 2013, ifisser illi ghaddew izjed minn sentejn bejn notifika u ohra. Ghalhekk anke l-azzjoni kriminali taht dan l-artikolu tal-ligi hija preskritta.

**L-Artikoli 284 u 285 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Dawn l-artikoli tal-ligi jittrattaw is-serq semplici, dwar liema reat, l-Artikolu 285 jikkontempla l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn xahar sa sitt xhur. Skond il-proviso ghall-istess artikolu, kemm il-darba il-valur tal-haga misruqa ma jkunx jeccedi €23.29, l-akkuzat jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur. Il-piena massima f'dan il-kaz hija ghalhekk dik ta' prigunerija ta' sitt xhur u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-massimu tieghu, din tista' tizdied sa sena. Il-preskrizzjoni applikabbli ghalhekk hija dik taht l-Artikolu 688(d) u cioe` dik ta' hames snin. Ghall-istess ragunijiet moghtija izjed il'fuq u la darba jidher illi l-imputat la deher u lanqas gie notifikat mis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2006 u dan tal-inqas sas-seduta tal-31 ta' Jannar 2013, ifisser illi ghaddew izjed minn hames snin bejn notifika u ohra. Ghalhekk anke l-azzjoni kriminali taht dan l-artikolu tal-ligi hija preskritta.

**L-Artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Taht dan l-artikolu, li jikkontempla l-offiza hafifa fuq il-persuna, il-piena massima kkontemplata fis-subartikolu (1) tal-istess artikolu, hija dik ta' prigunerija ghal zmien minn mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tizdied sa massimu ta' disa' xhur prigunerija. Il-preskrizzjoni applikabbli ghalhekk hija dik taht l-Artikolu 688(e) u cioe` dik ta' sentejn. Ghall-istess ragunijiet moghtija izjed il'fuq u la darba jidher illi l-imputat la deher u lanqas gie notifikat mis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2006 u dan tal-inqas sas-seduta tal-31 ta' Jannar 2013, ifisser illi ghaddew izjed minn sentejn bejn notifika u ohra. Ghalhekk anke l-azzjoni kriminali taht dan l-artikolu tal-ligi hija preskritta. Irid hawn jinghad ukoll illi l-Artikolu 221(2) jikkontempla wkoll il-kaz fejn l-offiza issir b'wiehed mill-mezzi imsemmija fl-artikolu 217, ossia b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jahraq jew li hu korroziv. Issa apparti illi l-prosekuzzjoni ma allegat fl-ebda hin illi l-offiza saret b'xi wahda minn dawn il-mezzi u ghalhekk ma jidhirx applikabbli dan is-sub-artikolu, in ogni caso il-piena ta' prigunerija ikkontemplata ghal dan ir-reat hija dik ghal zmien minn xahrejn sa sena u allura

ghall-istess ragunijiet spjegati izjed il'fuq, anke bl-applikazzjoni fil-massimu tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9, l-azzjoni kriminali taht dan is-subartikolu wkoll hija preskritta bl-applikazzjoni tal-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-Artikoli 325(a), (b) u (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Dan l-artikolu tal-ligi jittratta l-hsara volontarja. Issa f'dan il-kaz, skond l-istima pprezentata minn sid il-fond in kwistjoni, il-valur tal-hsara in kwistjoni kien jammonta ghas-somma ta' Lm75 ekwivalenti ghas-somma ta' €174.70 u ghalhekk, jekk ghandha tinstab xi htija tal-imputat taht dawn l-artikoli tal-ligi, zgur illi ma tistax tinstab htija taht l-Artikoli 325(1)(a) u (c), izda biss taht l-Artikolu 325(1)(b). Taht dan is-sub-artikolu tal-ligi, il-piena kkontemplata hija dik ta' prigunerija minn hames xhur sa sena, liema piena anke bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tista' tizdied sa massimu ta' sentejn prigunerija. Ghalhekk ghal ragunijiet indikati diga` izjed il'fuq, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9, li tikkontempla preskrizzjoni ta' hames snin, anke l-azzjoni kriminali taht dan is-sub-artikolu hija preskritta.

**L-Artikolu 339(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Dan l-artikolu jikkontempla reat kontravenzjonali li fir-rigward tieghu, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 688(f), il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' tliet xhur. Ghalhekk ghall-istess ragunijiet moghtija izjed il'fuq, anke l-azzjoni kriminali taht dan is-sub-artikolu hija preskritta.

**L-Artikoli 3 u 9 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta**

Dawn l-artikoli tal-ligi jirreferu ghal arma tan-nar jew munizzjon. Stante illi ma jirrizultax illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu xi arma tan-nar jew munizzjon, il-Qorti mhijiex qeghda ssib lill-imputat hati taht dawn l-artikoli.

**L-Artikolu 13 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta**

Skond l-Artikolu 13 tal-Kap. 66, il-piena li kienet applikabbli ghal dan ir-reat fiz-zmien li sehh, hija dik ta' multa ta' mhux izjed minn hamsin Lira Maltin jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet xhur. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9, dan ifisser illi l-piena massima fil-kaz ta' dan ir-reat hija dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn disa' xhur. Ifisser ukoll illi z-zmien ta' preskrizzjoni applikabbli huwa dak ta' sentejn u dan skond l-Artikolu 688(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghall-istess ragunijiet moghtija izjed il'fuq, isegwi ghalhekk illi l-azzjoni kriminali taht dan l-artikolu tal-ligi hija preskritta.

**L-Artikolu 25 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta**

Il-piena kkontemplata taht dan l-artikolu, fil-kaz tal-ewwel reat, hija dik ta' multa ta' mhux anqas minn hamsin lira, izda mhux izjed minn mitejn lira, jew prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tliet xhur, izda mhux izjed minn sitt xhur jew ghal dik il-multa u prigunerija flimkien. Fil-kaz tat-tieni reat jew reat sussegwenti, il-piena hija dik ta' multa ta' mhux inqas minn mitejn lira izda mhux izjed minn hames mitt lira jew prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn sitt xhur, izda mhux izjed minn tnax-il xahar jew ghal dik il-multa u prigunerija flimkien. Isegwi ghalhekk illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9, il-piena massima fil-kaz ta' dan ir-reat hija dik ta' sentejn. Il-preskrizzjoni applikabbli ghalhekk hija dik taht l-Artikolu 688(d) u cioe` dik ta' hames snin. Ghall-istess ragunijiet moghtija izjed il'fuq, ifisser illi ghaddew izjed minn hames snin bejn notifika u ohra. Ghalhekk anke l-azzjoni kriminali taht dan l-artikolu tal-ligi hija preskritta.

**L-Artikolu 26 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta**

Dan l-artikolu jghid hekk:-

"*Bla hsara ghal kull disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali applikabbli ghall-uzu ta' armi tan-nar, kull persuna li, -*

*(a) fil-hin li taghmel delitt kontra s-sigurta` tal-Gvern jew kontra l-persuna (barra minn omicidju involontarju jew offiza fuq il-persuna involontarja) jew id-delitt ta' serq jew ta' hsara lil proprjeta` (barra minn hsara involontarja lil proprjeta`); jew*
*(b) fil-hin li tigi arrestata ghall-eghmil ta' xi delitt,*

*ikollha fuq il-persuna taghha xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinstab hatja, prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn, kemm il-darba ma tippruvax li dak il-hin kienet qed iggorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari ghal xi ghan legittimu.*"

Illi jibda biex jinghad illi l-imputat ma jistax jinstab hati tar-reat ikkontemplat fis-sub-artikolu (b) ta' dan l-artikolu ghaliex l-ewwel darba li l-imputat gie arrestat, il-mus ma nstabx fuq il-persuna tieghu, izda f'kamra fir-residenza tal-istess imputat. In oltre sabiex jissussistu l-elementi kollha ta' dan ir-reat, irid jirrizulta ppruvat mhux biss illi l-imputat ikkommetta xi wiehed mid-delitti msemmija fis-sub-artikolu (a) tal-Artikolu 26, izda wkoll illi f'dak il-mument,

huwa kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar, arma regolari jew imitazzjoni ta' dawn.

M'hemmx dubbju illi l-imputat ma kkommetta l-ebda delitt kontra s-sigurta` tal-Gvern. Ghar-rigward tad-delitt kontra l-persuna u dan b'referenza ghar-reat ta' offiza hafifa fuq il-persuna, ghalkemm jirrizulta illi l-imputat kellu fuq il-persuna tieghu mus li permezz tieghu hedded lill-minuri sabiex jaghmlu dak mitlub minnu, u ghalkemm it-tfal jghidu illi l-imputat sawwat lit-tifel, hemm dubbju dwar il-mument li fih l-imputat ghamel dan u cioe` jekk dan sehhx minhabba li l-minuri sabbat il-*camera* tal-imputat mal-art, kif tghid it-tifla, jew ghaliex il-minuri ma riedx jaghmel dak mitlub lilu mill-imputat fis-sens illi ma riedx li jqieghed is-sodod ma' xulxin, kif jghid it-tifel. Ghalhekk m'hemmx certezza dwar il-mument li fih sehh dan l-allegat swat u inqas u inqas ghalhekk jista' jkun hemm certezza dwar jekk f'dak il-mument l-imputat kellux fuq il-persuna tieghu l-arma regolari, ossia l-mus. Jirrizulta mix-xhieda tat-tfal illi l-incident tal-*camera* ma sehhx fl-istess jum tal-abbuz sesswali, izda f'xi okkazzjoni ohra (ghalkemm in kontro-ezami, izda izjed minn sena wara li kien sehh il-kaz odjern it-tifla xehdet illi l-abbuz u l-incident tal-*camera* sehhew fl-istess jum) u ghalhekk il-Qorti ma tistax tasal ghal konvinciment morali illi waqt l-allegat swat fuq il-minuri, l-imputat kellu fuq il-persuna tieghu l-mus in kwistjoni. Dwar il-feriti ta' natura hafifa li nstabu fuq it-tifla, ghalkemm irrizulta car illi fil-hin tal-abbuz, l-imputat kellu f'idejh il-mus, madankollu rrizulta car ukoll illi dawn il-feriti ma gewx ikkagunati mill-imputat, izda mit-tifel fuq ohtu. L-istess irid jinghad fir-rigward tad-delitt ta' hsara lill-proprjeta`. Ghalkemm hemm provi indizjarji u anke diretti li juru illi fil-fatt kien l-imputat li kkommetta din il-hsara, madankollu m'hemmx certezza dwar il-mument li fiha l-imputat ghamel dan u jekk f'dak il-mument, huwa kellux il-mus in kwistjoni fuq il-persuna tieghu.

Fir-rigward tad-delitt ta' serq, jidher illi dan ir-reat gie addebitat lill-imputat fir-rigward tat-tehid tac-cavetta tal-fond in kwistjoni. Issa kif diga` inghad izjed il'fuq, jirrizulta illi l-mus inzamm f'xi hin mill-imputat sabiex igieghel lit-tfal jaghmlu atti sesswali bejniethom. Lanqas madankollu jirrizulta b'mod cert il-jum li fih sehhew dawn l-atti, ghajr li sehhew fil-gimgha ta' bejn it-22 ta' April 1996 u s-27 ta' April 1996 u ghalkemm x'aktarx kien l-imputat li uza c-cwievet tal-fond sabiex jidhol fih l-ewwel darba mal-minuri u ghalkemm ukoll huwa evidenti illi kien hemm okkazzjoni li fiha l-imputat dahal bil-mus fil-fond, m'hemmx certezza dwar x'ghamel biex dahal fil-fond f'dik l-okkazzjoni li sehh l-abbuz u cioe` jekk dahalx billi fetah huwa stess jew inkella jekk fethulux il-minuri sabiex jidhol. Kif diga` inghad, ghalkemm it-tifel xehed f'okkazzjoni minnhom illi l-imputat kien jiehu c-cwievet mieghu, irrizulta car illi f'zewg okkazzjonijiet il-minuri dahlu fil-fond huma stess wahedhom u dan billi uzaw ic-cwievet li kienu sabu fil-kaxxa tal-ittri. Bl-istess mod m'hemmx certezza

dwar x'ghamel l-imputat dakinhar li abbuza sesswalment mill-minuri sabiex hareg mill-fond odjern, meta allura kellu l-mus fuq il-persuna tieghu, u jekk ghamilx uzu mic-cwievet tal-fond in kwistjoni biex ghamel dan.

Ghaldaqstant, il-Qorti mhijiex sodisfatta illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova illi l-imputat ikkommetta dan ir-reat sal-grad rikjest mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni min-naha l-wahda, il-fatt illi l-imputat kellu fedina penali netta meta gie kommess ir-reat in kwistjoni u min-naha l-ohra, l-gravita` tar-reat li tieghu l-imputat qed jinstab hati u l-eta` tenera tal-vittmi. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti jidhrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 20 ta' Dicembru 1996 u senjatament l-Artikoli 18, 86, 87, 88, 198, 199, 201, 202, 203, 206, 207, 208, 209, 221, 284, 285, 325(a), (b) u (c) u 339(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 3, 9, 13, 19, 23, 25, 26 u 27 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tar-reat taht l-Artikolu 203(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif aggravat taht is-sub-artikoli (a) u (b) tal-istess artikolu u tikkundannah ghall-piena ta' **tliet (3) snin prigunerija** - mil-liema zmien ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat inzamm taht arrest preventiv – u fil-waqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-reat addebitat lill-hati taht l-Artikolu 207 tal-Kap. 9, stante li gie meqjus bhala alternattiv ghar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203(1) tal-istess Kapitolu, ssibu mhux hati tar-reati addebitati lilu taht l-Artikoli 18, 86, 87, 88, 198, 199 u 325(1)(a) u (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taht l-Artikoli 3, 9 u 26 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberah minnhom, u bl-applikazzjoni tal-Artikoli 31 u 688 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi wkoll illi r-reati taht l-Artikoli 208, 209, 221, 284, 285, 325(1)(b) u 339(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dawk taht l-Artikoli 13 u 25 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta huma preskritti u ghalhekk l-imputat qed jigi lliberat minn kull htija anke fir-rigward ta' dawn ir-reati.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tal-*magazines* pornografici, il-mus, il-*camera* u l-karti tal-loghob esebiti in atti.

Il-Qorti qed tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta' isem il-minuri koncernati u tal-familjari u hbieb taghhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali hekk kif l-istess sentenza tghaddi in gudikat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------